# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 549.100

## REGOLAMENTI DWAR PJAN TA' AZZJONI FIL-QAFAS TAL-POLITIKA TAL-ILMA

23 ta' Ottubru, 2015

*L-AVVIŻ LEGALI 345 tal-2015, kif emendat bl-Att XVII tal-2024.*

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qafas tal-Politika tal-Ilma. Titolu.

**2.** (1) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa li jkun stabbilit pjan għall-ħarsien ta' ilmijiet tal-wiċċ interni, ilmijiet transizzjonali, ilmijiet kostali, u ilma ta' taħt l-art kif ukoll biex jimplimenta id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Skop.

(2) Dawn ir-regolamenti jittrasponu l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2009/31/KE dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-dijossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttivi 85/337/KEE, 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006.

(3) Dawn ir-regolamenti jipprovdu għall-implimentazzjoni f'Malta u Għawdex ta' *Standards* ta'' Kwalità Ambjentali (EQS) għal sustanzi prijoritarji u ċerti kontaminanti oħrajn, bl-għan li jinkiseb status kimiku tajjeb tal-ilma tal-wiċċ billi jittrasponu d-Direttiva 2013/39/UE tal-Parlament Ewopew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu, 2013 li temenda d-Direttivi 2000/60/KE u 2008/105/KE rigward sustanzi prijoritarji fil-qasam tal-politika tal-ilma.

(4) Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu kriterji minimi ta' prestazzjoni għal metodi ta' analiżi li għandhom jiġu applikati mill-awtorità kompetenti meta jsir monitoraġġ tal-istat tal-ilma, tas-sediment u tal-bijota, kif ukoll regoli biex jipprovaw il-kwalità tar-riżultati analitiċi, billi jittrasponu d-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/90/KE tal-31 ta' Lulju 2009 li tistipula, skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, speċifikazzjonijiet tekniċi għall-analiżi u l-monitoraġġ kimiku tal-istat tal-ilma.

(5) Dawn ir-regolamenti jipprovdu għad-Direttiva 2014/101/UE li temenda d-Direttiva 2000/60/KE biex tinkludi l-Anness V emendat.

**3.** (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx xort'oħra: Tifsir.

"akwifer" tfisser strat jew strati ta' blat taħt l-art, jew strata ġeoloġika oħra ta' porożità u permeabbiltà suffiċjenti li jippermettu jew tnixxija sinifikanti ta' ilma ta' taħt l-art jew l-astrazzjoni ta' kwantitajiet sinifikanti ta' ilma ta' taħt l-art;

"approċċ kombinat" tfisser il-kontroll tal-ħruġ u tal-emissjonijiet fl-ilmijiet tal-wiċċ skont l-approċċ stabbilit fir-regolament 11;

"l-awtorità kompetenti" tfisser il-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa sa fejn għandu x'jaqsam l-ilma intern u l-Awtorità għall-

Ambjent u r-Riżorsi għal fejn għandu x'jaqsam l-ilma kostali:

Iżda l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi tkun responsabbli wkoll għall-korpi ta' ilma tal-wiċċ li jkunu jinsabu f'żoni li huma skedati taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent jew l-Att dwar r-Riżerva Naturali ta' Filfla, kif ukoll korpi ta' ilma tal-wiċċ li jkollhom fihom speċi protetti taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent jew żoni oħra li għandhom importanza ekoloġika jew xjentifika skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent;

Kap. 549.
Kap. 323.

"il-*catchment* tal-ilma" tfisser l-inħawi tal-art li minnha it-tnixxija kollha tgħaddi minn sekwenza ta' nixxigħat, xmajjar u, possibbilment, lagi għal ġol-baħar f'punt wieħed fit-tmiem, fl-estwarju, jew fid-delta ta' xmara;

"distrett tal-*catchment* tal-ilma" tfisser l-inħawi tal-art u tal-baħar, magħmula minn wieħed jew aktar mill-*catchments* tal-ilma flimkien mal-ilmijiet tal-art u l-ilmijiet kostali assoċjati tagħhom;

"ħruġ dirett għal ġol-ilma ta' taħt l-art" tfisser ħruġ ta' pollutanti fl-ilma ta' taħt l-art mingħajr perkolazzjoni fil-ħamrija jew fil-ħamrija ta' taħt;

"għadira" tfisser korp ta' ilma tal-wiċċ intern qiegħed;

"ilma intenzjonat għall-konsum uman" tfisser -

(*a*) l-ilma kollu jew fl-istat oriġinali tiegħu inkella wara li jkun ittrattat, intenzjonat għax-xorb, għat-tisjir, għall-preparazzjoni tal-ikel jew għal skopijiet domestiċi oħra, minkejja l-oriġini tiegħu sew jekk hu fornut minn netwerk ta' distribuzzjoni, minn tanker, kif ukoll minn fliexken jew kontenituri;

(*b*) l-ilma kollu użat fi kwalunkwe impjant tal-produzzjoni tal-ikel għall-manifattura, l-ipproċessar, il-preservazzjoni, jew in-negozju ta' prodotti jew sustanzi intenzjonati għall-konsum uman sakemm l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu sodisfatti li l-kwalità tal-ilma ma tistax taffettwa t-totalità tal-prodott tal-ikel fil-forma lesta tiegħu;

"ilma intern" tfisser l-ilma kollu qiegħed jew miexi fuq wiċċ l-art, u l-ilma kollu tal-art fuq in-naħa ta' ġewwa tal-linja-bażi li minnha titkejjel il-firxa tal-ilmijiet territorjali;

"ilma kostali" tfisser ilma tal-wiċċ fuq in-naħa tal-art ta' linja, li kull punt tagħha jinsab f'distanza ta' mil nawtiku fuq in-naħa tal-baħar minn l-eqreb punt tal-linja-bażi li minnha titkejjel il-firxa tal-ilmijiet territorjali, u li testendi fejn xieraq sal-linja ta' barra tal-ilmijiet transizzjonali;

"ilma tal-wiċċ" tfisser ilmijiet interni, minbarra l-ilma ta' taħt l-art; l-ilmijiet transizzjonali, u l-ilmijiet kostali, għajr rigward l-istatus kimiku li għalih għandhom ikunu wkoll inklużi l-ilmijiet territorjali;

"ilma ta' taħt l-art" tfisser l-ilma kollu li jinsab taħt il-wiċċ tal-art fiż-żona ta' saturazzjoni u f'kuntatt dirett mal-art jew mal-

ħamrija tal-art;

"ilmijiet transizzjonali" huma l-korpi tal-ilma tal-wiċċ fil-qrib tat-tmiem tal-*catchments* tal-ilma li huma parzjalment mielħa fil-karattru bħala riżultat tal-qrubija tagħhom għall-ilmijiet kostali imma li huma sostanzjalment influwenzati mill-inżul ta' ilma ħelu;

"inċertezza tal-kejl" tfisser parametru mhux negattiv li jikkaratterizza d-dispersjoni tal-valuri ta' kwantità attribwiti għal valur li għandu jitkejjel u bbażati fuq it-tagħrif li ntuża;

"inħawi mħarsa" tfisser dawk l-inħawi li jeħtieġ li jkunu inklużi fir-reġistru stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 7 kif deskritt fl-Iskeda IV;

"inkwinament" tfisser id-dħul dirett jew indirett bħala riżultat tal-attività umana, ta' sustanzi, jew sħana fl-arja, fl-ilma, jew fl-art li jistgħu jkunu ta' dannu għas-saħħa umana jew għall-kwalità tal-ekosistemi akkwatiċi jew terrestri li jiddependu direttament fuq l-ekosistemi akkwatiċi, li jirriżultaw fi ħsara għal proprjetà materjali, jew itellfu jew ifixklu l-mezzi u użu leġittimu ieħor tal-ambjent;

"kontrolli ta' emissjonijiet" huma kontrolli li jinħtieġu limitu ta' emissjoni speċifika, per eżempju valur tal-limitu ta' emissjoni, jew inkella limiti jew kundizzjonijiet speċifikanti fuq l-effetti, in-natura, jew karatteristiċi oħra ta' emissjoni jew tal-kundizzjonijiet operattivi li jaffettwaw l-emissjonijiet. L-użu tat-terminu 'kontroll ta' emissjoni' f'dawn ir-regolamenti fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' xi regolamenti oħra ma għandux jinżamm bħala li qed jinterpreta mill-ġdid b'xi mod dawk id-dispożizzjonijiet;

"korp tal-ilma artifiċjali" tfisser korp ta' ilma tal-wiċċ maħluq minn l-attività umana;

"korp tal-ilma modifikat sewwa" tfisser korp tal-ilma tal-wiċċ li b'riżultat ta' alterazzjonijiet fiżiċi kkawżati minn attività umana, jinbidel sostanzjalment fil-karattru, kif iddisinjat mill-awtorità kompetenti skont id-dispożizzjonijiet tal-Iskeda II;

"korp tal-ilma ta' taħt l-art" tfisser volum imdaqqas tal-ilma ta' taħt l-art fl-akwifer jew akwifers;

"korp tal-ilma tal-wiċċ" tfisser element diskret u sinifikanti tal-ilma tal-wiċċ bħalma huma għadira, ġibjun, nixxiegħa, xmara, jew kanal, parti minn nixxiegħa, ilma transizzjonali, jew firxa ta' ilma kostali;

"korsa tal-ilma" tfisser korp ta' ilma intern nieżel, fil-parti l-kbira tiegħu, fuq il-wiċċ tal-art, imma li jista' jinżel ukoll taħt l-art għal parti mill-korsa tiegħu;

"il-limitu ta' individwazzjoni" tfisser is-sinjal tal-*output* jew il-valur tal-konċentrazzjoni li 'l fuq minnu jista' jiġi affermat, f'livell ta' kunfidenza stabbilit, li kampjun huwa differenti minn kampjun null li ma fih l-ebda determinant ta' interess;

"il-limitu ta' kwantifikazzjoni" tfisser multiplu tal-limitu ta' individwazzjoni stabbilit f'konċentrazzjoni tad-determinant li jista' jiġi stabbilit b'mod raġonevoli b'livell aċċettabbli ta' reqqa u preċiżjoni. Il-limitu ta' kwantifikazzjoni jista' jiġi kalkulat bl-użu

ta' *standard* jew kampjun xieraq, u jista' jinkiseb mill-punt ta' kalibrazzjoni l-aktar baxx fuq il-kurva ta' kalibrazzjoni, bin-null eskluż;

"matriċi" tfisser kompartament ta' ambjent akkwatiku, jiġifieri ilma, sediment jew bijota;

"objettivi ambjentali" tfisser l-objettivi stabbiliti fir-regolament 5;

"pollutant"" tfisser kwalunkwe sustanza li tista' tikkawża inkwinament, partikolarment dawk elenkati fl-Iskeda VIII;

"potenzjal ekoloġiku tajjeb" huwa l-istatus ta' korp ta' ilma modifikat sewwa jew korp ta' ilma artifiċjali, hekk ikklassifikat skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' Skeda V;

"riżorsi ta' ilma ta' taħt l-art disponibbli" tfisser ir-rata medja annwali fit-tul tal-iċċarġjar mill-ġdid kollu tal-korp tal-ilma ta' taħt l-art imnaqqsa bir-rata annwali fit-tul tat-tnixxija meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi ta' kwalità ekoloġika għall-ilmijiet tal-wiċċ assoċjati, speċifikati fir-regolament 5, biex tkun evitata kwalunkwe ħsara sinifikanti lill-ekosistemi terrestri assoċjati;

"servizzi tal-ilma"" tfisser is-servizzi kollha li jipprovdu, għad-djar, għall-istituzzjonijiet pubbliċi, jew għal kwalunkwe attività ekonomika -

(*a*) astrazzjoni, żamma, ħażna, trattament, u distribuzzjoni ta' ilma tal-wiċċ jew tal-art,

(*b*) ġbir ta' ilma ħażin u faċilitajiet ta' trattament li sussegwentament jitbattlu fl-ilma tal-wiċċ;

"*standard* ta' kwalità ambjentali" tfisser il-konċentrazzjoni ta' pollutant partikolari jew grupp ta' pollutanti fl-ilma, sediment jew bijota, li m'għandhomx ikunu maqbuża biex ikunu mħarsa s-saħħa umana u l-ambjent;

"status ekoloġiku" hija espressjoni tal-kwalità tal-istruttura u l-funzjoni tal-ekosistemi akkwatiċi assoċjati mal-ilma tal-wiċċ, ikklassifikati skont l-Iskeda V;

"status ekoloġiku tajjeb" huwa l-istatus ta' korp ta' ilma tal-wiċċ, hekk kif klassifikat skont l-Iskeda V;

"status tal-ilma ta' taħt l-art" hija espressjoni ġenerali tal-istatus ta' korp tal-ilma ta' taħt l-art, iddeterminat minn l-ifqar ta' bejn l-istatus kwantitattiv u l-istatus kimiku tiegħu;

"status tal-ilma tal-wiċċ" hija espressjoni ġenerali tal-istatus ta' korp tal-ilma tal-wiċċ, iddeterminat minn l-ifqar ta' bejn l-istatus ekoloġiku u l-istatus kimiku tiegħu;

"status kimiku tajjeb ta' ilma ta' taħt l-art" huwa l-istatus kimiku ta' korp ta' ilma ta' taħt l-art, li jissodisfa l-kundizzjonijiet tat-tabella 2.3.2 tal-Iskeda V;

"status kimiku tajjeb tal-ilma tal-wiċċ" tfisser l-istatus kimiku meħtieġ biex jilħaq l-objettivi ambjentali għall-ilmijiet tal-wiċċ stabbiliti fir-regolament 5(1)(*a*), jiġifieri li l-istatus kimiku milħuq minn korp ta' ilma tal-wiċċ li fih il-konċentranti ta' pollutanti ma

jaqbżux l-i*standards* ta' kwalità ambjentali stabbiliti fl-Iskeda IX u skont leġiżlazzjoni oħra rilevanti li tistabbilixxi l-i*standards* ta' kwalità ambjentali;

"status kwantitattiv" hija espressjoni tal-grad li bih ikun effetwat korp ta' ilma ta' taħt l-art minn astrazzjonijiet diretti jew indiretti;

"status kwantitattiv tajjeb" huwa l-istatus imfisser fit-tabella 2.1.2 tal-Iskeda V;

"status tajjeb tal-ilma taħt l-art" tfisser l-istatus milħuq minn korp ta' ilma ta' taħt l-art meta kemm l-istatus kwantitattiv kif ukoll l-istatus kimiku tiegħu huma għall-inqas "tajbin";

"status tajjeb ta' ilma tal-wiċċ" tfisser l-istatus milħuq minn korp ta' ilma tal-wiċċ meta kemm l-istatus ekoloġiku kif ukoll l-istatus kimiku tiegħu huma għallinqas "tajbin";

"*sub-catchment*" tfisser l-inħawi tal-art li minnha t-tnixxija kollha tinfirex fuq il-wiċċ tal-art permezz ta' serje ta' nixxigħat, xmajjar u possibilment, għadajjar għal punt partikolari f'korsa tal-ilma;

"sustanzi ta' prijorità" tfisser sustanzi li l-lista tagħhom tinstab fl-Iskeda X. Fost dawn is-sustanzi hemm "sustanzi perikolużi ta' prijorità" li tfisser sustanzi identifikati bħala tali fl-Iskeda X;

"sustanzi perikolużi" tfisser sustanzi jew gruppi ta' sustanzi li huma tossiċi, perisistenti, u suġġetti għal bijo-akkumulazzjoni u sustanzi oħra jew gruppi ta' sustanzi li jwasslu għal livell ekwivalenti ta' tħassib;

"*taxon* tal-bijota" tfisser *taxon* akkwatiku partikolari fil-livell tassonomiku "*sub-phylum*", "klassi"" jew l-ekwivalenti tagħhom;

"użu tal-ilma"" tfisser servizzi tal-ilma flimkien ma' kwalunkwe attività oħra identifikata fir-regolament 6 u fl-Iskeda II, li jkollhom impatt sinifikanti fuq l-istatus tal-ilma. Dan il-kunċett japplika għall-iskopijiet tar-regolament 2 u tal-analiżi ekonomika mwettqa skont ir-regolament 6 u l-Iskeda II, punt (*b*);

"valuri tal-limitu ta' emissjoni"" tfisser il-massa, espressa f'termini ta' ċerti parametri speċifiċi, konċentrazzjoni, u jew livell ta' emissjoni, li ma jistgħux jkunu maqbuża matul perjodu jew perjodi ta' żmien. Valuri tal-limitu ta' emissjoni jistgħu jkunu wkoll stabbiliti għal ċerti gruppi, familji, jew kategoriji ta' sustanzi, partikolarment għal dawk identifikati fl-Iskeda X:

Iżda l-valuri tal-limitu ta' emissjoni għal sustanzi għandhom normalment japplikaw fil-punt fejn l-emissjonijiet iħallu l-installazjoni, b'kull dilwazzjoni titwarrab meta jkunu qegħdin jiġu stabbiliti. Rigward tluq indirett fl-ilma, l-effett ta' impjant tat-trattament tal-ilma ħażin jista' jittieħed f'kunsiderazzjoni meta jkunu qegħdin jiġu stabbiliti l-valuri tal-limitu ta' emissjoni tal-installazzjonijiet involuti, hekk iżda li livell ekwivalenti jkun garantit għall-ħarsien tal-ambjent kollu kemm hu u hekk iżda li dan ma jwassalx għal livelli ogħla ta' inkwinament fl-ambjent;

(2) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, kull referenza għal Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandha tinqara u tinftiehem bħala referenza għal dawk ir-regolamenti li jkunu

jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' dik id-direttiva fil-liġi Maltija.

Koordinazzjoni ta' arranġamenti amministrattvi fid-distretti tal-*catchment* tal-ilma.

**4.** (1) Għandu jkun hemm distrett wieħed tal-*catchments* tal-ilma tal-wiċċ ta'' Malta u Għawdex.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri neċessarji kollha biex tiżgura arranġamenti amministrattivi xierqa għall-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti fl-inħawi ta' kull distrett tal-*catchment* li jinsab f'Malta.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura li l-ħtiġiet ta' dawn ir-regolament għall-kisba tal-objettivi ambjentali stabbiliti fir-regolament 5, u partikolarment il-programmi kollha tal-miżuri, ikunu koordinati għad-distrett tal-*catchment* kollu.

(4) Għandha tinkiseb l-aċċettazzjoni tal-Ministru responsabbli għar-riżorsi u tal-Ministru responsabbli għall-ambjent għall-pjanijiet tal-immaniġġar tal-*catchment* tal-ilma, l-objettivi ambjentali u l-miżuri stabbiliti skont dawn ir-regolamenti.

Objettivi ambjentali.

**5.** (1) Fit-tħaddim tal-programmi ta' miżuri speċifikati fil-pjanijiet tal-immaniġġar tal-*catchment* tal-ilma -

(*a*) għal ilmijiet tal-wiċċ, mingħajr preġudizzju għal xi ftehim internazzjonali rilevanti:

(i) l-awtorità kompetenti għandha timplimenta l-miżuri meħtieġa biex tevita d-deterjorament tal-istatus tal-korpi kollha tal-ilma tal-wiċċ suġġetti għall-applikazzjoni tas-subregolamenti (6) u (7) u mingħajr preġudizzju għas-subregolament (8);

(ii) l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tipproteġi, ittejjeb u tirrestawra l-korpi kollha tal-ilma tal-wiċċ, suġġetti għall-applikazzjoni tas-subparagrafu (iii) għal korpi tal-ilma artifiċjali u modifikati sewwa, bl-iskop li jinkiseb status ta' ilma tal-wiċċ tajjeb sa l-aħħar ta' Novembru tas-sena 2015, skont id-disposizzjonijiet stabbiliti fl-Iskeda V, suġġett għall-applikazzjoni tal-estensjonijiet stabbiliti skont is-subregolament (4) u għall-applikazzjoni tas-subregolamenti (5), (6) u (7) mingħajr preġudizzju għas-subregolament (8);

(iii) l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tipproteġi, ittejjeb u tirrestawra l-korpi kollha artifiċjali jew modifikati sewwa ta' ilma, bil-għan li jinkiseb potenzjal ekoloġiku tajjeb u status kimiku tajjeb ta' ilma tal-wiċċ sal-aħħar ta' Novembru tas-sena 2015, skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Iskeda V, suġġett għall-applikazzjoni tal-estensjonijiet stabbiliti skont is-subregolament (4) u għall-applikazzjoni tas-subregolamenti (5), (6) u (7) mingħajr preġudizzju għas-subregolament (8);

(iv) l-awtorità kompetenti għandha timplimenta l-

miżuri meħtieġa għat-tnaqqis progressiv minn sustanzi ta' prijorità u l-qtugħ jew it-temm għal kollox ta' emissjonijiet, ħruġ u telf ta' sustanzi perikolużi ta' prijorità;

(*b*) għall-ilma ta' taħt l-art:

(i) l-awtorità kompetenti għandha timplimenta l-miżuri meħtieġa biex tevita jew tillimita d-dħul ta' pollutanti fl-ilma ta' taħt l-art u biex tevita d-deterjorament tal-istatus tal-korpi kollha tal-ilma ta' taħt l-art, suġġetti għall-applikazzjoni tas-subregolamenti (6) u (7) u mingħajr preġudizzju għas-subregolament (8) u suġġetti għall-applikazzjoni tar-regolament 12(3)(*j*);

(ii) l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tipproteġi, ittejjeb u tirrestawra l-korpi kollha tal-ilma taħt l-art, tiżgura bilanċ bejn l-astrazzjoni u l-iċċarġjar mill-ġdid tal-ilma ta' taħt l-art, bl-iskop li jinkiseb status ta' ilma ta' taħt l-art tajjeb sa l-aħħar ta' Novembru 2015, skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Iskeda V, suġġett għall-applikazzjoni tal-estensjonijiet stabbiliti skont is-subregolament (4) u għall-applikazzjoni tas-subregolamenti (5), (6) u (7) mingħajr preġudizzju għas-subregolament (8) u suġġett għall-applikazzjoni tar-regolament 12 (3)(*j*);

(iii) l-awtorità kompetenti għandha timplimenta l-miżuri meħtieġa biex iddawwar kwalunkwe tendenza sinifikanti 'l fuq u sostnuta fil-konċentrazzjoni ta' xi pollutant li tirriżulta mill-impatt tal-attività umana biex progressivament tnaqqas l-inkwinament tal-ilma ta' taħt l-art, iżda hekk li l-miżuri biex jinkiseb riversament tat-tendenza jkunu implimentati suġġett għall-applikazzjoni tas-subregolamenti (6) u (7) mingħajr preġudizzju għas-subregolament (8);

(*ċ*) għal inħawi protetti, l-awtorità kompetenti għandha tikseb konformità ma' kwalunkwe *standards* u objettivi sal-aħħar ta' Novembru 2015, sakemm ma jkunx mod ieħor speċifikat fil-leġislazzjoni li fiha l-inħawi mħarsa individwali jkunu ġew stabbiliti.

(2) Fejn aktar minn waħda mill-objettivi taħt is-subregolament (1) jirrelataw ma' korp speċifikat tal-ilma għandhom japplikaw dawk l-objettivi li jkunu l-aktar stretti.

(3) L-awtorità kompetenti tista' tiddefinixxi korp tal-ilma tal-wiċċ bħala artifiċjali jew modifikat sewwa, meta:

(*a*) il-bidliet għall-karratteristiċi idromorfoloġiċi ta' dak il-korp li jkunu meħtieġa biex jinkiseb status ekoloġiku tajjeb jkollhom effetti avversi sinifikanti fuq:

(i) l-ambjent aktar wiesa';

(ii) in-navigazzjoni, inklużi l-faċilitajiet tal-port, jew ir-rikreazzjoni;

(iii) attivitajiet li għall-iskopijiet tagħhom l-ilma huwa maħżun, bħalma huma l-provvista tal-ilma tax-xorb, il-ġenerazzjoni tal-enerġija jew l-irrigazzjoni;

(iv) ir-regolazzjoni tal-ilma, il-ħarsien mill-għargħar, id-drenaġġ tal-art;

(v) attivitajiet oħra ta' żvilupp uman sostenibbli ugwalment importanti; jew

(vi) l-objettivi ta' benefiċċju servuti b'karratteristiċi artifiċjali jew modifikati tal-korp tal-ilma ma jistgħux, għal raġunijiet ta' possibbiltà teknika jew spejjeż disproporzjonati, ikunu miksuba raġonevolment b'mezzi oħra, li huma għażla ambjentali b'mod sinifikanti aħjar.

Din id-definizzjoni u r-raġunijiet għaliha għandhom ikunu msemmija speċifikament fil-pjanijiet tal-immaniġġar tal-*catchments* tal-ilma meħtieġa skont ir-regolament 13 u riveduti kull sitt snin.

(4) Il-limiti ta' żmien stabbiliti fis-subregolament (1) jistgħu jkunu estiżi għall-iskopijiet ta' kisbiet imqassma tal-oġbjettivi għall-korpijiet tal-ilma, sakemm ma sseħħma sseħħ ebda deterjorazzjoni oħra fl-istatus tal-korp tal-ilma effettwat meta l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu ssodisfatti:

(*a*) l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi li l-miljoramenti kollha meħtieġa fl-istatus tal-korp tal-ilma ma jistgħux ikunu raġonevolment miksuba fiż-żminijiet stabbiliti skont dak il-paragrafu għal għallinqas waħda minn dawn ir-raġunijiet:

(i) l-iskala tal-miljoramenti meħtieġa tista' tinkiseb biss fi skala taż-żmien itwal minn dik stabbilita għal raġunijiet ta' possibiltà teknika;

(ii) it-tmiem tal-miljoramenti fl-iskala taż-żmien stipulata jkun jinvolvi spiża disproporzjonata;

(iii) il-kundizzjonijiet naturali ma jkunux jippermettu miljorament fil-waqt fl-istatus tal-korp tal-ilma;

(*b*) estensjoni tal-limitu taż-żmien, u raġunijiet għaliha, għandhom ikunu speċifikament stabbilit u spjegati fil-pjan tal-immaniġjar tal-*catchment* meħtieġ skont ir-regolament 13;

(*ċ*) l-estensjonijiet għandhom ikunu limitati għal massimu ta' żewġ aġġornamenti oħra tal-pjan tal-immaniġġar tal-*catchment* tal-ilma minbarra f'każijiet fejn il-kundizzjonijiet naturali huma tali li l-objettivi ma jistgħux jinkisbu f'dak il-perjodu;

(*d*) sommarju tal-miżuri meħtieġa skont ir-regolament 12 li huma meqjusa bħala meħtieġa biex iġibu l-korpijiet tal-ilma progressivament għall-istatus meħtieġ mal-limitu taż-żmien estiż, ir-raġunijiet għal kwalunkwe

dewmien sinifikanti biex jagħmlu dawn il-miżuri operazzjonali, u it-*timetable* mistennija għall-implimentazzjoni għandhom ikunu stabbiliti fil-pjan tal-immaniġġar tal-*catchment* tal-ilma. Reviżjoni tal-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri u sommarju ta' kwalunkwe miżuri addizzjonali għandhom ikunu inklużi fl-aġġornament tal-pjan tal-immaniġġar tal-*catchment* tal-ilma.

(5) L-awtorità kompetenti tista' timmira biex tikseb objettivi ambjentali inqas stretti minn dawk meħtieġa taħt is-subregolament (1) għal korpi tal-ilma speċifiċi meta dawn huma hekk effettwati minn attività umana, kif stabbilit skont ir-regolament 6(1), jew il-kundizzjoni naturali tagħhom hija tali li l-kisba ta' dawn l-oġbjettivi ma tkunx possibbli inkella tkun għalja b'mod sproporzjonat, u l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu sodisfatti:

(*a*) il-bżonnijiet ambjentali u soċjoekonomiċi servuti minn tali attività umana ma jistgħux jinkisbu b'mezzi oħra, li huma għażla ambjentali ħafna aħjar u li ma jitolbux spejjeż sproporzjonati;

(*b*) l-awtorità kompetenti tiżgura -

(i) għall-ilma tal-wiċċ, li jinkiseb l-ogħla status ekoloġiku u kimiku possibbli, wara li taċċetta impatti li raġonevolment ma setgħux ikunu evitati minħabba fin-natura tal-attività umana jew l-inkwinament,

(ii) għall-ilma taħt l-art, li jkun hemm l-inqas bidliet possibbli, wara li taċċetta impatti li raġonevolment ma setgħux ikunu evitati minħabba fin-natura tal-attività umana jew inkwinament;

(*ċ*) ebda deterjorament ieħor ma jseħħ fl-istatus tal-korp tal-ilma effettwat; u

(*d*) li l-istabbiliment ta' objettivi ambjentali inqas stretti, u r-raġunijiet għal dan huma msemmija speċifikament fil-pjan għall-immaniġġar tal-*catchment* tal-ilma meħtieġa fir-regolament 13 u dawn l-objettivi għandhom ikunu riveduti kull sitt snin.

(6) Deterjorament temporanju fl-istatus tal-korpi tal-ilma m'għandux jikser il-kundizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jekk dan ikun ir-riżultat ta' ċirkostanzi ta' kawża naturali jew forza maġġuri li huma eċċezzjonali jew raġonevolment ma setgħux ikunu previsti, b'mod partikolari għargħar estrem u nixfiet twal, jew inkella r-riżultat ta' ċirkostanzi dovuti għal inċidenti li ma setgħux raġonevolment ikunu previsti, meta l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu ġew sodisfatti:

(*a*) ikunu ttieħdu l-passi kollha prattikabbli biex ikun evitat aktar deterjorament fl-istatus u sabiex ma tkunx kompromessa l-kisba tal-objettivi ta' dawn ir-regolamenti f'korpi oħra tal-ilma mhux effettwati minn dawk iċ-ċirkostanzi;

(*b*) il-kundizzjonijiet li taħthom ċirkostanzi li huma eċċezzjonali jew li ma setgħux ikunu raġonevolment previsti jistgħu jkunu ddikjarati, inkluża l-adozzjoni ta' indikaturi xierqa, għandhom ikunu mniżżla fil-pjan tal-immaniġġar tal-*catchment* tal-ilma;

(*ċ*) il-miżuri li għandhom jittieħdu f'ċirkostanzi eċċezzjonali bħal dawn għandhom ikunu inklużi fil-programm ta' miżuri u m'għandhomx jikkompromettu l-irkupru tal-kwalità tal-korp tal-ilma meta ċ-ċirkostanzi jkunu għaddew;

(*d*) l-effetti taċ-ċirkostanzi li jkunu eċċezzjonali jew li ma jkunux jistgħu jkunu raġonevolment previsti għandhom ikunu riveduti kull sena u, suġġetti għar-raġunijiet stipulati fis-subregolament (4)(*a*), il-miżuri prattikabbli kollha għandhom jittieħdu bl-iskop tar-restawr tal-korp tal-ilma għall-istatus ta' qabel l-effetti ta' dawk iċ-ċirkostanzi mill-aktar fis raġonevolment prattikabbli; u

(*e*) sommarju tal-effetti taċ-ċirkostanzi u tal-miżuri meħuda jew li għandhom jittieħdu skont il-paragrafi (*a*) u (*d*) għandhom ikunu inklużi fl-aġġornament li jkun imiss tal-pjan tal-immaniġġar tal-*catchment* tal-ilma.

(7) Ir-regoli stabbiliti f'dawn ir-regolamenti m'għandhomx jitiqiesu li jkunu nkisru meta:

(*a*) in-nuqqas tal-kisba ta' status tajjeb, status ekoloġiku tajjeb jew, fejn ikun applikabbli, biex tkun evitata deterjorazzjoni fl-istatus ta' korp tal-ilma tal-wiċċ jew tal-ilma ta' taħt l-art, ikun riżultat ta' modifikazzjonijiet ġodda lill-karratteristiċi fiżiċi tal-korp tal-ilma tal-wiċċ jew ta' alterazzjonijiet lil-livelli tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art, jew

(*b*) in-nuqqas li jiġi evitat deterjorament minn status għoli għal status tajjeb ta' korp tal-ilma tal-wiċċ ikun ir-riżultat ta' attivitajiet ta' żvilupp uman sostenibbli ġodda,

u jkunu sodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) jittieħdu l-passi kollha prattikabbli biex jimmitigaw l-impatt avvers fuq l-istatus tal-korp tal-ilma;

(ii) ir-raġunijiet għal dawn il-modifiki jew alterazzjonijiet ikunu stabbiliti u spjegati speċifikament fil-pjan tal-*catchment* tal-ilma meħtieġ taħt ir-regolament 13, u l-objettivi jkunu riveduti kull sitt snin;

(iii) ir-raġunijiet għall-dawn il-modifiki u alterazzjonijiet ikunu 'l fuq mill-interess pubbliku u, jew il-benefiċċji għall-ambjent u għas-soċjetà għall-kisba tal-objettivi stabbiliti fis-subregolament (1) jingħelbu mill-benefiċċji

tal-modifiki jew alterazzjonijiet ġodda għas-saħħa umana, għall-manteniment tas-sigurtà umana jew għal żvilupp sostennibbli, u

(iv) l-objettivi ta' benefiċċju servuti b'dawn il-modifiki jew alterazzjonijiet tal-korp tal-ilma ma jistgħux, għal raġunijiet ta' possibbiltà teknika jew spejjeż sproporzjonati jinkisbu raġonevolment b'mezzi oħra, li jkunu opzjoni ambjentali b'mod sinifikanti aħjar.

(8) Waqt l-applikazzjoni tas-subregolament (3) (4), (5), (6) u (7), l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-applikazzjoni ma teskludix jew tikkomprometti permanentament il-kisba tal-objettivi ta' dawn ir-regolamenti f'korp tal-ilma oħra fl-istess distrett tal-*catchment* tal-ilma u għandha tkun konsistenti mal-implimentazzjoni ta' regolamenti ambjentali oħra.

(9) Għandhom jittieħdu passi sabiex jiġi żgurat li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġodda, inklużi l-applikazzjonijiet tas-subregolamenti (3), (4), (5), (6) u (7) tiggarantixxi mill-inqas l-istess livell ta' protezzjoni bħal regolamenti oħra ambjentali.

(10) L-awtorità kompetenti ma tkunx qed tikser l-obbligi tagħha taħt dawn ir-regolamenti bħala riżultat tal-qbiż tal-limitu ta' EQS fl-ilmijiet kostali, jekk tista' turi li:

(*a*) dan kien dovut minħabba f'sors ta' tniġġis barra l-ġurisdizzjoni nazzjonali tagħha;

(*b*) minħabba f'tali tniġġis transkonfini hija ma setgħetx tieħu miżuri effettivi sabiex tikkonforma mal-EQS rilevanti;

(*ċ*) hija kienet applikat l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni previsti fi qbil internazzjonali rilevanti u, skont kif ikun adatt, kienet ħadet vantaġġ mid-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (4), (5) u (6), għal dawk il-korpi ta' ilma affettwati mit-tniġġis transkonfini; u

(*d*) fiċ-ċirkostanzi previsti fil-paragrafu (a), l-awtorità kompetenti għandha tikkomunika sommarju tal-miżuri meħuda f'relazzjoni mat-tniġġis transkonfini fil-pjanijiet rilevanti tal-immaniġġar tal-catchment tal-ilma kif stabbilit fir-regolament 13(3).

Karatteristiċi tad-distrett tal-*catchment* tal-ilma, reviżjoni tal-impatt ambjentali tal-attività umana, u analiżi ekonomika tal-użu tal-ilma.

**6.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li, għal kull distrett tal-*catchment* tal-ilma, twettaq -

- analiżi tal-karratteristiċi tiegħu,
- reviżjoni tal-impatt tal-attività umana fuq l-istatus tal-ilmijiet tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art li jkun hemm fid-distrett, u
- analiżi ekonomika tal-użu tal-ilma.

L-analiżi u r-reviżjonijiet msemmija għandhom jitwettqu skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fl-Iskedi II u III, u għandhom jitlestew sal-aħħar ta' Novembru 2004.

(2) L-analiżi u r-reviżjonijiet taħt is-subregolament (1) għandhom ikunu riveduti, u jekk ikun hemm bżonn aġġornati, sal-aħħar ta' Novembru 2013 u imbagħad kull sitt snin.

Reġistru tal-inħawi mħarsa.

**7.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li jsir reġistru jew isiru reġistri tal-inħawi kollha li jeżistu f'kull distrett tal-*catchment* tal-ilma li jkunu ġew magħżula bħala li jeħtieġu ħarsien speċjali skont leġislazzjoni speċifika għall-ħarsien tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art tagħhom, jew għall-konservazzjoni tal-abitati u l-ispeċi li jiddependu direttament fuq l-ilma. Huma għandhom jiżguraw li r-reġistru jkun lest sal-aħħar ta' Novembru 2004.

(2) Ir-reġistru jew reġistri għandhom jinkludu l-korpi kollha tal-ilma identifikati fir-regolament 8(1) u l-inħawi kollha protetti koperti mill-Iskeda IV.

(3) Għal kull distrett tal-*catchment* tal-ilma, ir-reġistru jew reġistri tal-inħawi protetti għandhom jinżammu kontinwament riveduti u aġġornati.

Ilmijiet użati għall-astrazzjoni tal-ilma tax-xorb.

**8.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tidentifika:

(*a*) il-korpi kollha tal-ilma użati għall-astrazzjoni tal-ilma intenzjonat għall-konsum uman li jipprovdu aktar minn għaxar metri kubi kuljum bħala medja jew li jservu aktar minn ħamsin persuna; u

(*b*) dawk il-korp tal-ilma intenzjonati għal dak l-użu fil-futur.

L-awtorità kompetenti għandha tissorvelja, skont l-Iskeda V, dawk il-korpi tal-ilma li skont l-Iskeda V, jipprovdu aktar minn mitt metru kubu kuljum bħala medja.

(2) Għal kull korp ta' ilma identifikat skont is-subregolament (1), minbarra li jissodisfa l-objettivi tar-regolament 4 skont il-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti, għall-korpi tal-ilmijiet tal-wiċċ, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li taħt ir-reġim tat-trattament tal-ilma applikat, l-ilma riżultanti jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' kull regolament dwar il-kwalità tal-ilma intenzjonat għall-konsum uman.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura l-ħarsien meħtieġ għall-korpi tal-ilma identifikati bl-iskop li jkun evitat deterjorament fil-kwalità tagħhom biex jitnaqqas il-livell tat-trattament ta' purifikazzjoni meħtieġ fil-produzzjoni tal-ilma tax-xorb. L-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi żoni ta' salvagwardja għal dawk il-korpi tal-ilma u tieħu dawk il-miżuri neċessarji biex tiżgura li jkun hemm salvagwardji adatti hekk kif stipulat f'linji gwida addizzjonali għal dawn ir-regolamenti.

Monitoraġġ tal-istatus tal-ilma tal-wiċċ, status tal-ilma ta' taħt l-art u nħawi protetti.

**9.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura t-twaqqif ta' programmi għall-monitoraġġ tal-istatus tal-ilma sabiex tistabbilixxi ħarsa sħiħa koerenti u kompresiva tal-istatus tal-ilma fi ħdan kull distrett ta' *catchment* tal-ilma:

(*a*) għall-ilmijiet tal-wiċċ tali programmi għandhom ikopru:

(i) il-volum u l-livell jew ir-rata tat-tnixxija sal-firxa rilevanti għall-istatus ekoloġiku u kimiku, u l-potenzjal ekoloġiku, u

(ii) l-istatus ekoloġiku u kimiku, u l-potenzjal ekoloġiku;

(*b*) għall-ilmijiet ta' taħt l-art tali programmi għandhom ikopru l-monitoraġġ tal-istatus kimiku u kwantitattiv;

(*ċ*) għall-inħawi mħarsa il-programmi fuq imsemmija għandhom ikunu supplimentati b'dawk l-ispeċifikazzjonijiet li hemm fil-leġislazzjoni li taħtha l-inħawi protetti individwali kienu stabbiliti.

(2) Dawn il-programmi għandhom ikunu jaħdmu sal-aħħar ta' Novembru 2006 sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-leġislazzjoni konċernata. Dan il-monitoraġġ għandu jkun skont il-kundizzjonijiet tal-Iskeda V.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tosserva l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-metodi standardizzati għall-analiżi u l-monitoraġġ tal-istatus tal-ilma, skont il-kundizzjonijiet tal-Iskedi V u XI.

Irkupru tal-ispejjeż għas-servizzi tal-ilma.

**10.**(1) (a) L-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra l-prinċipju tal-irkupru tal-ispejjeż għas-servizzi tal-ilma, inklużi l-ispejjeż ambjentali u tar-riżorsi, billi tikkunsidra l-analiżi ekonomika mwettqa skont l-Iskeda III, u skont, partikolarment, il-priniċipju li min iniġġes iħallas.

(*b*) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura sal-2010:

(i) li l-politika tal-mod kif ikun stabbilit il-prezz tal-ilma tipprovdi inċentivi adegwati għall-utenti biex jużaw ir-riżorsi tal-ilma b'mod effiċjenti, u b'hekk jikkontribwixxu għall-objettivi ambjentali ta' dawn ir-regolamenti,

(ii) kontribut adegwat tal-użu differenti tal-ilma, imqassam tal-inqas fl-industrija, fid-djar u fl-agrikoltura, għall-irkupru tal-ispejjeż għas-servizzi tal-ilma, ibbażat fuq l-analiżi ekonomika mwettqa skont l-Iskeda III u meta wieħed jikkunsidra l-prinċipju li min iniġġes iħallas.

(*ċ*) Il-Ministru responsabbli għar-riżorsi u l-Ministru responsabbli għall-ambjent jistgħu jagħtu direzzjonijiet speċifiċi lill-awtorità kompetenti rispettiva fuq il-mod li bih jiġu implimentati l-obbligi imposti fuqhom fil-paragrafi (*a*) u (*b*), waqt li jitqiesu l-effetti soċjali, ambjentali u ekonomiċi tal-irkupru kif ukoll il-kundizzjonijiet ġejografiċi u klimatiċi tar-reġjun jew reġjuni effettwati.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tirrapporta fil-pjanijiet tal-immaniġġar tal-*catchment* tal-ilma dwar il-passi ppjanati għall-implimentazzjoni tas-subregolament (1). Dawn il-passi għandhom jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi ambjentali ta' dawn ir-regolamenti, u fuq is-sehem tal-użi differenti tal-ilma għall-irkupru

tal-ispejjeż tas-servizzi tal-ilma.

(3) Xejn f'dan ir-regolament ma għandu jipprojbixxi l-finanzjament ta' miżuri partikolari preventivi jew rimedjali biex jinkisbu l-objettivi ta' dawn ir-regolamenti.

(4) L-awtorità kompetenti ma tkunx qed tikser dawn ir-regolamenti kemm-il darba tiddeċiedi skont prattiċi stabbiliti li ma tapplikax il-paragrafu (*b*) tas-subregolament (1), u għal dak l-iskop id-dispożizzjonijiet rilevanti tas-subregolament (2), għal attività partikolari tal-użu tal-ilma, fejn dan ma jikkompromettix l-iskopijiet u l-kisba tal-objettivi ta' dawn ir-regolamenti. L-awtorità kompetenti għandha tirrapporta r-raġunijiet għaliex ma tkunx applikat kif imiss id-disposizzjonijiet imsemmija, fil-pjanijiet tal-immaniġġar tal-*catchment* tal-ilma.

L-approċċ kombinat għal sorsi tal-punt u diffużjoni.

**11.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-ħruġ kollu, li għalih hemm referenza fis-subregolament (2), fl-ilmijiet tal-wiċċ, ikun ikkontrollat skont l-approċċ kombinat stipulat f'dan ir-regolament.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li tistabbilixxi u, jew timplimenta:

(*a*) il-kontrolli ta' emissjoni bbażati fuq l-aħjar teknika disponibbli, jew

(*b*) il-valuri tal-limitu ta' emissjoni rilevanti, jew

(*ċ*) fil-każ ta' impatti ta' diffużjoni, il-konntrolli li jinkludu, kif xieraq, l-aħjar prattiċi ambjentali hekk iżda li l-imsemmija kontrolli u valuri tal-limitu għandhom ikunu ppjanati skont ir-Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis tal-Emissjonijiet Industrijali, ir-Regolamenti dwar it-Trattament ta' Ilma Urban Mormi, ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Ilma mit-Tniġġis kaġunat b'Nitrati ġejjin mill-Biedja, ir-regolamenti elenkati fl-Iskeda IX, u kwalunkwe regolamenti rilevanti oħra, sal-aħħar ta' Novembru 2012, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-leġislazzjoni konċernata.

L.S. 549.77

L.S. 549.22

L.S. 549.25

(3) Fejn objettiv ta' kwalità jew *standard* ta' kwalità, sew jekk stabbilit konformement ma' dawn ir-regolamenti, fir-regolamenti elenkati fl-Iskeda IX, kif ukoll konformement ma' kwalunkwe leġislazzjoni oħra, jitlob kundizzjonijiet aktar stretti minn dawk li jistgħu jirriżultaw mill-applikazzjoni tas-subregolament (2), għandhom ikunu stabbiliti kif imiss kontrolli ta' emissjoni aktar stretti.

Programmi ta' miżuri.

**12.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi programm ta' miżuri għal kull distrett tal-*catchment* tal-ilma, billi tikkonsidra r-riżultati tal-analiżi mitluba mir-regolament 6, biex jinkisbu l-objettivi stabbiliti fir-regolament 5.

(2) Kull programm ta' miżuri għandu jinkludi l-miżuri "bażiċi" speċifikati fis-subregolament (3) u, fejn ikun hemm ħtieġa, miżuri "supplimentari".

(3) Miżuri "bażiċi" huma l-kundizzjonijiet minimi li wieħed

irid jikkonforma magħhom u għandhom ikunu jikkonsistu fi:

(*a*) dawk il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni mmirata għall-ħarsien tal-ilma, inklużi miżuri meħtieġa fil-leġislazzjoni speċifikata fir-regolament 11 u fit-Taqsima A tal-Iskeda VI;

(*b*) miżuri meqjusa xierqa għall-iskopijiet tar-regolament 10;

(*ċ*) miżuri biex jippromwovu użu effiċjenti u sostenibbli tal-ilma biex ikun evitat li tkun kompromessa l-kisba tal-objettivi speċifikati fir-regolament 5;

(*d*) miżuri li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tar-regolament 8, inklużi miżuri biex jissalvagwardjaw il-kwalità tal-ilma biex jitnaqqas il-livell tat-trattament ta' purifikazzjoni meħtieġ għall-produzzjoni tal-ilma tax-xorb;

(*e*) kontrolli fuq l-astrazzjoni ta' ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art tajjeb u t-teħid ta' ilma tal-wiċċ tajjeb, inkluż reġistru jew reġistri tal-astrazzjonijiet tal-ilma u kundizzjoni ta' awtorizzazzjoni minn qabel għal astrazzjoni u teħid. Dawn il-kontrolli għandhom ikunu riveduti perjodikament u, fejn meħtieġ, aġġornati perjodikament. L-awtorità kompetenti tista' teżenta minn dawn il-kontrolli, astrazzjonijiet jew teħid li ma jkollhom ebda impatt sinifikanti fuq l-istatus tal-ilma;

(*f*) kontrolli, li jinkludu kundizzjoni għal awtorizzazzjoni minn qabel tal-iċċarġjar artifiċjali mill-ġdid jew żieda tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art. L-ilma użat jista' jkun derivat minn kull ilma tal-wiċċ jew ilma ta' taħt l-art, hekk iżda li l-użu tas-sors ma jikkompromettix il-kisba tal-objettivi ambjentali stabbiliti għas-sors jew il-korp iċċarġjat mill-ġdid jew miżjud tal-ilma ta' taħt l-art. Dawn il-kontrolli għandhom ikunu riveduti perjodikament u, fejn meħtieġ, aġġornati perjodikament;

(*g*) għal ħruġ tas-sors tal-punt li jista' jikkawża inkwinament, kundizzjoni għal regolamentazzjoni minn qabel, bħalma hi l-projbizzjoni fuq id-dħul ta' pollutanti fl-ilma, jew għal awtorizzazzjoni minn qabel, jew reġistrazzjoni bbażata fuq regoli ġenerali li jorbtu, li jistabbilixxu kontrolli ta' emissjoni għall-pollutanti konċernati, inklużi kontrolli skont ir-regolament 11 jew leġislazzjoni addizzjonali. Dawn il-kontrolli għandhom ikunu riveduti perjodikament u, fejn meħtieġ, aġġornati perjodikament;

(*h*) għal sorsi ta' diffużjoni li jistgħu jikkawżaw inkwinament, miżuri biex jevitaw jew jikkontrollaw id-dħul tal-pollutanti. Il-kontrolli jistgħu jieħdu l-forma ta' kundizzjoni għal regolamentazzjoni minn qabel, bħalma hi projbizzjoni fuq id-dħul ta' pollutanti fl-ilma, awtorizzazzjoni minn qabel jew reġistrazzjoni bbażata fuq regoli ġenerali li jorbtu fejn din il-

kundizzjoni mhux prevista mod ieħor f'leġislazzjoni oħra. Dawn il-kontrolli għandhom ikunu riveduti perjodikament u, fejn meħtieġ, riveduti perjodikament u, fejn meħtieġ, aġġornati;

(*i*) għal kwalunkwe impatt avvers sinifikanti ieħor fuq l-istatus tal-ilma identifikat fir-regolament 6 u fl-Iskeda II, partikolarment miżuri biex jiżguraw li l-kundizzjonijiet idromorfoloġiċi tal-korpi tal-ilma huma konsistenti mal-kisba tal-istatus ekoloġiku meħtieġ, jew potenzjal ekoloġiku tajjeb għal korpi tal-ilma mfissra bħala li huma artifiċjali jew modifikati sewwa. Kontrolli għal dan il-għan jistgħu jieħdu l-forma ta' kundizzjoni għal awtorizzazzjoni minn qabel jew reġistrazzjoni bbażata fuq regoli ġenerali li jorbtu fejn din il-kundizzjoni mhix prevista mod ieħor f'leġislazzjoni oħra. Dawn il-kontrolli għandhom ikunu riveduti perjodikament u fejn meħtieġ, aġġornati;

(*j*) projbizzjoni ta' ħruġ dirett ta' pollutanti fl-ilma ta' taħt l-art, hekk iżda li l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-injezzjoni mill-ġdid fl-istess akwifer ta' ilma użat għal skopijiet ġeotermali. L-awtorità kompetenti tista' wkoll tawtorizza, waqt li tispeċifika l-kundizzjonijiet għal:

(i) l-injezzjoni ta' ilma li jkun fih sustanzi li jirriżultaw minn operazzjonijet għal esplorazzjoni u astrazzjoni ta' idrokarburi jew attivitajiet tal-minijieri, u injezzjoni ta' ilma għal raġunijiet tekniċi, fil-formazzjonijiet ġeoloġiċi li minnhom ikunu ġew astratti idrokarburi jew sustanzi oħra, jew f'formazzzjonijiet ġeoloġiċi li għal raġunijiet naturali jkunu permanentament mhux adatti għal skopijiet oħra. Dawn l-injezzjonijiet ma għandux ikun fihom sustanzi oħra minbarra dawk li jirriżultaw mill-operazzjonijiet ta' hawn fuq;

(ii) l-injezzjoni mill-ġdid ta' ilma taħt l-art ippumpjat minn minjieri jew barrieri jew assoċjat mal-kostruzzjoni u l-manutenzjoni ta' xogħlijiet ta' inġinerija ċivili;

(iii) l-injezzjoni ta' gass naturali jew gass tal-*petroleum* likwefatt (LPG) għal skopijiet ta' ħażna fi formazzjonijiet ġeoloġiċi li għal raġunijiet naturali huma permanentament mhux adatti għal skopijiet oħra;

(iv) l-injezzjoni ta' gass naturali jew gass tal-*petroleum* likwefatt (LPG) għal skopijiet ta' ħażna f'formazzjonijiet ġeoloġiċi oħra fejn hemm ħtieġa kbira ta' sigurtà tal-forniment tal-gass, u fejn l-injezzjoni hija tali li tevita kwalunkwe deterjorament preżenti jew futur fil-

kwalità ta' kull ilma ta' taħt l-art riċeventi;

(v) l-injezzjoni tal-fluss tad-dijossidu tal-karbonju għall-finijiet tal-ħżin f'formazzjonijiet ġeoloġiċi li għal raġunijiet naturali ma jkunux adatti b'mod permanenti għal finijiet oħra, kemm-il darba din it-tip ta' injezzjoni ssir skont ir-Regolamenti dwar il-Ħżin Ġeoloġiku tad-Dijossidu tal-Karbonju, jew tkun eskluża mill-applikabbiltà ta' dawk ir-regolamenti skont ir-regolament 2(2) ta' dawk ir-regolamenti; L.S. 549.68

(vi) il-kostruzzjoni, inġinerija ċivili, u xogħlijiet tal-bini u attivitajiet simili fuq, jew fl-art li jiġu f'kuntatt ma' ilma ta' taħt l-art. Għal dawn l-iskopijiet, l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi li dawn l-attivitajiet ikunu ttrattati bħala li ġew awtorizzati sakemm jkunu mmexxija skont ir-regoli ġenerali li jorbtu, żviluppati mill-istess awtorità kompetenti fir-rigward ta' dawn l-attivitajiet;

(vii) il-ħruġ ta' kwantitajiet żgħar ta' sustanzi għal skopijiet xjentifiċi għal karatterizazzjoni, ħarsien, u rimedju ta' korpi tal-ilma limitati għall-ammont strettament meħtieġ għall-iskopijiet konċernati:

Hekk iżda li dan il-ħruġ ma jikkompromettix il-kisba tal-objettivi ambjentali stabbilit għal dak il-korp tal-ilma ta' taħt l-art;

(*k*) miżuri biex jeliminaw l-inkwinament tal-ilmijiet tal-wiċċ minn sustanzi speċifikati fl-Iskeda X, u biex progressivament inaqqsu l-inkwinament permezz ta' sustanzi oħra li inkella ma jippermettux il-kisba tal-objettivi għall-korpi tal-ilma tal-wiċċ kif stabbilit fir-regolament 5;

(*l*) kwalunkwe miżura meħieġa biex jiġi evitat telf sinifikanti ta'pollutanti minn stallazzjonijiet tekniċi, u biex ikun evitat u, jew jitnaqqas l-impatt ta' inkwinament minn pollutanti aċċidentali, per eżempju bħala riżultat ta' għargħar, inkluż permezz ta' sistemi li jimmarkaw jew javżaw dawn il-ġrajjiet inkluż, fil-każ ta' aċċidenti li ma setgħux ikunu raġonevolment previsti, il-miżuri kollha xierqa biex inaqqsu ir-riskju għall- ekosistemi akwatiċi.

(4) Miżuri "supplimentari" huma dawk il-miżuri maħluqa u implimentati addizzjonalment mal-miżuri bażiċi, bl-iskop li jinkisbu l-objettivi stabbiliti konformement mar-regolament 5. It-Taqsima B tal-Iskeda VI fiha lista mhux esklussiva ta' dawn il-miżuri. L-awtorità kompetenti tista' tadotta wkoll miżuri supplimentari oħra sabiex tipprovdi għal ħarsien addizzjonali jew it-titjib tal-ilmijiet koperti b'dawn ir-regolameni, inkluża l-implimentazzjoni ta' ftehim internazzjonali rilevanti.

(5) Fejn il-monitoraġġ jew *data* oħra tindika li l-objettivi stabbiliti fir-regolament 5 għall-korp tal-ilma mhux probabbli li

jinkisbu, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li:

(*a*) il-kawżi tal-falliment possibbli jkunu investigati,

(*b*) il-permessi rilevanti u awtorizzazzjonijiet ikunu eżaminati u riveduti kif xieraq,

(*ċ*) il-programmi ta' monitoraġġ ikunu riveduti u aġġustati kif xieraq, u

(*d*) ikunu stabbiliti miżuri addizzjonali, kif ikun meħtieġ, għall-ksib ta' dawk l-objettivi inkluż, kif xieraq, it-twaqqif ta' *standards* ta' kwalità ambjentali aktar stretti konformement mal-proċeduri fl-Iskeda V. Fejn dawk il-kawżi jkunu riżultat ta' ċirkostanzi ta' kawża naturali jew forza maġġuri li huma eċċezzjonali u ma setgħux ikunu raġonevolment previsti, partikolarment għargħar estrem u nixfiet twal, l-awtorità kompetenti tista' tiddetermina li miżuri addizzjonali ma jkunux prattikabbli, u dan skont ir-regolament 5(6).

(6) Fl-implimentazzjoni ta' miżuri konformement mas-subregolament (3), l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-passi kollha xierqa biex ma żżidx l-inkwinament tal-ilmijiet marini. Mingħajr preġudizzji għal-leġislazzjoni eżistenti, l-applikazzjoni tal-miżuri meħuda konformement mas-subregolament (3) ma għandha għal ebda raġuni twassal, direttament jew indirettament, għal żieda ta' tniġġis fl-ilma tal-wiċċ. Din il-kundizzjoni ma għandhiex tapplika fejn tista' tirriżulta f'aktar inkwinament tal-ambjent bħala tali.

(7) Il-programmi ta' miżuri għandhom ikunu stabbiliti sal-aħħar ta' Novembru 2009 u l-miżuri kollha għandhom ikunu operazzjonali sal-aħħar ta' Novembru 2012.

(8) Il-programmi ta' miżuri għandhom ikunu riveduti u jekk ikun hemm bżonn aġġornati sal-aħħar ta' Novembru 2015 u mbagħad kull sitt snin. Kwalunkwe miżuri ġodda jew riveduti stabbiliti fi programm aġġornat għandhom isiru operazzjonali fi żmien tliet snin minn meta jkunu stabbiliti.

Pjanijiet ta' immaniġġar ta' *catchment* tal-ilma.

**13.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li pjan ta' immaniġġar tal-*catchment* tal-ilma jsir għal kull distrett tal-*catchment* tal-ilma.

(2) Il-pjan ta' immaniġġar tal-*catchment* tal-ilma għandu jinkludi l-informazzjoni speċifikata fl-Iskeda VII.

(3) Il-pjanijiet ta' immaniġġar tal-catchment tal-ilma jistgħu jkunu supplimentati bil-produzzjoni ta' programmi aktar dettaljati u pjanijiet ta' immaniġġar għal *sub-catchment*, settur, kwistjoni jew tip ta' ilma, biex jittrattaw aspetti partikolari tal-immaniġġar tal-ilma. L-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri ma għandhiex teżenta lill-awtorità kompetenti minn xi obbligi tagħha skont il-bqija ta' dawn ir-regolamenti.

(4) Il-pjanijiet tal-immaniġġar tal-*catchment* tal-ilma għandhom ikunu ppubblikati sal-aħħar ta' Novembru, 2009.

(5) Il-pjanijiet tal-immaniġġar tal-*catchment* tal-ilma għandhom ikunu riveduti u aġġornati sal-aħħar ta' Novembru, 2015

u imbagħad kull sitt snin.

**14.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tinkoraġixxi l-involviment attiv tal-partijiet kollha involuti fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, partikolarment fil-produzzjoni, fir-reviżjoni u fl-aġġornar tal-pjan ta' immaniġġar tal-*catchment* tal-ilma. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li għal kull distrett tal-*catchment* tal-ilma, hija tippubblika u tagħmel disponibbli għall-kummenti tal-pubbliku, inkluż l-utenti:

Informazzjoni u konsultazzjoni pubbliċi.

(*a*) *timetable* u programm tax-xogħol, għall-produzzjoni tal-pjan, inkluża stqarrija tal-miżuri ta' konsultazzjoni li għandhom jittieħdu, mill-inqas tliet snin qabel il-bidu tal-perjodu li għalih jirreferi l-pjan;

(*b*) deskrizzjoni fil-qosor temporanja tal-kwistjonijiet ta' immaniġġar tal-ilma sinifikanti identifikat fil-*catchment* tal-ilma, mill-anqas sentejn qabel il-bidu tal-perjodu li għalih jirreferi l-pjan;

(*ċ*) kopji ta' abbozz tal-pjan ta' immaniġġar tal-*catchment* tal-ilma, mill-inqas sena qabel il-bidu tal-perjodu li għalih jirreferi l-pjan. Fuq talba, għandu jingħata aċċess għal dokumenti u informazzjoni li fuqhom sar l-iżvilupp tal-abbozz tal-pjan tal-immaniġġar tal-*catchment* tal-ilma.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tippermetti mill-anqas sitt xhur biex tikkummenta bil-kitba dwar dawk id-dokumenti biex tippermetti involviment u konsultazzjoni attivi.

(3) Is-subregolamenti (1) u (2) għandhom japplikaw ugwalment għall-pjanijiet tal-immaniġġar tal-*catchment* tal-ilma aġġornati.

**15.** (1) L-Iskedi I u III u l-paragrafu 1.3.6 tal-Iskeda V jistgħu jkunu adatti għal progress xjentifiku u tekniku, waqt li tingħata konsiderazzjoni lill-perjodi għar-reviżjoni u l-aġġornar tal-pjanijiet tal-immaniġġar tal-*catchment* tal-ilma kif hemm referenza għalihom fir-regolament 13.

Adattamenti tekniċi għar-regolamenti.

(2) Għall-iskop ta' trasmissjoni u pproċessar ta' *data*, inkluża *data* statistika u kartografika, formati tekniċi għall-iskop tas-subregolament (1) jistgħu jkunu adottati skont il-proċeduri stabbiliti f'leġislazzjoni rilevanti.

**16.** (1) Meta l-awtorità kompetenti tqis li l-kundizzjonijiet relattivi għal permess ma jkunux għandhom adegwati, jew li l-attività awtorizzata bil-permess tkun tippreżenta xi riskju mhux previst minn qabel għall-objettivi ambjentali stipulati fir-regolament 5, hija tista':

Azzjonijiet li jistgħu jittieħdu mill-awtorità kompetenti.

(*a*) tibdel il-pattijiet u l-kundizzjonijiet relattivi għall-permess;

(*b*) tinnotifika avviż ta' rimedju lid-detentur ta' permess fejn tiddikjara xi jkunu l-miżuri li jkollhom jittieħdu biex ikun hemm konformità mal-kundizzjonijiet mibdula biex jitneħħa r-riskju jew il-periklu attwali kif

ukoll iż-żmien sa meta għandhom jitlestew dawn il-miżuri:

Iżda l-awtorità kompetenti għandha tinkludi fl-avviż ta' rimedju tagħha l-miżuri li d-detentur tal-permess għandu jikkonforma ruħu magħhom sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni kif ukoll il-perjodu sa meta dawk il-miżuri għandhom jittieħdu;

(*ċ*) tirrevoka l-permess.

(2) Meta r-riskju mhux previst minn qabel li joriġina minn xi attività b'permess ma jkunx jista' jitnaqqas b'miżuri taħt is-subregolament (1), jew meta l-kundizzjonijiet relattivi għal permess ma jkunux għadhom adegwati, l-awtorità kompetenti tista' tissospendi l-permess kollu kemm hu jew f'parti minnu skont ma jkun meħtieġ sabiex jiġi evitat dan ir-riskju, u f'kull każ l-awtorità kompetenti ma tkunx responsabbli li tħallas kwalunkwe kumpens jew li tirrifondi xi ħlasijiet li jkunu tħallsu biex jinżamm il-permess.

(3) Meta l-awtorità kompetenti jkollha għaliex taħseb li d-detentur ta' permess ikun qed jikser, jew x'aktarx ikun se jikser il-kundizzjonijiet relattivi għall-permess tiegħu jew dawn ir-regolamenti b'mod ġenerali, l-awtorità kompetenti tista' toħroġ avviż ta' infurzar fejn tispeċifika l-ksur tal-kundizzjonijiet, il-miżuri li għandhom jittieħdu biex jipprevjenu dak il-ksur u ż-żmien sa meta dawk il-miżuri għandhom jitlestew.

(4) Jekk detentur ta' permess jonqos milli jikkonforma ruħu ma' rimedju jew avviż ta' infurzar, l-awtorità kompetenti tista' tirrevoka l-permess kollu kemm hu jew f'parti minnu u tkun hi nnifisha li twettaq l-azzjoni ta' rimedju meħtieġa, filwaqt li tnaqqas l-ispejjeż imġarrba mill-garanzija finanzjarja tad-detentur ta' permess nnifsu.

(5) L-awtorità kompetenti tista' wkoll tara li jseħħu dawk il-miżuri punittivi li jkun hemm speċifikat fil-permess, inkluża l-konfiska ta' kull garanzija finanzjarja jew parti minnha:

Iżda, jekk in-nefqa ta' din l-azzjoni ta' rimedju tkun teċċedi l-garanzija finanzjarja, il-persuna responsabbli għandha tbati l-ispejjeż addizzjonali.

(6) L-azzjoni li tieħu l-awtorità kompetenti taħt is-subregolamenti (3) u (4) għandha tkun bla ebda preġudizzju għar-regolamenti 17,18 u 19.

(7) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, "permess" tfisser kull
Kap. 423. permess maħruġ mill-awtorità kompetenti taħt l-Att dwar l-
Kap. 549. Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi u, jew l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, jew kull regolament magħmula taħthom.

Reati. **17.** Persuna tkun ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti jekk:

(*a*) tonqos li tikkonforma ruħha ma' kwalunkwe disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew ma' kwalunkwe ordni mogħtija legalment fit-termini ta' kwalunkwe disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(*b*) tikser kwalunkwe restrizzjoni, projbizzjoni, jew

kundizzjoni imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti, jew

(*ċ*) taġixxi f'kontravenzjoni ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti; jew

(*d*) tikkonfoffa jew tipprova, jew tgħin, inkella tħeġġeġ kwalunkwe persuna oħra bi kwalunkwe mezz, inklużi riklamar, parir, jew ksib biex tikser id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew biex tonqos li tikkonforma ma' xi waħda minn dawn il-disposizzjonijiet (inkluża kwalunkwe ordni mogħtija legalment fit-termini ta' kwalunkwe disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti) jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni, jew kundizzjoni imposta minn jew taħt l-imsemmija regolamenti.

**18.** Kull persuna li tagħmel reat kontra dawn ir-regolamenti, teħel, meta tinsab ħatja: Pieni.

(*a*) meta tinsab ħatja l-ewwel darba, multa ta' mhux inqas minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disa' u sittin ċenteżmu (€1,164.69) iżda mhux iżjed minn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75);

(*b*) meta tinsab ħatja għat-tieni darba jew drabi oħra, multa ta' mhux inqas minn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75), iżda mhux iżjed minn tmienja u ħamsin elf, mitejn u erbgħa u tletin euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€58,234.33) jew piena ta' ħabs li ma taqbiżx is-sitt xhur, jew kemm il-multa kif ukoll il-ħabs flimkien:

Iżda l-qorti għandha tordna lil kull persuna li tkun instabet ħatja li tkun għamlet reat kontra dawn ir-regolamenti biex tħallas għall-ispejjeż magħmulin mill-awtorità kompetenti b'riżultat ta' dak ir-reat, ir-revoka tal-permess maħrug mill-awtorità kompetenti u l-konfiska tal-*corpus delicti*, inkluż il-vettura, fejn applikabbli.

**19.** (1) Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 23 u 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għall-proċeduri, rigward ir-reati kontra dawn ir-regolamenti, hekk iżda li l-iskwalifika tal-pussesss u l-kisba ta' liċenza, permess jew awtorità ma għandhom fl-ebda każ ikunu ta' anqas minn sena. Applikabilità tal-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, proċedimenti għal reat kontra dawn ir-regolamenti għandhom jitressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont kif ikun il-każ, u għandhom ikunu skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregola l-proċedura quddiem l-imsemmija qrati bħala qrati ta' ġudikatura kriminali. Kap. 9.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu d-dritt li jappella lill-Qorti tal-Appell Kriminali minn kwalunkwe sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Kap. 9.

rigward proċedimenti għal kwalunkwe reat kontra dawn ir-regolamenti.

---

SKEDA I

INFORMAZZJONI MITLUBA GĦAL-LISTA TA' AWTORITÀ KOMPETENTI

L-informazzjoni li ġejja dwar l-awtorità kompetenti kollha għandha tiġi inkluża fil-pjan tal-immaniġġar tal-*catchment* tal-ilma:

(i) L-isem u l-indirizz tal-awtorità kompetenti - l-isem u l-indirizz uffiċjali tal-awtorità identifikata fir-regolament 4.

(ii) Firxa ġeografika tad-distrett tal-*catchment* tal-ilma - l-ismijiet tal-korsi tal-ilma ewlenin fid-distrett tal-*catchment* tal-ilma flimkien mad-deskrizzjoni preċiża tal-fruntieri tad-distrett tal-catchment tal-ilma. Din l-informazzjoni trid tkun kemm jista' jkun ottenibbli biex tiddaħħal fis-sistema ta' informazzjoni ġeografika (GIS).

(iii) L-istatus legali tal-awtorità kompetenti - deskrizzjoni tal-istatus legali tal-awtorità kompetenti u, fejn rilevanti, sommarju jew kopja tal-istatut tagħha, it-trattat tal-fondazzjoni jew dokument legali ekwivalenti, jew l-Att li jistabbillixxi l-Awtorità rilevanti li ingħadda fil-Parlament.

(iv) Responsabbiltajiet - deskrizzjoni tar-responsabbiltajiet legali u amministrattivi ta' kull awtorità kompetenti u tar-rwol tagħha f'kull distrett tal-catchment tal-ilma.

(v) Sħubija - fejn l-awtorità kompetenti taġixxi bħala korp kordinatur għall-awtorità kompetenti oħra, hija meħtieġa lista ta' dawn il-korpi, flimkien ma' sommarju tar-relazzjonijiet istituzzjonali stabbiliti biex jiżguraw koordinazzjoni.

---

SKEDA II

ILMIJIET TAL-WIĊĊ

1.1 Karatterizzazzjoni ta' tipi tal-korp tal-ilma tal-wiċċ

L-awtorità kompetenti għandha tidentifika l-lokalità u l-fruntieri ta' korpi tal-ilma tal-wiċċ u għandha twettaq karatterizzazzjoni inizjali tat-tali korpi kollha skont il-metodoloġija li ġejja. L-awtorità kompetenti tista' tiggruppja korpi tal-ilma tal-wiċċ flimkien għall-iskop tal-karatterizzazzjoni inizjali:

(i) il-korpi tal-ilma tal-wiċċ fid-distrett tal-*catchment* tal-ilma għandhom ikunu identifikati bħala li jaqgħu jew f'waħda mill-kategoriji ta' ilma tal-wiċċ li ġejjin - korsi tal-ilma, għadajjar, ilmijiet transizzjonali jew ilmijiet kostali - jew bħala korpi tal-ilma tal-wiċċ artifiċjali jew korpi tal-ilma tal-wiċċ modifikata bil-kbir;

(ii) għal kull kategorija ta' ilma tal-wiċċ, il-korpi tal-ilma tal-wiċċ rilevanti fid-distrett tal-*catchment* tal-ilma għandhom ikunu ddifferenzjati skont it-tip. Dawn it-tipi huma dawk definiti bl-użu tas-'sistema A' jew tas-'sistema B' identifikati fis-sezzjoni 1.2;

(iii) jekk tintuża s-sistema A, il-korpi tal-ilma tal-wiċċ fid-distrett tal-*catchment* tal-ilma għandhom ikunu ddifferenzjati skont it-tipi tal-korp tal-ilma tal-wiċċ skont id-deskritturi stabbiliti fit-tabelli għas-sistema A;

(iv) jekk tintuża s-sistema B, l-awtorità kompetenti għandha tikseb tal-inqas l-istess grad ta' differenzazzjoni li kieku tinkiseb bl-użu tas-sistema A. Hekk ukoll, il-korpi tal-ilma tal-wiċċ tad-distrett tal-*catchment* tal-ilma għandhom ikunu ddifferenzjati f'tipi bl-użu tal-valuri tad-deskritturi

obbligatorji u tali deskritturi opzjonali, jew kombinazzjonijiet ta' deskritturi, kif ikun meħtieġ biex ikun żgurat li l-kundizzjonijiet ta' riferenza bijoloġika speċifika ta' tip tista' tkun derivata b'mod ta' min jorbot fuqha;

(v) għal korpi ta' ilma tal-wiċċ artifiċjali jew immodifikati bil-kbir id-differenzazzjoni għandha titwettaq skont id-deskritturi li għalihom il-kategoriji tal-ilma tal-wiċċ l-aktar li jixbaħ lill-korp tal-ilma tal-wiċċ modifikat bil-kbir jew lil dak artifiċjali konċernat;

(vi) l-awtorità kompetenti għandha toħloq mappa jew mapep (f'format GIS) tal-allokazzjoni ġeografika tat-tipi konsistenti mal-grad ta' differenzazzjoni mitluba fis-sistema A.

1.2 Ekoreġjuni u tipi ta' korpi ta' ilma tal-wiċċ

Korsi tal-ilma

*Sistema A*

| Tipoloġija fissa | Deskritturi |
|---|---|
| Ekoreġjun | L-Italja, Korsika u Malta |
| Tip | Tipoloġija tal-altitudni |
| | għoli nofsani: bejn 200 to 800 m |
| | art baxxa: <200 m |
| | Tipoloġija tad-daqs ibbażata fuq l-inħawi tal-*catchment* |
| | żgħira: 10 sa100 $km^2$ |
| | Ġeoloġija |
| | kalċerarja (tal-ġir) |

*Sistema B*

| | |
|---|---|
| Karatterizzazzjoni alternattiva | Fatturi fiżiċi u kimiċi li jiddeterminaw il-karatteristiċi tal-korsa tal-ilma jew parti minnha, u għalhekk l-istruttura u l-kompożizzjoni tal-popolazzjoni bioloġika |
| Fatturi obbligatorji | altitudni<br>latitudni<br>lonġitudni<br>ġeoloġija<br>daqs |
| Fatturi opzjonali | distanza mis-sors tal-ilma<br>l-enerġija tal-inżul (funzjoni tal-inżul u l-qlib)<br>il-wisgħa medja tal-ilma<br>il-fond medju tal-ilma<br>il-qlib medju tal-ilma<br>il-forma u l-forma tas-sodda ewlenija tax-xmara<br>il-kategorija tal-ħruġ tax-xmara (l-inżul)<br>il-forma tal-wied<br>it-trasport ta' solidi<br>il-kapaċità ta' newtralizzazzjoni tal-aċidu<br>il-kompożizzjoni medja tas-sottostrat<br>kloru<br>il-firxa tat-temperatura tal-arja<br>it-temperatura medja tal-arja<br>preċipitazzjoni |

1.2.2 Lagi

*Sistema A*

| Tipoloġija fissa | Deskritturi |
|---|---|
| Ekoreġjun | L-Italja, Korsika, u Malta |
| Tip | Tipoloġija tal-għoli |
| | għoli nofsani: bejn 200 u 800 m |
| | art baxxa: < 200m |
| | Tipoloġija tal-fond ibbażata fuq il-fond medju |
| | <3 m |
| | 3 sa 15-il m |
| | >15 m |
| | Tipoloġija tad-daqs ibbażata fuq id-daqs tal-wiċċ |
| | 0.5 sa 1 $km^2$ |
| | 1 sa 10 $km^2$ |
| | Ġeoloġija |
| | kalċerarja |

*Sistema B*

| | |
|---|---|
| Karatterizzazzjoni alternattiva | Fatturi fiżiċi u kimiċi li jiddeterminaw il-karatteristiċi tal-lag u għalhekk anki l-istruttura u l-kompożizzjoni tal-popolazzjoni bioloġika |
| Fatturi obbligatorji | altitudni<br>latitudni<br>lonġitudni<br>fond<br>ġeoloġija<br>daqs |
| Fatturi opzjonali | fond medju tal-ilma<br>forma tal-lag<br>ħin ta' residenza<br>temperatura medja tal-arja<br>firxa tat-temperatura tal-arja<br>karatteristiċi tat-taħlit (eżempju monomiktiku, dimiktiku, polimiktiku)<br>kapaċità li tinnewtralizza l-aċidu<br>status tal-isfond tan-nutrijienti<br>kompożizzjoni medja tas-sottostrat<br>fluttwazzjoni tal-livell tal-ilma |

Ilmijiet transizzjonali

*Sistema A*

| Tipoloġija fissa | Deskritturi |
|---|---|
| Ekoreġjun | Il-Baħar Mediterran |
| Tip | Ibbażat fuq is-salinità medja annwali |
| | <0.5: ilma tajjeb |
| | 0.5 sa <5: oligohaline |
| | 5 sa <18: mesohaline |
| | 18 sa <30: polyhaline |
| | 30 sa <40: euhaline |
| | Ibbażat fuq il-firxa medja tat-*tides* |
| | <2 m: mikrotidali |

*Sistema B*

| | |
|---|---|
| Karatterizzazzjoni alternattiva | Fatturi fiżiċi u kimiċi li jiddeterminaw il-karatteristiċi ta' lilma transizzjonali u għalhekk l-istruttura u l-kompożizzjoni tal-popolazzjoni bijoloġika |
| Fatturi obligatorji | latitudni<br>lonġitudini<br>firxa tat-*tide*<br>salinità |
| Fatturi opzjonali | fond<br>veloċità tal-kurrent<br>espożizzjoni tal-mewġ<br>ħin ta' residenza<br>temperatura medja tal-ilma<br>karatteristiċi tat-taħlit<br>turbidità<br>kompożizzjoni medja tas-sottostrat<br>forma<br>firxa tat-temperatura tal-ilma |

Ilmijiet kostali

*Sistema A*

| Tipoloġija fissa | Deskritturi |
|---|---|
| Ekoreġjun | Il-Baħar Mediterran |
| Tip | Ibbażat fuq is-salinità medja annwali<br><0.5: ilma tajjeb<br>0.5 sa <5: oligohaline<br>5 sa <18: mesohaline<br>18 sa <30: polyhaline<br>30 sa <40: euhaline<br>Ibbażat fuq il-fond medju<br>ilmijiet baxxi: <30 m<br>intermedji: (30 sa 200 m)<br>fondi: >200 m |

*Sistema B*

| | |
|---|---|
| Karatterizzazzjoni alternattiva | Fatturi fiżiċi u kimiċi li jiddeterminaw il-karatteristiċi tal-lmijiet kostali u għalhekk l-istruttura u l-kompożizzjoni tal-komunità bijoloġika |
| Fatturi obbligatorji | latitudni<br>lonġitudini<br>firxa tat-*tide*<br>salinità |
| Fatturi opzjonali | veloċità tal-kurrent<br>espożizzjoni tal-mewġ<br>ħin ta' residenza<br>temperatura medja tal-ilma<br>karatteristiċi tat-taħlit<br>turbidità<br>ħin ta' retenzjoni (ta' bajjiet magħluqa)<br>kompożizzjoni medja tas-sottostrat<br>firxa tat-temperatura tal-ilma |

1.3 Ħolqien ta' kundizzjonijiet ta' riferenza ta' tip speċifiku għal tipi ta'' korp tal-ilma tal-wiċċ

(i) Għal kull tip ta' korp ta' ilma tal-wiċċ ikkaratterizzat skont is-sezzjoni 1.1, kundizzjonijiet idromorfoloġiċi u fiżikokimiċi ta' tip-speċifiku għandhom ikunu stabbiliti li jirrappreżentaw il-valuri tal-elementi ta' kwalità idromorfoloġiċi u fiżikokimiċi speċifikati fil-punt 1.1 fl-Iskeda V għal dak il-korp tal-ilma tal-wiċċ fi status ekoloġiku għoli kif iddefinit fit-tabella rilevanti fil-punt 1.2 fl-Iskeda V. Kundizzjonijiet ta' riferenza bioloġika għal tip-speċifikat għandha tkun stabbilita li tirrappreżenta l-valuri tal-elementi ta' kwalità bioloġika speċifikati fil-punt 1.1 tal-Iskeda V għal dak it-tip ta' korp ta' ilma tal-wiċċ fi status ekoloġiku għoli kif iddefinit fit-tabella rilevanti fis-sezzjoni 1.2 fl-Iskeda V.

(ii) Fl-applikazzjoni tal-proċeduri stabbiliti f'din is-sezzjoni għal korpi ta' ilma tal-wiċċ modifikati sewwa u artifiċjali riferenzi għal status ekoloġiku għoli għandhom ikunu meqjusa bħala riferenza għall-potenzjal ekoloġiku massimu kif iddefinit fit-tabella 1.2.5 tal-Iskeda V. Il-valuri għal potenzjali ekoloġiku massimu ta' korp ta' ilma għandu jkun rivedut kull sitt snin.

(iii) Kundizzjonijiet ta' tip-speċifiku għall-iskopijiet tal-punti (i) u (ii) u kundizzjonijiet ta' referenza bioloġika ta' tip-speċifiku jistgħu jkunu jew ibbażati spazjalment jew ibbażati fuq immudellar, jew jistgħu jkunu derivati blużu ta' kombinazzjoni ta' dawn il-metodi. Fejn mhux possibbli li jintużaw dawn il-metodi, l-awtorità kompetenti tista' tuża ġudizzju espert biex tistabbilixxi tali kundizzjonijiet. Fid-definizzjoni ta' status ekoloġiku għoli rigward il-konċentrati ta' pollutanti sintetiċi speċifiċi, il-limiti ta' detenzjoni huma dawk li jistgħu jinkisbu skont it-teknika taż-żmien meta jkunu se jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet tat-tip-speċifiku.

(iv) Għal kundizzjonijiet ta' referenza bioloġika ta' tip-speċifiku ibbażati spazjalment, l-awtorità kompetenti għandha tiżviluppa netwerk ta' referenza għal kull tip ta' korp ta' ilma tal-wiċċ. In-netwerk għandu jkun fih numru suffiċjenti ta' siti ta' status għoli biex jipprovdi livell suffiċjenti ta' fiduċja dwar il-valuri għall-kundizzjonijiet ta' referenza, mogħtija l-varjabilità fil-valuri tal-elementi ta' kwalità korrispondenti għal status ekoloġiku għoli għal dak ittip ta' korp ta' ilma tal-wiċċ u t-teknika ta' immudellar li għandhom ikunu applikati skont il-paragrafu (v).

(v) Kundizzjonijiet ta' referenza bioloġika ta' tip-speċifiku bbażati fuq immudellar, jistgħu jkunu derivati bl-użu jew ta' mudelli predittivi inkella b'metodi ta' hindcasting. Il-metodi għandhom jużaw dejta storika, paleoloġika u dejta oħra disponibbli u għandhom jipprovdu livell suffiċjenti ta' fiduċja dwar il-valuri għall-kundizzjonijiet ta' referenza biex jiżguraw li l-kundizzjonijiet hekk derivati huma konsistenti u validi għal kull tip ta' korp ta' ilma tal-wiċċ.

(vi) Fejn mhux possibbli li jkunu stabbilit kundizzjonijiet ta' referenza ta' tip-speċifiku ta'' min jorbot fuqhom għal element ta' kwalità f'tip ta' korp ta' ilma tal-wiċċ dovut minħabba gradi għoljin ta' varjabbilità naturali f'dak l-element, mhux sempliċiment bħala riżultat ta' varjazzjonijiet staġjonali, allura dak l-element jista' jkun eskluż mill-assessjar tal-istatus ekoloġiku għal dak it-tip ta' ilma tal-wiċċ. F'tali ċirkostanza l-awtorità kompetenti għandha tagħti t-raġunijiet għal din l-esklużjoni fil-pjan tal-immaniġġar tal-*catchment* tal-ilma.

1.4 Identifikazzzjoni ta' Pressjonijiet

L-awtorità kompetenti għandha tiġbor u żżomm informazzjoni dwar it-tip u s-saħħa ta' pressjonijiet antropoġeniċi sinifikanti li huma jistgħu jkunu suġġetti għalihom il-korpi tal-ilma tal-wiċċ f'kull distrett tal-catchment tal-ilma, partikularment dawn li ġejjin.

Stima u identifikazzjoni ta' mnejn jibda sors ta' inkwinament sinifikanti, partikularment b'sustanzi elenkati fl-Iskeda VIII, Skeda IX u X minn istallazzjonijiet u attivitajiet urbani, industrijali, agrikoli u oħrajn ibbażati, fost oħrajn, fuq informazzjoni miġbura taħt:

(i) ir-regolament 14 tar-Regolamenti dwar it-Trattament ta' Ilma Urban Mormi (L.S. 549.22) u programmi pubblikati sussegwentament għal dawn ir-regolamenti;

(ii) ir-regolamenti 7, 8 u 18 tal-Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis tal-Emissjonijiet Industrijali (L.S. 549.77);

u għall-iskopijiet inizjali tal-immaniġġar tal-*catchment* tal-ilma:

(iii) l-Iskeda IX u l-Iskeda X;

(iv) ir-Regolamenti dwar Ilma Maħsub għall-Konsum mill-Bniedem (L.S. 449.57) u r-Regolamenti dwar il-Maniġġar tal-Kwalità tal-Ilma Tajjeb għall-Għawm (L.S. 465.09);

Stima u identifikazzjoni ta' tixrid ta' inkwinament tas-sors sinifikanti, partikolarment minn sustanzi elenkati fl-Iskeda VIII, minn istallazzjonijiet u attivtajiet urbani, industrijali, agrikoli, u oħrajn; ibbażati, fost oħrajn, fuq informazzjoni miġbura taħt:

(i) ir-regolamenti 4, 6, u 7 tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Ilma mit-Tniġġis kaġunat b'Nitrati ġejjin mill-Biedja (L.S. 549.25);

(ii) l-Artikoli 7 u 17 tad-Direttiva 91/414/KEE (li jikkonċernaw prodotti fis-suq għall-ħarsien tal-pjanti);

(iii) id-Direttiva 98/8/KE (li tikkonċerna it-tqegħid ta' prodotti bijoċidali fis-suq); u għall-iskopijiet tal-ewwel pjan tal-immaniġġar tal-*catchment* tal-ilma

(iv) ir-Regolamenti dwar il-Kwalità meħtieġa fl-Ilma tal-Wiċċ biex minnu jsir l-Ilma tax-Xorb (L.S. 549.21) ir-Regolamenti dwar il-Maniġġar tal-Kwalità tal-Ilma Tajjeb għall-Għawm (L.S. 465.09).

Stima u identifikazzjoni ta' ilma sinifikanti għal użu urban, industrijali, agrikolu, u oħrajn, inklużi varjazzjonijiet staġjonali u domanda totali annwali, u telf ta' ilma fis-sistema tad-distribuzzjoni.

Stima u identifikazzjoni tal-impatt tar-regolamentazzjoni tat-tnixxija tal-ilma sinifikanti, inkluż trasferiment u devjazzjoni tal-ilma, fuq il-karatteristiċi tat-tnixxija in ġenerali u l-bilanċ tal-ilma

Identifikazzjoni ta' alterazzjonijiet morfoloġiċi fil-korpi tal-ilma.

Stima u identifikazzjoni ta' impatti antropoġeniċi sinifikanti oħra fuq l-istatus tal-ilmijiet tal-wiċċ.

Stima tal-mudelli tal-użu tal-art inkluża l-identifikazzjoni ta' inħawi prinċipali urbani industrijali, u agrikoli u, fejn rilevanti, il-meded ta' baħar fejn jinqabad il-ħut għall-kummerċ u l-foresti.

Inventarju ta' Emissjonijiet, Rilaxx u Telf:

(*a*) Għall-finijiet tal-ewwel reviżjoni u reviżjonijiet sussegwenti tal-analisi meħtieġa taħt ir-regolament 5, l-awtorità kompetenti għandha toħloq inventarju, inklużi mapep, jekk ikunu disponibbli, tal-emissjonijiet, rilaxx u telf tas-sustanzi kollha ta' prijorità u pollutanti elenkati fit-Taqsima A, Tabella 1 tal-Iskeda IX fuq il-bażi tal-nformazzjoni miġbura skont ir-regolamenti 5 u 8, ir-Regolamenti dwar l-Obbligazzjonijiet ta' Rappurtaġġ lir-Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti (L.S. 549.47), permessi ambjentali u, jew permessi

operazzjonali kif maħruġa mill-awtorità kompetenti u *data* oħra disponibbli, għad-distrett ta' *catchment* ta' ilma sitwat fit-territorju Malti, inklużi l-konċentrazzjonijiet tagħhom fis-sediment u fil-bijota, kif xieraq.

(*b*) Il-perjodu ta' referenza għall-istima tal-valuri ta' pollutanti li għandu jitniżżel fl-inventarji msemmija fil-punt (a) ta' hawn fuq għandu jkun sena bejn l-2008 u l-2010. Iżda, għal sustanzi ta' prijorità u pollutanti koperti bir-Regolamenti tal-2004 dwar Prodotti għall-Ħarsien tal-Pjanti (A.L.115 of 2004), l-annotazzjonijiet jistgħu jiġu kkalkulati bħala l-medja tas-snin 2008, 2009 u 2010.

(*ċ*) L-inventarji għandhom jiġu aġġornati bħala parti mir-reviżjonijiet tal-analiżijiet speċifikati fir-regolament 6(2). Il-perjodu ta' referenza biex jiġu stabbiliti l-valuri fl-inventarji aġġornati għandu jkun is-sena qabel ma għandha titlesta dik l-analisi. Għal sustanzi ta' prijorità u pollutanti koperti bir-Regolamenti tal-2004 dwar Prodotti għall-Ħarsien tal-Pjanti, l-annotazzjonijiet jistgħu jiġu kkalkulati bħala l-medja tat-tlet snin qabel it-tlestija ta' dik l-analiżi. L-inventarji aġġornati għandhom jiġu ppubblikati fil-pjanijiet aġġornati ta' *catchment* tal-ilma kif speċifikat fir-regolament 13(5).

1.5 Assessjar tal-Impatt

L-awtorità kompetenti għandha twettaq assessjar tas-suxxettibilità tal-istatus tal-ilma tal-wiċċ tal-korpi għall-pressjonijiet individwati hawn qabel.

L-awtorità kompetenti għandha tuża l-informazzjoni miġbura hawn qabel, u kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti inkluża *data* ta' monitoraġġ ambjentali eżistenti, biex twettaq assessjar tal-probabbilità li l-korpi tal-ilmijiet tal-wiċċ tad-distrett tal-*catchment* tal-ilma jonqsu li jilħqu l-objettivi ta' kwalità ambjentali stabbilit għal korpi fir-regolament 5. L-awtorità kompetenti tsita' tutilizza teknika ta' immudellar biex jgħinuha f'dan l-assessjar.

Għal dawk il-korpi identifikati bħala li huma f'riskju li jilħqu l-objettivi ta' kwalità ambjentali, aktar karatterizzazzjoni għandha, fejn rilevanti, tkun mwettqa biex tottomizza d-disinn sew tal-programmi ta' monitoraġġ meħtieġa skont ir-regolament 8, kif ukoll tal-programmi ta' miżuri meħtieġa skont ir-regolament 12.

(ii) ILMIJIET TA' TAĦT L-ART

2.1 Karatterizzazzjoni inizjali

L-awtorità kompetenti għandha twettaq karatterizzazzjoni inizjali tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art kollha biex tassessja l-użu tagħhom u sa liema grad huma fir-riskju li jonqsu li jilħqu l-objettivi għal kull korp tal-ilma ta' taħt l-art skont ir-regolament 5. L-awtorità kompetenti tista' tiggruppja l-korp tal-ilma ta' taħt l-art flimkien għall-iskopijiet tal-karatterizzazzjoni inizjali. Din l-analiżi tista' tuża d-*data* eżistenti idroloġika, ġeoloġika, pedaloġika, użu tal-art, tnixxija, astrazzjoni, u *data* oħra imma għandha tidentifika:

- il-lok u l-furntieri tal-korp jew korpi tal-ilma ta' taħt l-art,
- il-pressjonijiet li għalihom huwa probabbli li jkunu suġġetti l-korp jew korpi tal-ilma ta' taħt l-art inklużi:
    - (i) sorsi ta' diffużjoni ta' inkwinament
    - (ii) sorsi ta' punti ta' inkwinament
    - (iii) astrazzjoni
    - (iv) iċċarġjar artifiċjali mill-ġdid
- il-karattru ġenerali tal-istrata ta' fuq fl-inħawi tal-*catchment* li minnu l-korp tal-ilma ta' taħt l-art jirċievi l-iċċarġjar mill-ġdid tiegħu;
- dawk il-korpi ta' ilma ta' taħt l-art li għalihom hemm ekosistema jew

ekosistemi terrestri ta' ilma tal-wiċċ direttament dipendenti fuhom.

2.2 Aktar karatterizzazzjoni

Konformement mal-karatterizzazzjoni inizjali, l-awtorità kompetenti għandha twettaq aktar karatterizzazzjoni ta' dawk il-korpi jew gruppi ta' korpi ta' ilma ta' taħt l-art li jkunu ġew identifikati li huma f'riskju biex tistabbilixxi assessjar aktar preċiż tas-sinifikat ta' tali riskju u l-identifikazzjoni ta'' kwalunkwe miżuri li għandhom ikunu meħtieġa taħt ir-regolament 12. Għal din ir-raġuni, din il-karatterizzazzjoni għandha tinkludi informazzjoni relevanti dwar l-impatt ta' attivita umana u, fejn rilevanti, informazzjoni dwar:

- karatterstiċi ġeoloġiċi tal-korp tal-ilma ta' taħt ll-art li jinkludu l-estent u t-tip ta' *units* ġeoloġiċi,
- karatterstiċi idroġeoloġiċi tal-korp tal-ilma ta' taħt l-art li jinkludi l-estent u t-tip ta' *units* ġeoloġiċi,
- karatterstiċi tad-depożiti superfiċjali u ħamrija tal-*catchment* minn fejn il-korp tal-ilma ta' taħt l-art jirċievi l-iċċarġjar mill-ġdid tiegħu, inkluż il-ħxuna, il-porożità, il-konduttività idrawlika, u l-proprjetajiet assorbenti tad-depożiti u l-ħamrija,
- karatterstiċi tal-istratifikazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art fil-korp tal-ilma,
- inventarju ta' sistemi assoċjati tal-wiċċ, inklużi ekosistemi terrestri u korpi tal-ilma tal-wiċċ, li magħhom l-korp tal-ilma ta' taħt l-art huwa dinamikament magħqud,
- stimi tad-direzzjonijiet u rati ta' skambju tal-ilma bejn il-korp tal-ilma ta' taħt l-art u sistemi assoċjati tal-wiċċ,
- *data* suffiċenti biex tiġi kalkulata r-rata medja annwali taż-żmien twil tal-iċċarġjar mill-ġdid ġenerali,
- karatterizzazzjoni tal-kompożizzjoni kimika tal-ilma ta' taħt l-art, inkluża speċifikazzjoni tal-kontribuzzjonijiet minn attività umana. L-awtorità kompetenti tista' tuża tipoloġiji għal karatterizzazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art meta jkunu stabbiliti livelli naturali ta' sfond għal dawn il-korpi tal-ilma ta' taħt l-art.

2.3 Reviżjoni tal-impatt tal-attività umana fuq ilmijiet ta' taħt l-art

Għal dawk il-korpi tal-ilma ta' taħt l-art li huma identifikati wara li ssir il-karatterizzazzjoni inizjali mwettqa skont il-paragrafu 2.1 kif fir-riskju jew nuqqas li jintlaħqu l-għanijiet magħmula għal kull korp skont ir-regolament 5, l-informazzjoni li jmiss trid, fejn rilevanti, tiġi miġbura u miżmuma għal kull korp tal-ilma ta' taħt l-art:

(i) l-allokazzjoni tal-punti fejn il-korp tal-ilma ta' taħt l-art użat għall-astrazzjoni tal-ilma bl-eċċezzjoni ta':

- punti għall-astrazzjoni ta' ilma li jipprovdi anqas minn medju ta' 10m$^3$ kuljum, jew,
- punti għall-astrazzjoni ta' ilma maħsub għal konsum uman li jipprovdi anqas minn medju ta' 0m$^3$ kuljum jew jservi anqas minn 50 persuna,

(ii) ir-rati medji annwali għal astrazzjoni minn dawn il-punti,

(iii) il-kompożizzjoni kimika tal-ilma astratt minn korp tal-ilma ta' taħt l-art,

(iv) l-allokazzjoni ta' punti fil-korp tal-ilma ta' taħt l-art li fihom jintefa' l-

ilma direttament,

(v) ir-rati ta' ħruġ f'tali punti,

(vi) il-kompożizzjoni kimika ta' ħruġ għall-korp tal-ilma ta' taħt l-art, u

(vii) l-użu ta' art fil-*catchment* jew *catchments* minn fejn il-korp tal-ilma ta' taħt l-art jirċievi l-iċċarġjar mill-ġdid tiegħu, inkluż dħul ta' pollutanti u alterazzjonijiet antropoġeniċi għall-karatteristiċi tal-iċċarġjar mill-ġdid bħal ilma tax-xita u diversivi ta' ilmijiet oħra bħala kawża ta' issiġillar tal-art, iċċarġjar artifiċjali mill-ġdid, bini ta' digi jew drenaġġ.

2.4 Reviżjoni tal-impatt ta' bdil f'livelli tal-ilma ta' taħt l-art

L-awtorità kompetenti għandha wkoll tidentifika dawk il-korpi tal-ilma ta' taħt l-art li għalihom għandhom jiġu speċifikati objettivi aktar baxxi, kif iddeterminat skont ir-regolament 5 inklużi bħala riżultat ta' konsiderazzjoni tal-effetti tal-istat ta' korp fuq:

(i) ilma tal-wiċċ u ekosistemi terrestri assoċjati

(ii) regolazzjoni tal-ilma, protezzjoni minn għargħar u iddrenjar tal-art

(iii) żvilupp uman.

2.5 Reviżjoni tal-impatt tal-inkwinament fuq kwalità tal-ilmijiet ta' taħt l-art

L-awtorità kompetenti għandha tidentifika dawk il-korpi tal-ilma ta' taħt l-art li għalihom għandhom ikunu speċifikati objettivi aktar baxxi skont ir-regolament 5, fejn bħala riżultat tal-impatt tal-attività umana, kif idderminat skont ir-regolament 6, il-korp tal-ilma ta' taħt l-art huwa tant inkwinat li l-ksib ta' status kimiku tajjeb ta' ilma ta' taħt l-art huwa impossibbli jew ikun spiża kbira wisq.

---

SKEDA III

ANALIŻI EKONOMIKA

L-analiżi ekonomika għandu jkun fiha biżżejjed informazzjoni f'dettall suffiċenti (b'kunsiderazzjoni tal-ispejjeż assoċjati mal-ġbir tad-*data* relevanti) sabiex:

(*a*) isiru l-kalkoli relevanti meħtieġa biex tingħata konsiderazzjoni, skont ir-regolament 9, lill-prinċipju ta' rkupru tal-ispejjeż tas-servizzi tal-ilma, waqt li jitqiesu l-pronostiċi għal tul ta' żmien tas-suppliment u talba għal ilma fid-distret tal-*catchment* tal-ilma u, fejn meħtieġ:

(i) stimi tal-volum, prezzijiet u spejjeż assoċjati mas-servizzi tal-ilma, u

(ii) stimi ta' investimenti relevanti inklużi pronostiċi ta' tali investimenti;

(*b*) isiru ġudizzji fuq l-aktar kombinazzjonijiet ta' miżuri l-aktar effettivi rigward l-użu tal-ilma biex jiġu inklużi fil-programm ta' miżuri skont ir-regolament 12 ibbażat fuq stimi tal-ispejjeż potenzjali ta' tali miżuri.

---

## SKEDA IV

## INĦAWI PROTETTI

Ir-reġistru ta' inħawi protetti mitlub fir-regolament 6 għandu jinkludi t-tip ta' inħawi protetti li ġejjin:

Inħawi magħżula għall-astrazzjoni ta' ilma intenzjonat għall-konsum uman skont ir-regolament 8;

Inħawi magħżula għall-protezzjoni ta' speċi akwatiċi ekonomikament b'mod sinifkanti;

Korpi ta' ilma magħżula bħala ilmijiet rikrejattivi, inklużi inħawi magħżula bħala ilmijiet għall-għawm skont kwalunkwe regolament dwar il-kwalità tal-ilma għall-għawm;

Inħawi sensittivi għan-nutrijenti, inkluż inħawi indikati bħala żoni vulnerabbli skont ir-Regolament tal-2001 il-Ħarsien tal-Ilma mit-Tniġġis kaġunat b'Nitrati ġejjin mill-Biedja (A.L. 343 tal- 2001) u inħawi indikati bħala sensittivi skont ir-Regolamenti tal-2001dwar it-Trattament ta' Ilma Urban (A.L. 340 tal-2001) kif emendati; u

Inħawi indikati għall-protezzjoni ta ħabitats jew speċi fejn il-manteniment jew il-miljorament tal-istatus tal-ilma huwa fattur importanti fil-protezzjoni tagħhom, inklużi siti relevanti li huma mħarsa fir-Regolamenti tal-2003 dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Abitati Naturali, kif emendat, (A.L. 257 tal-2003) u r-Regolamenti tal-1993 dwar il-Ħarsien tal-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ (A.L. 146 tal- 1993) kif emendat.

Is-sommarju tar-reġistru mitlub bħala parti mill-pjan tal-immaniġġar tal-catchment tal-ilma irid jinkludi mapep li jindikaw l-allokazzjoni ta' kull erja protetta u deskrizzjoni tal-leġislazzjoni li skontha dawn ġew indikati.

---

## SKEDA V

1. STATUS TAL-ILMA TAL-WIĊĊ

1.1. Elementi ta' kwalità għall-klassifikazzjoni ta' status ekoloġiku

1.1.1. Xmajjar

1.1.2. Lagi

1.1.3. Ilmijiet transizzjonali

1.1.4. Ilmijiet kostali

1.1.5. Korpi ta' ilma tal-wiċċ artifiċjali u modifikati sewwa

1.2. Definizzjonijiet normattivi ta' klassifikazzjonijiet ta' status ekoloġiku

1.2.1. Definizzjonijiet għal status ekoloġiku għoli, tajjeb, u moderat fix-xmajjar

1.2.2. Definizzjonijiet għal status ekoloġiku għoli, tajjeb, u moderat fil-lagi

1.2.3. Definizzjonijiet għal status ekoloġiku għoli, tajjeb, u moderat fl-ilmijiet transizzjonali

1.2.4. Definizzjonijiet għal status ekoloġiku għoli, tajjeb, u moderat għal korpi ta' ilmijiet modifikati sewwa jew artifiċjali

1.2.5. Definizzjonijiet għal potenzjal ekoloġiku massimu, tajjeb, u moderat għal korpi ta' ilmijiet modifikati sewwa jew artifiċjali

1.2.6. Proċedura għall-issettjar ta' *standards* ta' kwalità kimika mill-awtorità kompetenti

1.3. Monitoraġġ tal-istatus ekoloġiku u tal-istatus kimiku għall-ilmijiet

1.3.1. Pjan ta' monitoraġġ tas-sorveljanza

1.3.2. Pjan ta' monitoraġġ operazzjonali

1.3.3. Pjan ta' monitoraġġ investigattiv

1.3.4. Frekwenza ta' monitoraġġ

1.3.5. Kundizzjonijiet ta' monitoraġġ addizzjonali għal inħawi protetti

1.3.6. *Standards* ta' monitoraġġ ta' elementi ta' kwalità

1.4. Klassifikazzjoni u preżentazzjoni ta' status ekoloġiku

1.4.1. Komparabbiltà tar-riżultati ta' monitoraġġ bjioloġiku

1.4.2. Preżentazzjoni ta' riżultati u klassifika ta' status ekoloġiku u potenzjal ekoloġiku

1.4.3. Preżentazzjoni ta' riżultati u klassifika ta' monitoraġġ ta' status kimiku

2. ILMA TA' TAĦT L-ART

2.1. Status kwantitattiv ta' ilma ta' taħt l-art

2.1.1. Parametru għall-klassifikazzjoni ta' status kwantitattiv

2.1.2. Definizzjoni ta' status kwantitattiv

2.2. Monitoraġġ ta' status kwantitattiv ta' ilma ta' taħt l-art

2.2.1. Netwerk ta' monitoraġġ tal-livell ta' ilma ta' taħt l-art

2.2.2. Densità tas-siti tal-monitoraġġ

2.2.3. Frekwenza tal-monitoraġġ

2.2.4. Interpretazzjoni u preżentazzjoni tal-istatus kwantitattiv ta' ilma ta' taħt l-art

2.3. Status kimiku ta' ilma ta' taħt l-art

2.3.1. Parametri għad-determinazzjoni ta' status kimiku ta' ilma ta' taħt l-art

2.3.2. Definizzjoni ta' status kimiku ta' ilma taħt l-art tajjeb

2.4. Monitoraġġ ta' status kimku ta' ilma ta' taħt l-art

2.4.1. Netwerk ta' monitoraġġ ta' ilma ta' taħt l-art

2.4.2. Moniteoraġġ ta' sorveljanza

2.4.3. Monitoraġġ operazzjonali

2.4.4. Identifikazzjoni ta' *trends* f'pollutanti

2.4.5. Interpretazzjoni u preżentazzjoni ta' status kimiku ta' ilma tal-wiċċ

2.5. Preżentazzjoni ta' status ta' ilma ta' taħt l-art

1. STATUS TA'ILMA TAL-WIĊĊ

1.1. Elementi ta' kwalità għall-klassifka ta' status ekoloġiku

1.1.1. Korsi tal-ilma

Elementi Bijoloġiċi

Kompożizzjoni u abbundanza ta' flora akwatika

Kompożizzjoni u abbundanza ta' fawna invertebrata bentika

Elementi idromorfoloġiċi li jissapportjaw l-elementi bijoloġiċi

Reġim idroloġiku

kwantità u dinamika tat-tmexxija ta' ilma

konnessjoni ma' korpi ta' ilma ta' taħt l-art

Kontinwità tal-korsa tal-ilma

Kundizzjonijiet morfoloġiċi

varjazzjoni tal-fond u l-wisa' tal-kanal tal-ilma

struttura u l-wiċċ tal-qiegħ tax-xmara

struttura u żona riparjana (tax-xatt ta' madwar xmara)

*Elementi kimiċi u fiżiko-kimiċi li jissapportjaw l-elementi bijoloġiċi*

*Ġenerali*

Kundizzjonijiet termali

Kundizzjonijiet ossiġenali

Salinità

Status ta' acidifikazzjoni

Kundizzjonjiet nutrittivi

*Pollutanti speċifiċi*

Inkwinament mis-sustanzi kollha prijoritarji identifikati bħala li qed joħorġu fil-korp ta' ilma. Inkwinament minn sustanzi oħra identifikati bħala li qed joħorġu fi kwantitajiet sinifikanti fil-korp tal-ilma

1.1.2. Għadajjar

*Elementi bioloġiċi*

Kompożizzjoni, abbundanza, u bijomassa tal-fitoplankton

Kompożizzjoni u abbundanza ta' flora oħra akwatika

Kompożizzjoni ta' fawna invertebrata bentika

*Elementi idromorfoloġiċi li jissapportjaw l-elementi bijoloġiċi*

Reġim idroloġiku

kwantità ta' ilma

żmien ta' residenza

konnessjoni ma' korpi ta' ilma ta' taħt l-art

Kundizzjonijiet morfoloġiċi

varjazzjoni tal-fond ta' lag

kwantità, struttura, u l-wiċċ tal-qiegħ tal-għadira

struttura tax-xatt tal-għadira

*Elementi kimiċi u fiżo-kimiċi li jissapportjaw l-elementi bijoloġiċi*

*Ġenerali*

Trasparenza

Kundizzjonijiet termali

Kundizzjonijiedt ossiġenali

Salinità

Status ta' aċidifikazzjoni

Kundizzjonijiet nutrittivi

*Pollutanti speċifiċi*

Inkwinament mis-sustanzi kollha prijoritarji identifikati bħala li qed joħorġu fil-korp tal-ilma

Inkwinament minn sustanzi oħra identifikati bħala li qed joħorġu fi kwantijiet sinifikanti fil-korp ta' ilma

1.1.3. Ilmijiet Transizzjonali

*Elementi bijoloġiċi*

Kompożizzjoni, abbundanza, u bijomassa tal-fitoplankton

Kompożizzjoni u abbundanza ta' flora akwatika

Kompożizzjoni u abbundanza ta' fawna invertebrata bentika

Kompożizzjoni u abbundanza ta' fawna ta' ħut

*Elementi idromorfolġiċi li jissapportjaw l-elementi bijoloġiċi*

Kundizzjonijiet morfoloġiċi

varjazzjoni tal-fond

kwantità, struttura, u wiċċ tal-qiegħ

struttura taż-żona mediolittoral

Reġim tat-*tide*

tnixxija ta' ilma tajjeb

espożizzjoni għall-mewġ

*Elementi kimiċi u fiżiko-kimiċi li jissapportjaw l-elementi bijoloġiċi*

*Ġenerali*

Trasparenza

Kundizzjonijiet termali

Kundizzjonijiet ossiġenali

Salinità

Kundizzjonjiet nutrittivi

*Pollutanti speċifiċi*

Inkwinament mis-sustanzi kollha prijoritarji identifikati bħala li qegħdin jintefgħu fil-korp ta' ilma

Inkwinament minn sustanzi oħra identifikati bħala li qegħdin jintefgħu fi kwantitajiet sinifikanti fil-korp ta' ilma

1.1.4. Ilmijiet kostali

*Elementi bijoloġiċi*

Kompożizzjoni, abbundanza, u biomassa tal-fitoplankton

Kompożizzjoni u abbundanza ta' flora akwatika oħra

Kompożizzjoni u abbundanza tal-fawna invertebrata bentika

*Elementi idromorfoloġiċi li jissapportjaw l-elementi bijoloġiċi*

Kundizzjonijiet morfoloġiċi

varjazzjoni tal-fond

struttura u wiċċ tal-qiegħ kostali

struttura taż-żona intertidal

Reġim tat-*Tide*

direzzjoni ta' kurrenti dominanti

espożizzjoni għall-mewġ

*Elementi kimiċi u fiżiko-kimiċi li jissapportjaw l-elementi bijoloġiċi*

*Ġenerali*

Trasparenza

Kundizzjonijiet termali

Kundizzjonijiet ossiġenali

Salinità

Kundizzjonijiet nutrittivi

*Pollutanti speċifiċi*

Inkwinament mis-sustanzi kollha prijoritarji identifikati bħala li qegħdin jintefgħu fil-korp ta' ilma

Inkwinament minn sustanzi oħra identifikati bħala li qegħdin jintefgħu fi kwantitajiet sinifikanti fil-korp ta' ilma.

1.1.5. Korpi ta'ilma tal-wiċċ artifiċjali u modifikati sewwa

L-elementi ta' kwalità applikabbli għal korp ta' ilma ta' wiċċ artifiċjali u modifikati sewwa għandhom ikunu dawk applikabbli għal liema mill-erba' kategoriji ta' ilma tal-wiċċ naturali ta' hawn fuq l-aktar jixbħu mill-qrib lill-korp konċernat ta' ilma tal-wiċċ artifiċjali jew modifikat sewwa.

1.2 Definizzjonijiet normattivi ta' klassifikazzjonijiet ta' status ekoloġiku

Tabella 1.2. Definizzjoni ġenerali għal xmajjar, korsi tal-ilma, għadajjar, ilmijiet transizzjonali u ilmijiet kostali

It-test li ġej jipprovdi definizzzjoni ġenerali ta' kwalità ekoloġika. Għall-iskopijiet ta' klassifika, il-valuri għall-elementi ta' kwalità ta' status ekoloġiku għal kull kategorija ta' ilma tal-wiċċ huma dawk mogħtija fit-tabelli 1.2.1 sa 1.2.4

| Elementi | Status għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| Ġenerali | M'hemm ebda, jew ftit tassew biss, alterazzjonijiet għall-valuri ta' elementi ta' kwalità fiżiko-kimiċi u idromorfoloġiċi għat-tip ta' korp ta' ilma tal-wiċċ minn dawk normalment assoċjati ma' dak it-tip taħt kundizzjonijiet mhux disturbati.<br><br>Il-valuri tal-elementi ta' kwalità bijoloġika għal korp tal-ilma tal-wiċċ jirriflettu dawk normalment assoċjati ma' dak it-tip taħt kundizzjonijiet mhux disturbati, u li ma' juru l-ebda evidenza ta' tfixkil, jew huma minuri.<br><br>Dawn huma l-komunitajiet u kundizzjonijiet ta' tip-speċifiku. | Il-valuri tal-elementi ta' kwalità bioloġika għat-tip ta' korp tal-ilma tal-wiċċ juru livelli baxxi ta' tfixkil li jirriżultaw minn dawk normalment assoċjati mat-tip ta' korp tal-ilma tal-wiċċ taħt kundizzjonijiet mhux disturbati. | Il-valuri tal-elementi ta' kwalità bioloġika għat-tip ta' korp tal-ilma tal-wiċċ joħorġu moderatament minn dawk normalment assoċjati mat-tip ta' korp tal-ilma tal-wiċċ taħt kundizzjonijiet mhux-disturbati. Il-valuri juru sinjali moderati ta' tfixkil li jirrizulta minn attività umana u huma sinifikament aktar disturbati minn taħt kundizzjonijiet ta' status tajjeb. |

Ilmijiet li jiksbu status inqas minn moderat iridu jiġu kklassifikati bħala fqar jew ħżiena.

Ilmijiet li juru evidenza ta' alterazzjoni maġġuri għall-valuri ta' elementi ta' kwalità bijoloġika għat-tip ta' korp tal-ilma tal-wiċċ u fejn il-komunitajiet bijoloġiċi relevanti joħorġu sostanzjalment minn dawk assoċjati normalment mat-tip ta' korp tal-ilma tal-wiċċ taħt kundizzjonijiet mhux imfixkla, iridu jiġu klassifikati bħala fqar.

Ilmijiet li juru evidenza ta' alterazzjonijiet kbar għall-valuri tal-elementi ta' kwalità bijoloġika għat-tip ta' korp tal-ilma tal-wiċċ u fejn partijiet kbar tal-komunitajiet bijoloġiċi relevanti normalment assoċjati mat-tip ta' korp tal-ilma tal-wiċċ taħt kundizzjonijiet mhux imfixxkla huma nieqsa, iridu jiġu klassifikati bħala ħżiena.

1.2.1. Definizzjonijiet ta' status ekoloġiku għoli, tajjeb, moderat fil-korsi tal-ilma

Elementi bijoloġiċi ta' kwalità

| Elementi | Status għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| Makrofiti u fitobenti | Il-kompożizzjoni tassonomika tikkorrispondi totalment jew kważi totalment ma’ kundizzjonijiet mhux disturbati.<br><br>M’hemmx dehra ta’ bdil tal-abbundanza makrofitika medja u fil-fitobentika medja. | Hemm bdil ħafif fil-kompożizzjoni u abbundanza ta’ *taxa* fitobentika u makrofitika għall-komunitajiet ta’ tip speċifiku. Dan il-bdil ma’ jindikax xi kobor aċċellerat ta’ fitobenti jew forom aktar għolja ta’ ħajja ta’ pjanti li tirriżulta f’disturbi mhux mixtieqa għal bilanċ ta' organiżmi preżenti fil-korp tal-ilma jew għal kwalità fiżiko-kimika tal-ilma jew sediment.<br><br>Il-komunità fitobentika mhijiex affetwata kontrarjament minn ħaxix jew koperti batteriċi preżenti minn attività antropoġenika. | Il-kompożizjoni ta’ *taxa* makrofitika u fitobentika hi differenti xi ftit mill-komunità ta’ tip-speċifiku u hija sinifikament aktar imfixkla minn status tajjeb.<br><br>Bdil moderat fil-makrofitika medja u fl-abbundanza fitobentika medja huwa evidenti.<br><br>Il-komunità fitobentika tista’ titħawwad ma’ u, f’ċerti żoni, imwarba, minn *tufts* u koperti batteri preżenti bħala riżultat ta’ attivitajiet antropoġeniċi. |
| Fawna invertebrata bentika | Il-kompożizzjoni u l-abbundanza tassonomika li tikkorrispondi totalment jew kważi totalment mal-kundizzjonijiet mhux disturbati.<br><br>Il-proporzjon ta’ *taxa* sensittiva ta’ disturbanza ma’ turi l-ebda sinjal ta’ alterazzjoni minn livelli mhux disturbati.<br><br>Il-livell ta’ diversità ta’ *taxa* invertebrata ma juru ebda sinjal ta’ alterazzjoni minn livelli mhux disturbati. | Hemm bdil ħafif fil-kompożizzjoni u abbundanza ta’ *taxa* invertibra minn komunitajiet ta’ tip speċifiku.<br><br>Il-proporzjon ta’ *taxa* ta’ disturbanza-sensittiva juri alterazzjoni ħafifa minn livelli ta’ tip speċifiku.<br><br>Il-livell ta' diversità ta' taxa invertibra turi sinjali ħfief ta' alterazzjoni minn livelli speċifiċi. | Il-kompożizzjoni u abbundanza ta’ *taxa* invertebrata tinbidel moderatament mill-komunitajiet tat-tip-speċifiku.<br><br>Gruppi tassonomiċi maġġuri tal-komunità tat-tip-speċifiku huma nieqsa.<br><br>Il-proporzjon ta’ *taxa* sensittivi għad-disturbazzjoni, u l-livell ta’ diversità, huma sostanzjalment baxxi mill-livell tat-tip speċifiku u sinifikament baxxi minn dawk għal status tajjeb. |

Elementi idromorfoloġiċi ta' kwalità

| Elementi | Status għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| Reġim idroloġiku | Il-kwantità u dinamiċità ta' tnixxija, u l-konnessjoni riżultanti tal-ilmijiet ta' taħt l-art, jirriflettu totalment, jew kważi totalment, kundizzjonijiet mhux disturbati. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. |
| Kontinwità tal-kors tal-ilma | Il-kontinwità tal-kors tal-ilma mhux disturbata minn attivitajiet antropoġeniċi u tippermetti migrazzjoni mhux disturbata ta' organiżmi akwatiċi u trasport ta' sediment | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika |
| Kundizjonijiet morfoloġiċi | Forom ta' kanal/i, varjazazjonijiet tal-wisa' u tal-fond, veloċitajiet tat-tnixxija, kondizjonijiet ta' sottostratifikazzjoni u kemm l-istruttura u l-kundizzjoni taż-żoni tax-xtut tax-xmara jikkorrispondu totalment jew kważi totalment ma' kundizzjonijiet mhux disturbati. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika |

Elementi fiżiko-kimiċi ta' kwalità (1)

| Elementi | Status għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| Kundizzjoni-jiet ġenerali | Il-valuri tal-elementi fiżiko-kimiċi jikkorrispondu totalment jew kważi totalment ma' kundizzjonijiet mhux disturbati. Konċentrazzjonijiet nutrittivi jibqgħu fi ħdan l-iskala normalment assoċjati mal-kundizzjonijiet mhux disturbati. | Temperatura, bilanċ tal-ossiġenu, pH, kapaċità li tinnewtralizza l-aċidu u salinità ma jilħqux il-livelli barra mill-iskala stabbilita sabiex jiżguraw il-funzjoni tal-ekosistemi tat-tip speċifiku u l-kisba tal- | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati fuq l-elementi ta' kwalità bijoloġika. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Livelli ta' salinità, pH, bilanċ tal-ossiġenu, kapaċità li tinnewtralizza l-aċidu u temperatura ma juru l-ebda sinjali ta' disturbanza antropoġenika u jibqgħu fi ħdan l-iskala normalment assoċjata ma' kundizzjonijiet mhux disturbati. | valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bjioloġika.<br>Konċentrazzjonijiet nutrittivi ma jaqbżux il-livelli stabbiliti sabiex jiżguraw il-funzjoni tal-ekosistemi u l-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. | |
| Pollutanti sintetiċi speċifiċi | Konċentrazzjonijiet viċin iż-żero u għall-anqas taħt il-limiti ta' kxif tal-aktar tekniki analitiċi avvanzati f'użu ġenerali. | Konċentrazzjonijiet mhux fl-eċċess tal-i*standards* stipulati bi qbil mal-proċedura dettaljata fis-sezzjoni 1.2.6 mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 91/414/KE u d-Direttiva 98/8/KE. (<EQS) | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati fuq l-elementi ta' kwalità bijoloġika. |
| Pollutanti mhux-sintetiċi speċifiċi | Konċentrazzjonijiet jibqgħu fi ħdan l-iskala normalment assoċjata mal-kundizzjonijiet mhux disturbati (livelli tal-isfond = bgl). | Konċentrazzjonijiet mhux fl-eċċess tal-i*standards* stipulati bi qbil mal-proċedura dettaljata fis-sezzjoni 1.2.6 (2) mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 91/414/KE u d-Direttiva 98/8/KE. (<EQS) | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati fuq l-elementi ta' kwalità bijoloġika. |
| (1) Jintużaw l-abbrevazzjonijiet li ġejjin: bgl = livell ta' sfond, SKA = *standard* ta' kwalità ambjentali | | | |
| (2) Applikazzjoni tal-i*standards* derivati minn dan il-protokoll ma jkollhomx bżonn riduzzjoni tal-konċentrati ta' pollutanti taħt il-livelli tal-isfond (EQS>bgl) | | | |

1.2.2. Definizzjonijiet għal status ekoloġiku għoli, tajjeb, moderat fl-Għadajjar

Elementi bijoloġiċi ta' kwalità

| Elementi | Status għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| Fitoplankton | Il-kompożizzjoni tassonomika tal-fitoplankton tikkorrispondi totalment jew kważi totalment ma' kundizzjonijiet mhux disturbati.<br><br>Il-bijomassa ta' fitopankton medja hija bis-sħiħ konsistenti mal-kundizzjonijiet fiżiko-kimiċi tat-tip speċifiku u għalhekk mhijiex tali li tibdel b'mod sinifikanti l-kundizzjonijiet ta' trasparenza fiżikokimika tat-tip-speċifiku.<br><br>Blanzuni planktoniċi jseħħu bi frekwenza u intensità li huma konsistenti mal-kundizzjonijiet fiżiko-kimiċi ta' tip speċifiku. | Hemm bdil ħafif fil-kompożizzjoni u bijomassa tat-*taxa* planktonika imqabbla mal-komunitajiet ta' tip speċifiku. Dan il-bdil ma jindika l-ebda kobor aċċelerat ta' alga li jirriżulta minn disturbi mhux mixtieqa għal bilanċ ta' organiżmi preżenti fil-korp tal-ilma jew għal kwalità fiżiko-kimika tal-ilma jew sediment.<br><br>Żieda ħafifa fil-frekwenza u intensità tal-blanzuni planktoniċi tat-tip-speċifiku tista' sseħħ. | Il-kompożizzjoni ta' *taxa* planktonika tidbiddel moderatament mil-komunitajiet ta' tip speċifiku.<br><br>Il-bijomassa hija moderatament disturbata u tista' tkun tant li tipproduċi disturbanza mhux mixtieqa sinifikanti fil-valuri jew f'elementi ta' kwalità fiżiko-kimiċi u bijoloġiċi oħra.<br><br>Żieda moderata fil-frekwenza u intensità ta' blanzuni planktonika tista' sseħħ. Blanzuni persistenti jistgħu jseħħu matul ix-xhur tas-sajf. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Makrofiti u fitobentos | Il-kompożizzjoni tassonimika tikkorispondi totalment jew kważi totalment ma' kundizzjonijier mhux disturbati.<br><br>Ma' hemm ebda bdil li jidher fl-abbundanza medja makrofitika u f'dik medja fitobentika. | Hemm bdil ħafif fil-kompożizzjoni u abbundanza ta' *taxa* fitobentika u makrofitika għall-komunitajiet ta' tip speċifiku. Dan il-bdil ma jindika l-ebda tkabbir aċċelerat ta' fitobentos jew forom aktar għolja ta' ħajja ta' pjanti li tirriżulta f'disturbi mhux mixtieqa għal bilanċ ta' organiżmi preżenti fil-korp tal-ilma jew għal kwalità fiżiko-kimika tal-ilma jew sediment.<br><br>Il-komunità fitobentika mhijiex affetwata bil-kontra bit-*tufts* jew koperti batteriċi preżenti minn attività antropoġenika. | Il-kompożizjoni ta' *taxa* makrofitiċi u fitobentika hija moderatament differenti mill-komunità ta' tip-speċifiku u hija sinifikament aktar imfixkla minn stat tajjeb.<br><br>Bdil moderat fl-abbundanza makrofitika medja u fl-abbundanza fitobentika medja huwa evidenti.<br><br>*Tufts* u koperti batteriċi prezenti bħala riżultat ta' attivitajiet antropoġeniċi jistgħu jxekklu, u f'xi inħawi anke jieħdu post il-komunità fitobentika. |
| Fawna invertebrata bentika | Il-kompożizzjoni u abbundanza tassonomika li tikkorrispondi totalment jew kważi totalment mal-kundizzjonijiet mhux disturbati.<br><br>Il-proporzjon ta' *taxa* sensittiva ta' disturbanza ma turi l-ebda sinjal ta' alterazzjoni minn livelli mhux disturbati.<br><br>Il-livell ta' diversità ta' *taxa* invertibra ma turi l-ebda sinjali ta' alterazzjoni minn livelli mhux disturbati. | Hemm bdil ħafif fil-kompożizzjoni u abbundanza ta' *taxa* invertibra minn komunitajiet ta' tip speċifiku.<br><br>Il-proporzjon ta'disturbazzjoni ta' *taxa* sensittiva għat-*taxa* insensittiva juri alterazzjoni ħafifa minn livelli ta' tip speċifiku.<br><br>Il-livell ta' diversità ta' *taxa* invertibra turi sinjali ħfief ta' alterazzjoni minn livelli mhux disturbati. | Il-kompożizzjoni u abbundanza ta' *taxa* invertebrata tinbidel moderatament mill-komunitajiet tat-tip-speċifiku.<br><br>Gruppi tassonomiċi maġġuri tal-komunità tat-tip-speċifiku huma nieqsa.<br><br>Il-proporzjoni ta' disturbazzjoni *taxa* sensittiva għal taxa insensittiva, u l-livell ta' diversità, huma sustanzjalment baxxi mill-livell tat-tip speċifiku u sinifikament aktar baxxi mill-istatus tajjeb. |

Elementi idromorfoloġiċi ta' kwalità

| Elementi | Status għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| Reġim idroloġiku | Il-kwantità u dinamiċi tat-tnixxija, livell, żmien ta' residenza, u l-konnessjoni riżultanti mal-ilmijiet ta' taħt l-art, jirriflettu totalment jew kważi totalment mal-kundizzjonijiet mhux disturbati. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati fuq l-elementi ta' kwalità bijoloġika. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati fuq l-elementi ta' kwalità bijoloġika. |
| Kundizzjoni-jiet morfoloġiċi | Il-varjazzjoni tal-fond tal-għadira, il-kwantità u l-istruttura tal-qiegħ u kemm l-istruttura, kif ukoll il-kundizzjoni taż-żona tax-xatt tal-għadira jikkorispondu totalment jew kważi totalment għal kundizzjonijiet mhux disturbati. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati fuq l-elementi ta' kwalità bijoloġika | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati fuq l-elementi ta' kwalità bijoloġika |

Elementi fiżiko-kimiċi ta' kwalità (1)

| Elementi | Status għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| Kundizzjoni-jiet ġenerali | Il-valuri tal-elementi fiżiko-kimiċi jikkorrispondu totalment jew kważi totalment ma' kundizzjonijiet mhux disturbati.<br><br>Konċentrazzjonijiet nutrittivi jibqgħu fi ħdan l-iskala normalment assoċjati mal-kundizzjonijiet mhux disturbati. | Temperatura, bilanċ tal-ossiġenu, pH, kapaċità li tinnewtralizza l-aċidu, trasparenza u salinità ma jilħqux il-livelli barra mill-iskala stabbilita sabiex jiżguraw il-funzjoni tal-ekosistemi tat-tip speċifiku u l-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati fuq l-elementi ta' kwalità bijoloġika. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Livelli ta' salinità pH, bilanċ tal-ossiġenu, kapaċità li tinnewtralizza l-aċidu, trasparenza u temperatura ma juru l-ebda sinjali ta' disturbanza antropoġenika u jibqgħu fi ħdan l-iskala normalment assoċjata ma' kundizzjonijiet mhux disturbati. | Konċentrazzjonijiet nutrittivi li ma jaqbżux il-livelli stabbiliti sabiex jiżguraw il-funzjoni tal-ekosistemi u l-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. | |
| Pollutanti sintetiċi speċifiċi | Konċentrazzjonijiet viċin iż-żero u għall-anqas taħt il-limiti ta' kxif tal-aktar tekniki analitiċi avvanzati f'użu ġenerali. | Konċentrazzjonijiet mhux fl-eċċess tal-i*standards* stipulati bi qbil mal-proċedura dettaljata fis-sezzjoni 1.2.6 mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 91/414/KE u d-Direttiva 98/8/KE. (<EQS) | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati fuq l-elementi ta' kwalità bijoloġika. |
| Pollutanti mhux sintetiċi speċifiċi | Konċentrazzjonijiet jibqgħu fi ħdan l-iskala normalment assoċjata mal-kundizzjonijiet mhux disturbati (livelli tal-isfond = bgl). | Konċentrazzjonijiet mhux fl-eċċess tal-i*standards* stipulati bi qbil mal-proċedura dettaljata fis-sezzjoni 1.2.6 [2] mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 91/414/KE u d-Direttiva 98/8/KE. (<EQS) | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati fuq l-elementi ta' kwalità bijoloġika. |
| (1) Jintużaw l-abbrevazzjonijiet li ġejjin: bgl = livell ta' sfond, EQS = *standard* ta' kwalita ambjentali | | | |
| (2) Applikazzjoni tal-i*standards* derivati minn dan il-protokoll ma jkollhomx bżonn riduzzjoni tal-konċentrati ta' pollutanti taħt il-livelli tal-isfond (EQS>bgl) | | | |

1.2.3. Definizzjonijiet għal status ekoloġiku għoli, tajjeb, u moderat f'ilmijiet transizzjonali

Elementi bijoloġiċi ta' kwalità

| Elementi | Status għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| Fitoplankton | Il-kompożizzjoni u abbundanza tal-fitoplankton *taxa* huma konsistenti ma' kundizzjonijiet mhux disturbati. | Hemm bdil ħafif fil-kompożizzjoni u abbundanza tat-*taxa* fitoplanktonika. | Il-kompożizzjoni ta' *taxa* planktonika titbiddel moderatament mill-komunitajiet ta' tip speċifiku. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Il-bijomassa ta' fitoplankton medja hija bis-sħiħ konsistenti mal-kundizzjonijiet fiżiko-kimiċi tat-tip speċifiku u mhix tali li tibdel b'mod sinifikattiv il-kundizzjonijiet ta' trasparenza fiżiko-kimiċi ta' tip-speċifiku.<br><br>Blanzuni planktoniċi jseħħu fi frekwenza u intensità li hija konsistenti mal-kundizzjonijiet fiżiko-kimiċi ta' tip speċifiku. | Hemm bdil ħafif fil-biomassa imqabbla mal-kundizzjonijiet ta' tip speċifiku. Dan il-bdil ma' jindika x xi kobor aċċelerat ta' alga li tirriżulta minn disturbi mhux mixtieqa għal bilanċ ta' organiżmi preżenti fil-korp tal-ilma jew għal kwalità fiżiko-kimika tal-ilma.<br><br>Żieda ħafifa fil-frekwenza u intensità tal-blanzuni platoniċi ta' tip-speċifiku tista' sseħħ. | Il-bijomassa hija moderatament disturbata u tista' tkun tant li tipproduċi disturbanza mhux mixtieqa sinifikanti fil-valuri jew f'elementi ta' kwalità fiżiko-kimiċi bioloġiċi oħra.<br><br>Żieda moderata fil-frekwenza u intensità ta' blanzuni planktoniċi tista' sseħħ. Blanzuni persistenti jistgħu jitfaċċaw matul ix-xhur tas-sajf. |
| Makroalga | Il-kompożizzjoni ta' *taxa* makroalga hija konsistenti ma' kundizzjonijiet mhux disturbati.<br><br>Ma hemmx dehra ta' bdil fil-koperta makroalgali minħabba attivitajiet antropoġeniċi. | Hemm bdil ħafif fil-kompożizzjoni u abbundanza ta' *taxa* makroalga imqabbla mal-komunitajiet ta' tip speċifiku. Dan il-bdil ma jindika l-ebda kobor aċċelerat ta' fitobentiċi jew forom aktar għolja ta' ħajja ta' pjanti li tirriżulta f'disturbi mhux mixtieqa għal bilanċ ta' organiżmi preżenti fil-korp tal-ilma jew għal kwalità fiżiko-kimika tal-ilma. | Il-kompożizjoni ta' *taxa* makroalga tinbidel moderatament mill-kundizzjonijiet ta' tip-speċifiku u hija sinifikament aktar imfixkla minn kwalità tajba.<br><br>Bdil moderat fl-abbundanza makroalga medja huwa evidenti u jista' jkun li jirriżulta f'disturbanzi mhux mixtieqa għall-bilanċ ta' organiżmi preżenti fil-korp tal-ilma. |
| Anġjospermi | Il-kompożizzjoni tassonomika tikkorrispondi totalment jew kważi totalment mal-kundizzjonijiet mhux disturbati.<br><br>Ma hemmx dehra ta' bdil fl-abbundanza tal-anġjosperma minħabba attivitajiet antropoġeniċi. | Hemm bdil ħafif fil-kompożizzjoni ta' *taxa angiosperm* mqabbla ma' komunitajiet ta' tip speċifiku.<br><br>Abbundanza ta' anġjospermi turi sinjali ħfief ta' disturbanza. | Il-kompożizzjoni tat-*taxa* anġjospermika tinbidel moderatament mill-komunitajiet tat-tip-speċifiku u hija sinifikament aktar imfixkla milli fi kwalità tajba.<br><br>Hemm tfixkil moderat fl-abbundanza ta' *taxa* anġjospermika. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Fawna invertibrata bentika | Il-livell ta' diversità u abbundanza ta' *taxa* invertibra hija fi ħdan l-iskala normalment assoċjata ma' kundizzjonijiet mhux disturabati.<br><br>It-*taxa* kollha sensittiva għat-tfixkil assoċjat ma' kundizjonijiet mhux disturbati hija preżenti.. | Il-livell ta' diversità u abbundanza ta' *taxa* invertibra huwa kemm kemm barra mill-iskala assoċjata mal-kundizzjonijiet ta' tip speċifiku.<br><br>Ħafna mit-*taxa* sensittiva tal-komunitajiet ta' tip speċifiku hija preżenti. | Il-livell ta' diversità u abbundanza ta' *taxa* invertibra huwa kemm kemm barra mill-iskala assoċjata mal-kundizzjonijiet ta' tip speċifiku.<br><br>*Taxa* indikattiva għall-inkwinament hija preżenti.<br><br>Ħafna mit-*taxa* sensittiva tal-komunitajiet ta' tip speċifiku hija nieqsa. |
| Fawna tal-ħut | Abbundanza u kompożizzjoni tal-ispeċi huma konsistenti ma' kundizzjonijiet mhux disturbati. | L-abbundanza tal-ispeċi sensittivi għad-disturbazzjoni juru sinjali ħfief ta' tfixkil mill-kundizzjonijiet ta' tip-speċifiku attribwibbli għal impatti antropoġeniċi fuq elementi ta' kwalità idromorfoloġika jew fiżiko-kimika. | Proporzjoni moderat tal-ispeċi ta' tip speċifiku sensittivi għad-disturbazzjoni huma nieqsa bħala riżultat ta' impatti antropoġeniċi fuq elementi ta' kwalità idromorfoloġika jew fiżiko-kimika. |

Elementi idromorfoloġiċi ta' kwalità

| Elementi | Status għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| Reġim ta' tnixxija | Ir-reġim tat-tnixxija jikkorrispondi totalment jew kważi totalment għal kundizzjonijiet mhux disturbati. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. |
| Kundizzjonijiet morfoloġiċi | Varjazzjonijiet tal-fond, kundizzjonijiet ta' sottostratifikazzjoni, u kemm l-istruttura kif ukoll il-kundizzjoni taż-żoni intertidal jikkorrispondu totalment jew kważi totalment ma' kundizzjonijiet mhux disturbati. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba ta' valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika | Kundizzjoni-jiet konsistenti mal-kisba ta' valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika |

Elementi fiżiko-kimiċi ta' kwalità [1]

| Elementi | Status għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| Kundizzjoni-jiet ġenerali | L-elementi fiżiko-kimċi jikkorrispondu totalment jew kważi totalment ma' kundizzjonijiet mhux disturbati.<br><br>Konċentrazzjonijiet nutrittivi jibqgħu fi ħdan l-iskala normalment assoċjati mal-kundizzjonijiet mhux disturbati.<br><br>Livelli ta' salinità pH, bilanċ tal-ossiġenu, kapaċità li tinnewtralizza l-aċidu u temperatura ma juru l-ebda sinjali ta' disturbanza antropoġenika u jibqgħu fi ħdan l-iskala normalment assoċjata ma' kundizzjonijiet mhux disturbati. | Temperatura, bilanċ tal-ossiġenu u trasparenza ma' jilħqux il-livelli barra mill-iskala stabbilita sabiex jiżguraw il-funzjoni tal-ekosistemi tat-tip speċifiku u l-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika.<br><br>Konċentrazzjonijiet nutrittivi ma jaqbżux il-livelli stabbiliti sabiex jiżguraw il-funzjoni tal-ekosistemi u l-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati fuq l-elementi ta' kwalità bijoloġika. |
| Pollutanti sintetiċi speċifiċi | Konċentrazzjonijiet viċin iż-żero u għall-anqas taħt il-limiti ta' kxif tal-aktar tekniki analitiċi avvanzati f'użu ġenerali. | Konċentrazzjonijiet mhux fl-eċċess tal-i*standards* stipulati bi qbil mal-proċedura dettaljata fis-sezzjoni 1.2.6 mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 91/414/KE u d-Direttiva 98/8/KE. (<EQS) | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati fuq l-elementi ta' kwalità bijoloġika. |
| Pollutanti mhux sintetiċi speċifiċi | Konċentrazzjonijiet jibqgħu fi ħdan l-iskala normalment assoċjata mal-kundizzjonijiet mhux disturbati (livelli tal-isfond = bgl). | Konċentrazzjonijiet mhux fl-eċċess tal-istandards stipulati bi qbil mal-proċedura dettaljata fi'sezzjoni 1.2.6 [2] mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 91/414/KE u Direttiva 98/8/KE. (<EQS) | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati fuq l-elementi ta' kwalità bijoloġika. |

(1) Jintużaw l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin: bgl = livell ta' sfond, EQS = *standard* ta' kwalità ambjentali

(2) Applikazzjoni tal-i*standards* derivati minn dan il-protokoll ma jkollhomx bżonn riduzzjoni tal-konċentrati ta' pollutanti taħt il-livelli tal-isfond (EQS>bgl)

1.2.4. Definizzjonijiet għal status ta' ilmijiet kostali għoli, tajjeb, u moderat

Elementi ta' kwalità bioloġika

| Elementi | Status għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| Fitoplankton | Il-kompożizzjoni u abbundanza tat-*taxa* fitoplankton huma konsistenti ma' kundizzjonijiet mhux disturbati.<br><br>Il-bijomassa medja tal-fitoplankton hija konsistenti mal-kundizzjonijiet fiżiko-kimiċi ta' tip speċifiku u mhijiex tant li sinifikament tibdel il-kundizzjonijiet ta' trasparenza ta' tip-speċifiku.<br><br>Blanzuni planktoniċi jseħħu fi frekwenza u intensità li hija konsistenti mal-kundizzjonijiet fiżiko-kimiċi ta' tip speċifiku. | Il-kompożizzjoni u abbundanza ta' *taxa* fitoplankton juru ftit sinjali ta' disturbanza.<br><br>Hemm bdil ħafif fil-bijomassa kumparata ma' kundizzjonijiet ta' tip speċifiku. Dan il-bdil ma' jindikax xi kobor aċċelerat ta' alga li tirriżulta minn disturbi mhux mixtieqa għall-bilanċ ta' organiżmi preżenti fil-korp tal-ilma jew għal kwalità tal-ilma jew sediment.<br><br>Ċerta żieda fil-frekwenza u intensità tal-blanzuni planktoniċi ta' tip speċifiku jistgħu jseħħu. | Il-kompożizzjoni u abbundanza ta' *taxa* fitoplankton juru sinjali ta' disturbanza moderata.<br><br>Bijomassa algali hija sostanzjalment barra mill-iskala assoċjata ma' kundizzjonijiet ta' tip speċifiku, u hija tant li tagħmel impatt fuq elementi ta' kwalità bijoloġika oħra.<br><br>Ċerta żieda fil-frekwenza u intensità tal-blanzuni planktoniċi jistgħu jseħħu. Blanzuni persistenti jistgħu iseħħu fix-xhur tas-sajf. |
| Makroalga u anġjospermi | It-*taxa* kollha makroalgali u anġjospermali sensittiva għat-tfixkil aassoċjati ma' kundizzjonijiet mhux disturbati huma preżenti.<br><br>Il-livelli ta' koperta makroalgali u abbundanza angjospermali huma konsistenti ma' kundizzjonijiet mhux disturbati. | Ħafna mit-*taxa* makroalgali u anġjospermali sensittivi għat-tfixkil assoċjati ma' kundizzjonijiet mhux disturbati huma preżenti.<br><br>Il-livelli ta' koperta makroalgali u abbundanza angjospermali juru ftit sinjali ta' disturbanza. | Numru moderat ta' *taxa* makroalgali u anġjospermali sensittivi għat-tfixkil assoċjati ma' kundizzjonijiet mhux disturbati huma nieqsa.<br><br>Koperta makroalgali u abbundanza anġjospermali huma moderatament disturbati u jistgħu jkunu tant li jirriżultaw disturbanza mhux mixtieqa għall-bilanċ ta' organiżmi preżenti fil-korp tal-ilma. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Fawna invertebrata bentika | Il-livell ta' diversità u abbundanza ta' *taxa* invertibra huwa fi ħdan l-iskala normalment assoċjata ma' kundizzjonijiet mhux disturbati.<br>It-*taxa* kollha sensittiva għat-tfixkil assoċjat ma' kundizzjonijiet mhux disturbati hija preżenti. | Il-livell ta' diversità u abbundanza ta' taxa invertibra huwa kemm kemm 'il barra mill-iskala assoċjata mal-kundizzjonijiet ta' tip speċifiku.<br>Il-biċċa l-kbira tat-*taxa* sensitiva tal-komunitajiet ta' tip-speċifiku hija preżenti. | Il-livell ta' diversità u abbundanza ta' *taxa* invertibra huwa barra mill-iskala assoċjata mal-kundizzjonijiet ta' tip speċifiku.<br>*Taxa* indikattiva ta' inkwinament hija preżenti.<br>Ħafna mit-*taxa* sensittiva tal-komunitajiet ta' tip-speċifiku hija nieqsa. |

Elementi idromorfoloġiċi ta' kwalità

| Elementi | Status għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| Reġim ta' tnixxija | Ir-reġim tat-tnixxija u d-direzzjoni u l-veloċità ta' kurrenti dominanti jikkorispondu totalment jew kważi totalment għal kundizzjonijiet mhux disturbati. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. |
| Kundizzjonijiet morfoloġiċi | Varjazzjonijiet ta' fond, l-istruttura u l-qiegħ tal-kosta, u kemm l-istruttura kif ukoll il-kundizzjoni taż-żoni intertidal jikkorispondu totalment jew kważi totalment għal kundizzjonijiet mhux disturbati. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika |

Elementi fiżiko-kimiċi ta' kwalità (1)

| Elementi | Status għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| Kundizzjonijiet ġenerali | L-elementi fiżiko-kimiċi jikkorrispondu totalment jew kważi totalment ma' kundizzjonijiet mhux disturbati. | Temperatura, bilanċ tal-ossiġenu u trasparenza ma' jilħqux il-livelli barra mill-iskali stabbiliti sabiex jiżguraw il-funzjoni tal-ekosistemi tat-tip speċifiku u l-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati fuq l-elementi ta' kwalità bijoloġika. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Konċentrazzjonijiet nutrittivi jibqgħu fi ħdan l-iskala normalment assoċjati mal-kundizzjonijiet mhux disturbati.<br><br>Temperatura, bilanċ tal-ossiġenu u trasparenza ma' juru l-ebda sinjali ta' disturbanza antropoġenika u jibqgħu fi ħdan l-iskala normalment assoċjata ma' kundizzjonijiet mhux disturbati. | Konċentrazzjonijiet nutrittivi ma' jaqbżux il-livelli stabbiliti sabiex jiżguraw il-funzjoni tal-ekosistemi u l-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. | |
| Pollutanti sintetiċi speċifiċi | Konċentrazzjonijiet viċin iż-żero u għall-anqas taħt il-limiti ta' kxif tal-aktar tekniki analitiċi avvanzati f'użu ġenerali. | Konċentrazzjonijiet mhux fl-eċċess tal-i*standards* stipulati bi qbil mal-proċedura dettaljata fis-sezzjoni 1.2.6 mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 91/414/KE u d-Direttiva 98/8/KE. (<EQS) | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati fuq l-elementi ta' kwalità bijoloġika. |
| Pollutanti speċifiċi mhux sintentiċi | Konċentrazzjonijiet jibqgħu fi ħdan l-iskala normalment assoċjata mal-kundizzjonijiet mhux disturbati (livelli tal-isfond = bgl). | Konċentrazzjonijiet mhux fl-eċċess tal-i*standards* stipulati bi qbil mal-proċedura dettaljata fis-sezzjoni 1.2.6 [2] mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 91/414/KE u d-Direttiva 98/8/KE. (<EQS) | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati fuq l-elementi ta' kwalità bijoloġika. |

[1] Jintużaw l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin: bgl = livell ta' sfond, EQS = *standard* ta' kwalità ambjentali

[2] Applikazzjoni tal-i*standards* derivati minn dan il-protokoll ma jkollhomx bżonn riduzzjoni tal-konċentrati ta' pollutanti taħt il-livelli tal-isfond (EQS>bgl)

1.2.5. Definizzjonijiet għal potenzjal ekoloġiku massimu, tajjeb u moderat għal korpi ta' ilma modifikat sewwa jew artifiċjali

Elementi bijoloġiċi u idromorfoloġiċi ta' kwalità

| Elementi | Potenzjal ekoloġiku massimu | Potenzjal ekoloġiku tajjeb | Potenzjal ekoloġiku moderat |
|---|---|---|---|
| Elementi bijoloġiċi ta' kwalità | Il-valuri tal-elementi ta' kwalità bijoloġika relevanti jirriflettu, kemm jista' jkun possibbli dawk assoċjati mal-eqreb tip ta' korp tal-ilma tal-wiċċ li jista' jitqabbel, bil-kundizzjonijiet fiżiċi mogħtija li jirriżultaw mill-karatteristiċi modifikati ħafna jew artifiċjali tal-korp tal-ilma. | Hemm ftit bdil fil-valuri tal-elementi ta' kwalità bijoloġika relevanti kif komparati mal-valuri misjuba f'potenzjal ekoloġiku massimu. | Hemm bdil moderat fil-valuri tal-elementi ta' kwalità bioloġika relevanti kif kumparati mal-valuri misjuba f'potenzjal ekoloġiku massimu.<br>Dawn il-valuri huma senatament aktar mibdula minn dawk li jinsabu taħt kwalità tajba. |
| Elementi idro-morfoloġiċi | Il-kundizzjonijiet idromorfoloġiċi huma konsistenti mal-impatti li huma biss fuq il-korp tal-ilma tal-wiċċ li jkunu dawk li jirriżultaw minn karatteristiċi artifiċjali jew modifikati ħafna tal-korp tal-ilma tal-wiċċ kemm il-darba il-miżuri ta' mitigazzjoni ġew meħuda sabiex jiżguraw l-aħjar approssimazzjoni għal kontinuum ekoloġiku, partikolarment bir-rispett għal migrazzjoni ta' fawna u postijiet adegwati għat-trobbija u għat-tfaqqis. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Il-kundizzjonijiet idromorfoloġiċi huma konsistenti mal-impatti li huma biss fuq il-korp tal-ilma tal-wiċċ li jkunu dawk li jirriżultaw minn karatteristiċi artifiċjali jew modifikati ħafna tal-korp tal-ilma tal-wiċċ kemm il-darba il-miżuri ta' mitigazzjoni ġew meħuda sabiex jiżguraw l-aħjar approssimazzjoni għal kontinuum ekoloġiku, partikolarment bir-rispett għal migrazzjoni ta' fawna u postijiet adegwati għat-trobbija u għat-tfaqqis. | | |

Elementi fiżiko-kimiċi ta' kwalità

| Elementi | Potenzjal ekoloġiku massimu | Potenzjal ekoloġiku tajjeb | Potenzjal ekoloġiku moderat |
|---|---|---|---|
| Kundizzjoni-jiet ġenerali | Elementi fiziko-kimiċi jikkorrispondu totalement jew kważi totalment mal-kundizzjonijiet mhux disturbati assoċjati mal-eqreb korp tal-ilma tal-wiċċ li jista' jitqabbel mal-korp artifiċjali jew modifikat ħafna konċernat.<br><br>Konċentrazzjonijiet nutrittivi jibgħqu fi ħdan l-iskala normalment assoċjata ma' ċerta kundizzjonijiet mhux disturbati. | Il-valuri għal elementi fiżiko-kimiċi huma fi ħdan l-iskala imwaqqfa sabiex tiżgura il-funzjoni tal-ekosistemi u l-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika.<br><br>Temperatura u pH ma' jilħqux livelli barra mill-iskali stabbiliti sabiex jiżguraw il-funzjoni tal-ekosistemi u l-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Il-livelli ta' temperatura, bilanċ ta' ossiġenu u pH huma konsistenti ma' dawk misjuba fl-eqreb tipi ta' korpi tal-ilma tal-wiċċ li jistgħu jitqabblu taħt kundizzjonijiet mhux disturbati. | Konċentrazzjonijiet nutrittivi ma' jeċċedux il-livelli mwaqqfa sabiex jiżguraw il-funzjoni tal-ekosistemi u l-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. | |
| Pollutanti sintetiċi speċifiċi | Konċentrazzjonijiet viċin iż-żero u għall-anqas taħt il-limiti ta' kxif tal-aktar tekniki analitiċi avvanzati f'użu ġenerali. | Konċentrazzjonijiet mhux fl-eċċess tal-i*standards* stipulati bi qbil mal-proċedura dettaljata fis-sezzjoni 1.2.6 minghajr preġudizzju għad-Direttiva 91/414/KE u d-Direttiva 98/8/KE. (<EQS) | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati fuq l-elementi ta' kwalità bijoloġika. |
| Pollutanti sintetiċi mhux speċifiċi | Konċentrazzjonijiet jibqgħu fi ħdan l-iskala normalment assoċjata mal-kundizzjonijiet mhux disturbati misjuba fl-eqreb tip ta' korp tal-ilma tal-wiċċ li jista' jitqabbel mal-korp artifiċjali jew modifikat ħafna konċernat (livelli tal-isfond = bgl). | Konċentrazzjonijiet mhux fl-eċċess tal-i*standards* stipulati bi qbil mal-proċedura dettaljata fis-sezzjoni 1.2.6 [1] mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 91/414/KE u d-Direttiva 98/8/KE. (<EQS) | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati fuq l-elementi ta' kwalità bijoloġika. |
| [1] Applikazzjoni tal-i*standards* derivati minn dan il-protokoll ma jkollhomx bżonn riduzzjoni tal-konċentrati ta' pollutanti taħt il-livelli tal-isfond | | | |

1.2.6. Proċedura għat-twaqqif ta' *standards* ta' kwalità kimika mill-awtorità kompetenti

Fid-dħul ta' *standards* ta' kwalità ambjentali għal pollutanti elenkati fil-punti 1 sa' 9 tal-Iskeda VIII għall-protezzjoni ta' bijota akkwatika, l-awtorità kompetenti għandha taġixxi bi qbil mad-disposizzjonijiet li jmiss. *Standards* jistgħu jiġu stabbiliti għal ilma, sediment jew bijota.

Fejn possibbli, *data* akuta u wkoll dilk-kronika għandhom jinkisbu mit-*taxa* maħruġa hawn taħt li huma relevanti għat-tip ta' ilma tal-wiċċ konċernat kif ukoll kull *taxa* akwatika oħra li għalihom dejta huma disponibbli. Is-"sett bażiku" tat-*taxa* huwa:

- alga u, jew makrofiti
- dafnja jew organiżmi rappreżentattivi għal ilmijiet salini
- ħut.

Twaqqif tal-i*standards* ta' kwalità ambjentali

Il-proċeduri li jmiss japplikaw għat-twaqqif ta' konċentrazzjoni massima annwali

medja:

(i) L-awtorità kompetenti jridu jwaqqfu fatturi ta' sigurtà xierqa f'kull każ konsistenti man-natura u kwalità tad-*data* disponibbli u l-gwida mogħtija fis-sezzjoni 3.3.1 tat-Taqsima II tad-"Dokument ta' gwida teknika fl-appoġġ tad-Direttiva tal-Kummissjoni 93/67/KEE (implimentata bir-Regolamenti tal-2002 dwar is-Sustanzi Perikolużi (Assessjar ta' Riskju) (A.L 40 tal-2002) dwar stima ta' riskju għal sustanzi notifikati ġodda u Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/94 dwar stima ta' riskju għal sustanzi eżistenti" u l-fatturi ta' sigurtà maħruġa fit-tabella hawn taħt:

| | Fattur ta' sigurtà |
|---|---|
| Għall-inqas akut wieħed $L(E)C_{50}$ minn kull wieħed mit-tliet livelli trofiċi tas-sett bażiku | 1 000 |
| NOEC wieħed kroniku (jew ħut jew dafnia jew organiżmu rappreżentattiv għal ilmijiet salini) | 100 |
| Żewġ NOEC kroniċi minn speċi li jirrappreżentaw żewġ livelli trofiċi (ħut u, jew dafnja jew organiżmu rappreżentattiv għal ilmijiet salini u, jew alka | 50 |
| NOEC kronċi minn għall-inqas tlett speċi (normalment ħut, dafnja jew organismu rappreżentattiv għal ilmijiet salini u alga) | 10 |
| Każi oħra, inklużi daa tal-qasam jew ekosistemi mudelli, li jippermettu fatturi ta' sigurtà aktar preċiża jiġu kalkolati u applikati | Stima ta' każ b'każ |

(ii) fejn *data* fuq persistenza u bioakkumulazzjoni huma disponibbli, dawn għandhom jiġu kkunsidrati fid-dħul tal-valur finali tal-istandard ta' kwalità ambjentali;

(iii) l-i*standards* b'hekk imdaħħla għandhom jiġu imqabbla ma' kull evidenza minn studji tal-qasam. Fejn jidhru anomaliji, id-derivazzjoni għandha tiġi riveduta biex tippermetti fattur ta' sigurtà aktar preċiża biex jiġi kalkolat;

(iv) l-i*standard* imdaħħal irid jiġi suġġett għal reviżjoni u konsultazzjoni pubblika biex jippermetti fattur ta' sigurtà aktar preċiża biex jiġi kalkolat.

1.3. Monitoraġġ ta' status ekoloġiku u kimiku għall-ilma tal-wiċċ

In-*networks* ta' monitoraġġ tal-ilma tal-wiċċ għandhom jitwaqqfu bi qbil mal-ħtiġiet tar-regolament 9. In-*networks* ta' monitoraġġ għandhom jiġu disinjati sabiex jipprovdu diskrezzjoni koerenti u komprensiva ta' status ekoloġiku u kimiku fi ħdan kull catchment tal-ilma u għandhom jippermettu klassifikazzjoni ta' korpi tal-ilma f'ħames klassijiet konsistenti mad-definizzjonijiet normattivi fis-sezzjoni 1.2. L-Istati Membri jridu jipprovdu mappa jew mapep li juru n-*networks* ta' monitoraġġ tal-ilma tal-wiċċ fil-pjan tal-immaniġġjar tal-*catchment* tal-ilma.

Fuq il-bażi ta' karretterizzazzjoni u tal-valutazzjoni tal-impatt li sar skont ir-regolament 6 u l-Iskeda II, l-awtorità kompetenti tistabbilixxi programm ta' monitoraġġ u sorveljanza u programm operazzjonali tal-monitoroġġ. L-awtorità kompetenti jista' jkun li f'ċerti każi jkollha bżonn tistabbilixxi programmi investigattivi ta' monitoraġġ.

L-awtorità kompetenti timmonitorja parametri li jindikaw l-istatus ta' kull element ta' kwalità relevanti. Fil-parametri tas-selezzjonar għall-elementi bioloġiċi ta' kwalità, l-awtorità kompetenti tidentifika l-livell tassonomiku adegwat neċċessarju biex tintleħaq kunfidenza adegwata u preċiżjoni fil-klassifikazzjoni tal-elementi tal-kwalità. Stimi tal-livell ta' kunfidenza u preċiżjoni tar-riżultati provduti mill-

programmi ta' monitoraġġ, jitniżżlu fil-pjan.

1.3.1. Disinn ta' monitoraġġ ta' sorveljanza

Objettiv

L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi programm ta' monitoraġġ ta' sorveljanza biex jipprovdu informazzjoni għal:

- suppliment u validazzjoni tal-proċedura ta' stima ta' impatt dettlajata fl-Iskeda II,
- id-disinn effiċjenti u effettiv ta' programmi ta' monitoraġġ tal-futur,
- l-istima ta' bdil għal żmien twil f'kundizzjonijiet naturali, u
- l-istima ta' bdil għal żmien twil li jirriżultaw minn attività antropoġenika mifruxa fil-wisgħa.

Ir-riżultati ta' dan il-monitoraġġ għandhom jiġu riveduti u użati, f'tagħqid mal-proċedura tal-istima tal-impatt deskritti fl-Iskeda II, biex jiġu determinati ħtiġijet għal programmi ta' monitoraġġ fil-pjanijiet kurrenti u sussegwenti ta' mmaniġġjar tal-*catchment* tal-ilma.

Selezzjoni ta' punti ta' monitoraġġ

Monitoraġġ ta' sorveljanza ta' korpi tal-ilma tal-wiċċ suffiċenti għandu jsir biex jipprovdi stima tal-istatus ġenerali tal-ilma tal-wiċċ fil-*catchment* jew is-*subcatchments* tad-distrett tal-*catchment* tal-ilma. Fis-selezzjoni ta' dawn il-korpi l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li, fejn xieraq, monitoraġġ isir f'punti fejn:

- ir-rata ta' tnixxija tal-ilma hija sinifikanti fi ħdan id-distrett tal-*catchment* tal-ilma bħala tali
- il-volum tal-ilma preżenti huwa sinifikanti fi ħdan id-distrett tal-*catchment* tal-ilma, u

dawn is-siti huma meħtieġa biex jistmaw il-massa ta' pollutanti li hija trasferita fl-ambjent tal-baħar

Selezzjoni ta' elementi ta' kwalità

Monitoraġġ ta' sorveljanza jrid isir għal kull sit ta' monitoraġġ għal perjodu ta' sena matul il-perjodu kopert mill-impjant ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara għal:

- parametri indikattivi tal-elementi kollha ta' kwalità bijoloġika,
- parametri indikattivi tal-elementi kollha ta' kwalità idromorfoloġika,
- parametri indikattivi tal-elementi kollha ta' kwalità fiżiko-kimika ġenerali,
- lista prijoritarja ta' pollutanti li jintefgħu fil-*catchment* jew fis-*sub-catchment* tal-ilma, u
- pollutanti oħra mitfugħa fi kwantitajiet sinifikanti fil-*catchment* jew fis-*sub-catchment*

sakemm l-eżerċizzju ta' monitoraġġ ta' sorveljanza ta' qabel ma' uriex li l-korp konċernat laħaq status tajjeb u ma' hemm l-ebda evidenza mir-reviżjoni ta' impatt ta' attività umana fl-Iskeda II li l-impatti fuq il-korp inbidlu. F'dawn il-każi, monitoraġġ ta' sorveljanza għandu jsir darba kull tlett pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-catchment tal-ilma

1.3.2. Pjan ta' monitoraġġ operazzjonali

Monitoraġġ operazzjonali għandu jsir sabiex:

- iwaqqaf l-istatus ta' dawk il-korpi identifikati li jkunu fir-riskju li jonqsu milli jilħqu l-objettivi ambjentali tagħhom, u
- issir stima ta' kull bdil fl-istatus ta' ċerta korpi li jirriżultaw mill-programme ta' miżuri.

Il-programm jista' jiġi emendat matul il-perjodu tal-pjan ta' mmaniġġjar tal-*catchment* tal-ilma fid-dawl ta' informazzjoni miksuba bħala parti tal-ħtiġiet tal-Iskeda II jew bħala parti ta' din l-Iskeda, partikolarment biex tkun permessa riduzzjoni fil-frekwenza fejn impatt jinsab li mhux sinifikanti jew titneħħa l-pressa relevanti.

Selezzjoni ta' siti ta' monitoraġġ

Monitoraġġ operazzjonali jird isir għal dawk il-korpi kollha tal-ilma fejn jew fuq il-bażi tal-istima tal-impatt magħmula skont l-Iskeda II jew fuq il-bażi ta' monitoraġġ ta' sorveljanza huma identifikati li jkunu f'riskju li jonqsu li jilħqu l-objettivi ambjentali tagħhom skont ir-regolament 5 u għal dawk il-korpi tal-ilma li fihom jintefgħu sustanzi tal-lista ta' prijorità. Punti ta' monitoraġġ għandhom jiġu magħżula għal sustanzi tal-lista ta' prijorità kif speċifikat fil-leġislazzjoni li tniżżel l-i*standards* ta' kwalità ambjentali relevanti. F'kull każ ieħor, kif ukoll għas-sustanzi tal-lista ta' prijorità fejn l-ebda gwida speċifikata mhix mogħtija f'ċerta leġislazzjoni, punti ta' monitoraġġ għandhom jiġu magħżula kif ġej:

- għal-korpi fir-riskju minn punt ta' sors ta' pressi sinifikanti, punti ta' monitoraġġ suffiċjenti fi ħdan kull korp sabiex issir stima tal-importanza u l-impatt tas-sors ta' punt. Fejn korp huwa suġġett għal numru ta' pressjonijiet ta' sors tal-punt, jistgħu jiġu magħżula punti ta' monitoraġġ biex issir stima tal-importanza u impatt bis-sħiħ ta' dawn il-pressjonijiet flimkien;
- għal-korpi fir-riskju minn pressjonijiet ta' sors ta' tixrid sinifikanti, punti ta' monitoraġġ suffiċjenti fis-selezzjoni tal-korpi sabiex issir stima tal-importanza u l-impatt ta' pressjonijiet ta' sors ta' tixrid. Is-selezzjoni ta' korpi għandha issir tant li huma jkunu rappreżentattivi tar-riskji relattivi tal-każ tal-pressjonijiet ta' sors ta' tixrid, u tar-riskji relattivi tan-nuqqas ta' kisba ta' status tajjeb tal-ilma tal-wiċċ,
- għal korpi fir-riskju minn pressjoni sinifikanti idromorfoloġika, punti suffiċenti ta' monitoraġġ fi ħdan selezzjoni tal-korpi sabiex issir stima tal-importanza u impatt tal-pressjonijiet idromorfoloġiċi. Is-selezzjoni ta' korp għandha tkun indikattiva tal-impatti ġenerali tal-pressjoni idromorfoloġika ta' fejn il-korpi kollha huma suġġetti.

Selezzjoni ta' elementi ta' kwalità

Sabiex issir stima tal-importanza tal-pressjoni ta' fejn korpi tal-ilma tal-wiċċ huma suġġetti, l-awtorità kompetenti għandha timmonitorja għal dawk l-elementi ta' kwalità li huma indikattivi tal-pressjonijiet ta' fejn korp jew korpi huma suġġetti. Sabiex issir stima tal-impatt ta' dawn il-pressjonijiet, l-awtorità kompetenti għandha timmonitorja kif relevanti:

- paramentri indikattivi tal-element, jew elementi ta' kwalità bijoloġika, l-aktar sensittiv/i għall-pressjonijiet ta' fejn korpi tal-ilma huma suġġetti,
- is-sustanzi kolla ta' sustanzi prioritarji mitfugħa, u pollutani oħra mitfugħa fi kwantitajiet sinifikanti,
- parametri indikattivi għall-element ta' kwalità idromorfoloġika l-aktar sensittiv għall-pressjoni identifikata.

1.3.3. Pjan ta' monitoraġġ investigattiv

Objettiv

Monitoraġġ investigattiv irid isir:

- fejn ir-raġuni għal xi qbiż fil-limiti mhix magħrufa,
- fejn monitoraġġ ta' sorveljanza jindika li l-objettivi stabbiliti fir-regolament 4 għal korp tal-ilma x'aktarx mhux se jiġu miksuba u monitoraġġ operazzjonali għadu ma' twaqqafx, sabiex jiġu aċċertati l-kawżi ta' korp tal-ilma jew korpi tal-ilma li jonqsu milli jiksbu l-objettivi ambjentali, jew
- biex jaċċertaw l-importanza u l-impatti tal-inkwinament aċċidentali, u jrid jiġi informat it-twaqqif ta' programm ta' miżuri għall- kisba tal-objettivi ambjentali u miżuri speċifiċi meħtieġa biex ikunu rimedjati l-effetti ta' inkwinament aċċidentali.

1.3.4. Frekwenza ta' monitoraġġ

Għall-perjodu ta' monitoraġġ ta' sorveljanza, il-frekwenzi għal monitoraġġ ta' parametri indikattivi ta' elementi ta' kwalità fiżiko-kimika mogħtija hawn taħt iridu jiġu applikati sakemm intervalli akbar ma' jkunux ġustifikati fuq il-bażi ta' taħriġ tekniku u ġudizzju ta' espert. Għal elementi ta' kwalità bijoloġika jew idromorfoloġika monitoraġġ għandu jsir għall-inqas darba matul il-perjodu ta' monitoraġġ ta' sorveljanza.

Għal monitoraġġ operazzjonali, il-frekwenza ta' monitoraġġ meħtieġa għal kull paramentru trid tkun stabbilita mill-awtorità kompetenti sabiex tipprovdi *data* suffiċjenti għal status ta' min joqgħod fuqu tal-element ta' kwalità relevanti. Bħala linja ta' gwida, monitoraġġ għandu jsir f'intervalli li ma' jeċedux dawk li jidhru fit-tabella hawn taħt sakemm intervalli akbar ma' jiġux ġustifikati fuq il-bażi ta' taħriġ tekniku u ġudizzju ta' espert.

Frekwenzi għandhom jiġu magħżula sabiex jinkiseb livell aċċettabbli ta' kunfidenza u preċiżjoni. Stimi tal-kunfidenza u preċiżjoni milħuqa mis-sistema ta' monitoraġġ użata jridu jiġu ddikjarati fil-pjan ta' mmaniġġjar tal-*catchment* tal-ilma.

Frekwenzi ta' monitoraġġ għandhom jiġu magħżula li jikkunsidraw il-varjabbilità fil-parametri li jirriżultaw kemm mill-kundizzjonijiet naturali u wkoll minn dawk antropoġeniċi. Iż-żminijiet ta' meta jitwettaq monitoraġġ għandhom jiġu magħżula sabiex jitnaqqas l-impatt ta' varjazzjoni tal-istaġuni fuq ir-riżultati, u b'hekk jiżguraw li r-riżultati jirriflettu bdil fil-korp tal-ilma bħala riżultat ta' bdil minħabba pressjoni antropoġenika. Monitoraġġ addizzjonali matul staġuni differenti tal-istess sena jridu jsiru, fejn meħtieġ, biex jinkiseb dan l-objettiv.

| Elementi ta' kwalità | Xmajjar | Lagi | Transizzjonali | Kostali |
|---|---|---|---|---|
| Bijoloġiċi | | | | |
| Fitoplankton | 6 xhur | 6 xhur | 6 xhur | 6 xhur |
| Flora akwatika oħra | 3 snin | 3 snin | 3 snin | 3 snin |
| Makro invertebrati | 3 snin | 3 snin | 3 snin | 3 snin |
| Ħut | 3 snin | 3 snin | 3 snin | |
| Idromorfoloġiċi | | | | |
| Kontinwità | 6 snin | | | |
| Idroloġija | kontin-wament | Xahar | | |
| Morfoloġija | 6 snin | 6 snin | 6 snin | 6 snin |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Fiżiko-kimiċi | | | | |
| Kundizzjonijiet termali | 3 xhur | 3 xhur | 3 xhur | 3 xhur |
| Ossiġenazzjoni | 3 xhur | 3 xhur | 3 xhur | 3 xhur |
| Salinità | 3 xhur | 3 xhur | 3 xhur | |
| Status nutrittiv | 3 xhur | 3 xhur | 3 xhur | 3 xhur |
| Status ta' aċidifikazzjoni | 3 xhur | 3 xhur | | |
| Pollutanti oħra | 3 xhur | 3 xhur | 3 xhur | 3 xhur |
| Sustanzi ta' prijorità | xahar | xahar | xahar | xahar |

1.3.5. Kundizzjonijiet ta' monitoraġġ addizzjonali għal arei protetti

Il-programmi ta' monitoraġġ meħtieġa hawn fuq għandhom ikunu suplimentati biex jilħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

Punti ta' astrazzjoni ta' ilma għax-xorb

Korpi ta' ilma tal-wiċċ magħżula fir-regolament 8 li jipprovdu aktar minn 100m$^3$ kuljum bħala medja għandhom ikunu indikati bħala siti ta' monitoraġġ u għandhom ikunu suġġetti għal monitoraġġ addizzjonali li jista' jkun hemm bżonn li jsir biex jilħaq il-kundizzjonijiet ta' dak ir-regolament. Tali korpi għandhom ikunu mmonitorjati għas-sustanzi kollha ta' prijorità, u għas-sustanzi l-oħra kollha mitfugħa fi kwantitajiet sinifikanti li jistgħu jaffetwaw l-istatus tal-korp ta' ilma u li jkunu kkontrollati skont id-dispożizzjonijiet ta' kull regolament dwar il-kwalità ta' ilma intiż għall-konsum uman. Il-monitoraġġ għandu jsir skont il-frekwenzi stabbilit hawn taħt:

| Komunità moqdija | Frekwenza |
|---|---|
| <10 000 | 4 kull sena |
| 10 000 sa 30 000 | 8 kull sena |
| >30 000 | 12 kull sena |

Arei abitati u arei għall-protezzjoni tal-ispeċi

Il-korpi tal-ilma li jiffurmaw dawn l-inħawi għandhom ikunu inklużi fil-programm ta' monitoraġġ operazzjonali li hemm referenza għalih hawn fuq, fejn, fuq il-bażi tal-istima tal-impatt u l-monitoraġġ tas-sorveljanza, huma identifikati bħala li jinsabu f'riskju li jonqsu li jissodisfaw l-objettivi ambjentali tagħhom skont ir-regolament 4. Għandu jsir monitoraġġ biex ikunu assessjati l-kobor u l-impatt tal-pressjonijiet kollha sinifikanti rilevanti fuq dawn il-korpi u, fejn hemm bżonn, biex jassessjaw il-bidliet fl-istatus ta' tali korpi li jirriżultaw mill-programmi ta' miżuri. Il-monitoraġġ għandu jkompli sakemm l-inħawi jissodisfaw il-kundizzjonijiet relatati mal-ilma tal-leġislazzjoni li huma indikati fiha u jilħqu l-objettivi tagħhom skont ir-regolament 5.

1.3.6. *Standards* għall-monitoraġġ ta' elementi ta' kwalità

Il-metodi użati għall-monitoraġġ ta' parametri ta' tip iridu jaqblu mal-i*standards* internazzjonali elenkati hawn taħt sakemm ikopru l-monitoraġġ jew tali *standards* nazzjonali jew internazzjonali oħra li jiżguraw id-disponibilità ta' *data* ta' tqabbil u ta' kwalità xjentifika ekwivalenti.

*Standards* għall-monitoraġġ ta' elementi ta' kwalità bijoloġika

Il-metodi ġeneriċi għall-użu mal-metodi speċifiċi mogħtija fl-i*standards* dwar l-

elementi ta' kwalità bijoloġika li ġejjin:

| | |
|---|---|
| SM EN ISO 5667-3:2012 | Il-kwalità tal-ilma - it-teħid ta' kampjuni - Parti 3: Il-preservazzjoni u t-trattament ta' kampjuni |

*Standards* għal fitoplankton

| | |
|---|---|
| MSA EN 15204:2006 | Il-kwalità tal-ilma - L-i*standard* gwida dwar l-enumerazzjoni ta' fitoplankton bl-użu tal-mikroskopija bil-maqlub (teknika Utermöhl) |
| MSA EN 15972:2011 | Il-kwalità tal-ilma - Il-gwida għall-investigazzjonijiet kwantitattivi u kwalitattivi tal-fitoplankton tal-baħar |
| ISO 10260:1992 | Il-kwalità tal-ilma - Il-kejl ta' parametri bijoloġiċi - Id-determinazzjoni spettrometrika tal-konċentrazzjoni ta' klorofill-a |
| *Standards* għal makrofiti u fitobentos | |
| MSA EN 15460:2007 | Il-kwalità tal-ilma - L-i*standard* gwida għall-istħarriġ tal-makrofiti fil-lagi |
| SM EN 14184:2014 | Il-kwalità tal-ilma - Il-gwida għall-istħarriġ tal-makrofiti akkwatiċi fl-ilma ġieri |
| MSA EN 15708:2009 | Il-kwalità tal-ilma - L-i*standard* gwida għall-istħarriġ, it-teħid ta' kampjuni u l-analiżi laboratorja tal-fitobentos fl-ilma ġieri baxx |
| SM EN 13946:2014 | Il-kwalità tal-ilma - Il-gwida għat-teħid ta' kampjuni u l-preparazzjoni bħala rutina tad-dijatomi bentiċi mix-xmajjar u mil-lagi |
| SM EN 14407:2014 | Il-kwalità tal-ilma - Il-gwida għall-identifikazzjoni u l-enumerazzjoni tal-kampjuni tad-dijatomi bentiċi mix-xmajjar u mil-lagi |
| *Standards* għal invertibri bentiċi | |
| SM EN ISO 10870:2012 | Il-kwalità tal-ilma - Il-gwida għall-għażla tal-metodi u l-apparat għat-teħid ta' kampjuni għal makroinvertibri bentiċi fl-ilma ħelu |
| MSA EN 15196:2006 | Il-kwalità tal-ilma - Il-gwida dwar it-teħid ta' kampjuni u l-ipproċessar ta' *pupal exuviae* ta' *Kironomidae* (l-Ordni *Diptera*) għal valutazzjoni ekoloġika |
| SM EN 16150:2012 | Il-kwalità tal-ilma - Il-gwida għat-teħid ta' kampjuni *pro rata* minn bosta Ħabitats (*Multi-Habitat*) ta' makroinvertibri bentiċi minn xmajjar li wieħed jista' jaqsam bil-mixi |
| MSA EN ISO 19493:2007 | Il-kwalità tal-ilma - Il-gwida għall-istħarriġ bijoloġiku tal-baħar ta' komunitajiet tal-blat sottostrat (*hard-substrate*) |
| SM EN ISO 16665:2013 | Il-kwalità tal-ilma - Il-linji gwida għat-teħid kwantitattiv ta' kampjuni u l-ipproċessar ta' kampjuni ta' makrofawna tal-qiegħ sedimentarju (*soft-bottom*) |
| *Standards* għal ħut | |
| MSA EN 14962:2006 | Il-kwalità tal-ilma - Il-gwida dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-għażla tal-metodi għat-teħid ta' kampjuni ta' ħut |

| | |
|---|---|
| MSA EN 14011:2003 | Il-kwalità tal-ilma - It-teħid ta' kampjuni ta' ħut bl-elettriku |
| SM EN 15910:2014 | Il-kwalità tal-ilma - Il-gwida dwar l-evalwazzjoni tal-abbondanza tal-ħut bil-metodi idroakustiċi mobbli |
| MSA EN 14757:2005 | Il-kwalità tal-ilma - It-teħid ta' kampjuni ta' ħut bl-għeżula tat-tisqif b'ħafna malji |
| *Standards* għal parametri idromorfoloġiċi | |
| MSA EN 14614:2004 | Il-kwalità tal-ilma - L-i*standard* gwida għall-valutazzjoni tal-karatteristiċi idromorfoloġiċi tax-xmajjar |
| MSA EN 16039:2011 | Il-kwalità tal-ilma - L-i*standard* gwida għall-valutazzjoni tal-karatteristiċi idromorfoloġiċi tal-lagi |

*Standards* għal parametri fiżikokimiċi

Kull *standard* CEN/ISO (MSA/SM) relevanti.

1.4. Klassifika u preżentazzjoni ta' status ekoloġiku

1.4.1. Tqabbil ta' riżultati ta' monitoraġġ

L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi sistemi ta' moniteoraġġ għall-iskop ta' stima tal-valuri tal-elementi ta' kwalità bijoloġika speċifikati għal kull kategorija ta' ilma tal-wiċċ jew għal korpi ta' ilma tal-wiċċ jew għal korpi ta' ilma tal-wiċċ modifikati sewwa jew artifiċjali. Fl-applikazzjoni tal-proċedura stipulata hawn taħt għal korpi ta' ilma modifikati sewwa jew artifiċjali, referenzi għall-istatus ekoloġiku għandhom ikunu magħmulin bħala referenzi għal potenzjal ekoloġiku. Tali sistemi jistgħu jutilizzaw speċi jew gruppi ta' speċi partikolari li huma rappreżentattivi tal-element ta' kwalità kollha bħala tali.

Sabiex tkun żgurata komparabbiltà ta' tali sistemi, ir-riżultati għandhom ikunu espressi bħala proporzjoni ta' kwalita ekoloġika għall-iskopijiet ta' klassifika ta' status ekoloġiku. Dawn il-proporzjonijiet iridu jirrappreżentaw ir-relazzjoni bejn il-valuri tal-parametri bioloġiċi osservati għal korp partikolari ta' ilma tal-wiċċ u għall-valuri ta' dawn il-parametri fil-kundizzjonijiet applikabbli rriferuti għal dak il-korp. Il-proporzjoni għandu jkun espress bħala valur numeriku bejn '0' (żero) u '1' (wieħed), bi status ekoloġiku għoli rrappreżentat b'valuri qrib '1' (wieħed) u status ekoloġiku ħażin b'valuri qrib iż-'0' (żero).

L-awtorità kompetenti għandha tiddividi l-iskala tal-proporzjon tal-kwalità ekoloġika għas-sistema ta' monitoraġġ tiegħu għall kull kategorija ta' ilma tal-wiċċ f'ħames klassijiet li jinfirxu minn status ekoloġiku għoli għal wieħed ħażin, kif iddefinit fis-sezzjoni 1.2, billi tassenja valur numeriku lil kull waħda mill-fruntieri bejn il-klassijiet. Il-valur għall-fruntiera bejn il-klassijiet ta' status għoli u tajjeb, u l-valur għall-fruntiera ta' status tajjeb u moderat għandu jkun stabbilit permezz tal-eżerċizzju ta' interkalibrazzjoni.

1.4.2. Preżentazzjoni tar-riżultati u klassifika ta' monitoraġġ tal-istatus ekoloġiku u l-potenzjal ekoloġiku

(i) Għal kategoriji ta' ilma tal-wiċċ, il-klassifika tal-istatus ekoloġiku tal-korp tal-ilma għandha tkun rappreżentata bl-aktar valur baxx tar-riżultati ta' monitoraġġ bijoloġiku u fiżiko-kimiku għall-elementi ta' kwalità rilevanti kklassifikat skont l-ewwel kolonna tat-tabella ta' hawn taħt. L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi mappa għal kull distrett ta' *catchment* ta' ilma li turi l-klassifika tal-istatus ekoloġiku għal kull korp ta' ilma, kodifikata bil-kulur skont it-tieni kolonna tat-tabella mogħtija hawn taħt biex tirrifletti l-klassifika tal-istatus ekoloġiku tal-korp

ta' ilma:

| Klassifika ta' status ekoloġiku | Kodiċi tal-kulur |
|---|---|
| Għoli | Blu |
| Tajjeb | Aħdar |
| Moderat | Isfar |
| Fqir | Oranġjo |
| Ħażin | Aħmar |

(ii) Għal korpi ta' ilma modifikat sewwa u artifiċjali, il-klassifika ekoloġika potenzjali għall-korp ta' ilma għandha tkun rappreżentata bl-aktar valur baxx tar-riżultati ta' monitoraġġ bijoloġiku u fiżiko kimiku għall-elementi ta' kwalità klassifikati skont l-ewwel kolonna tat-tabella stabbilita hawn taħt. L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi mappa għal kull distrett ta' *catchment* ta' ilma li turi l-klassifika tal-potenzjal ekoloġiku ta' kull korp ta' ilma, kodifikat bil-kulur, fir-rigward ta' korpi ta' ilma artifiċjali skont it-tieni kolonna tat-tabella stabbilita hawn taħt u rigward korpi ta' ilma modifikati sewwa skont it-tielet kolonna ta' din l-istess tabella:

| Klassifika potenzjali ekoloġika | Kodiċi tal-kuluri | |
|---|---|---|
| | Korpi ta' ilma artifiċjali | Modifikati sewwa |
| Tajjeb u għoli | Strixxi ugwali ħodor u strixxi ugwali bi griż mitfi | Strixxi ugwali ħodor u strixxi ugwali bi griż skur |
| Moderat | Strixxi ugwali sofor u strixxi ugwali bi griż mitfi | Strixxi ugwali sofor u strixxi ugwali bi griż skur |
| Fqir | Strixxi ugwali oranġjo u strixxi ugwali bi griż mitfi | Strixxi ugwali oranġjo u strixxi ugwali bi griż skur |
| Ħażin | Strixxi ugwali ħomor u strixxi ugwali bi griż mitfi | Strixxi ugwali ħomor u strixxi ugwali bi griż skur |

(iii) L-awtorità kompetenti għandha tindika ukoll, b'tikka sewda fuq il-mappa, dawk il-korpi tal-ilma fejn in-nuqqas li jiksbu status tajjeb jew potenzjal ekoloġiku tajjeb huwa dovut għan-nuqqas ta' konformità ma' *standard* jew *standards* ta' kwalità ambjentali li kienu stabbiliti għal dak il-korp ta' ilma fir-rigward ta' pollutanti sintetiċi (skont ir-reġim konformi stabbilit mill-awtorità kompetenti).

1.4.3. Preżentazzjoni ta' riżultati ta' monitoraġġ u klassifika ta' status kimiku

Fil-pjanijiet għall-immaniġġjar tal-*catchment* tal-ilma skont ir-regolament 13, l-awtorità kompetenti tista' tipprovdi mapep addizzjonali li jippreżentaw informazzjoni tal-istatus kimiku għal wieħed jew aktar mis-sustanzi li ġejjin, separatament mill-informazzjoni għall-bqija tas-sustanzi identifikati fit-Taqsima A tat-Tabella (Skeda IX):

(*a*) sustanzi bin-numri 5, 21, 28, 30, 35, 37, 43 u 44 (sustanzi li jaġixxu bħala PBTs li jinsabu kullimkien)

(*b*) sustanzi bin-numri 34 u 45 (sustanzi identifikati ġodda)

(*ċ*) sustanzi bin-numri 2, 5, 15, 20, 22, 23u 28 (Sustanzi li EQS riveduti u aktar stretti huma stabbiliti).

L-awtorità kompetenti tista' tippreżenta l-entità ta' kwalunkwe devjazzjoni mill-valur tal-EQS għas-sustanzi imsemmijin fil-punti (*a*) sa (*ċ*) tal-ewwel subparagrafu fil-pjani ta' mmaniġġjar tal-*catchment* tal-ilma.

Korp ta' ilma li jikseb konformità mal-i*standards* kollha ta' kwalità ambjentali stabbiliti fl-Iskeda IX u ma' dawk stabbiliti f'leġislazzjoni oħra rilevanti li jissettjaw

l-i*standards* ta' kwalità ambjentali għandu jkun irreġistrat bħala li kiseb status kimiku tajjeb. Jekk le, il-korp għandu jkun irreġistrat li naqas li jikseb status kimiku tajjeb. L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi mappa għal kull distrett ta' *catchment* ta' ilma li turi l-istatus kimiku ta' kull korp ta' ilma, kodifikat bil-kulur skont it-tieni kolonna tat-tabella mogħtija hawn taħt biex tirrifletti l-klassifika tal-istatus kimiku tal-korp tal-ilma:

| Klassifika ta' status kimiku | Kodiċi tal-kuluri |
|---|---|
| Tajjeb | Blu |
| Naqas li jikseb (status kimiku) tajjeb | Aħmar |

2. ILMA TA' TAĦT L-ART

2.1 Status kwantitativ ta'ilma ta' taħt l-art

2.1.1. Parametru għall-klassifikazzjoni ta' status kwantitattiv

Reġim ta' livell ta' ilma ta' taħt l-art

2.1.2. Definizzjoni ta' status kwantitattiv

| Elementi | Status tajjeb |
|---|---|
| Livell ta'ilma ta' taħt l-art | Il-livell tal-ilma ta' taħt l-art fil-korp tal-ilma ta' taħt l-art huwa tant li riżorsi disponibbli tal-ilma ta' taħt l-art ma' jaqbżux ir-rata medja annwali ta' żmien twil ta' astrazzjoni.<br>Skont il-livell tal-ilma ta' taħt l-art ma' jkunx soġġett għal alterazzjonijiet antropoġeniċi tant li jirriżulta:<br>- nuqqas ta' ksib tal-għanjiet ambjentali speċifikati fir-regolament 5 għal ilmijiet tal-wiċċ assoċjati,<br>- kull nuqqas sinifikanti fl-istatus ta' dawk l-ilmijiet,<br>- kull ħsara sinifikanti f'ekosistemi terrestri li jiddependu direttament fuq il-korp tal-ilma ta' taħt l-art,<br>u alterazzjonijiet f'direzzjonijiet ta' tnixxija li jirriżultaw minn bdil tal-livell jistgħu jseħħu temporanjament, jew kontinwament f'żona spazjali limitata, imma ċerta dawrien bil-kontra tad-direzzjoni ma' jikkawżawx ilma mielaħ jew intrużjoni oħra, u ma' jindikax bidla fid-direzzjoni tat-tnixxija antropoġenikalment sostnuta u identifikata b'mod ċar fid-direzzjoni tal-fluss li x'aktarx tirriżulta f'dawn l-intrużjonijiet. |

2.2. Monitoraġġ ta' status kwantitattiv ta' ilma ta' taħt l-art

2.2.1. Netwerk ta' moniteoraġġ tal-livell ta' ilma ta' taħt l-art

In-netwerk ta' monitoraġġ ta' ilma ta' taħt l-art għandu jkun stabbilit skont il-kundizzjonijiet tar-regolamenti 8 u 9. In-netwerk ta' monitoraġġ għandu jkun ddisinjat b'mod li jipprovdi assessjar ta' min jorbot fuqu tal-istatus kwantitattiv tal-korpi kollha jew grupp ta' korpi tal-ilma ta' taħt l-art u jinkludi assessjar tar-riżors ta' ilma ta' taħt l-art disponibbli. L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi mappa jew mapep li juru n-netwerk ta' monitoraġġ ta' ilma ta' taħt l-art fil-pjan ta' mmaniġġjar tal-*catchment* tal-ilma

2.2.2. Densità tas-siti ta' monitoraġġ

In-netwerk għandu jinkludi punti ta' monitoraġġ rappreżentattivi suffiċjenti biex ikun stmat il-livell f'kull korp jew korpi ta' ilma ta' taħt l-art waqt li tingħata kunsiderazzjoni għall-varjazzjonijiet fl-iċċarġjar mill-ġdid fi żmien qasir jew fit-tul, u partikolarment:

għal korpi ta' ilma ta' taħt l-art identifikati bħala li huma f'riskju li jonqsu li jiksbu objettivi ambjentali skont ir-regolament 5, jiżgura densità suffiċjenti ta' punti ta' monitoraġġ biex jassessja l-impatt ta' astrazzjonijiet u tnixxijiet fuq il-livell ta' ilma ta' taħt l-art.

2.2.3. Frekwenza ta' monitoraġġ

Il-frekwenza ta' osservazzjonijiet għandha tkun suffiċjenti biex tippermetti assesjar tal-istatus kwantitattiv ta' kull korp jew korpi ta' ilma ta' taħt l-art waqt li tingħata kunsiderazzjoni għall-varjazzjonijiet fi żmien qasir jew fit-tul fl-iċċarġjar mill-ġdid. Partikolarment għal korpi ta' ilma ta' taħt l-art identifikati bħala li huma f'riskju li jonqsu li jiksbu objettivi ambjentali skont ir-regolament 5, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura qies frekwenti tal-livell tal-ilma ta' taħt l-art.

2.2.4. Interpretazzjoni u preżentazzjoni tal-istatus kwantitattiv ta' ilma ta taħt l-art

Ir-riżultat miksuba min-netwerk ta' monitoraġġ għal korp jew korpi ta' ilma ta' taħt l-art għandhom ikunu użati biex ikun assessjat l-istatus kwantitattiv ta' dak il-korp jew dawk il-korpi. Suġġett għall-punt 2.5, l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi mappa tal-assessjar riżultanti ta' status kwantitattiv ta' ilma ta' taħt l-art, kodifikat bil-kuluri skont ir-reġim li ġej:

Tajjeb: aħdar

Fqir: aħmar

2.3. Status kimiku ta' ilma ta' taħt l-art

2.3.1. Parametri għad-determinazzjoni tal-istatus kimiku ta' ilma ta' taħt l-art

Konduttività

Konċentrazzjonijiet ta' pollutanti

2.3.2. Definizzjoni ta' status kmiku ta' ilma ta' taħt l-art tajjeb

| Elementi | Status tajjeb |
|---|---|
| Ġenerali | Il-kompożizzjoni kimika tal-korp tal-ilma ta'' taħt l-art hija tant li l-konċentrazzjonijiet ta' kontaminanti:<br>kif speċifikati hawn taħt, jesibixxu l-effetti ta' salini jew intrużjonijiet oħra<br>ma' jeċċedux l-i*standards* ta' kwalità applikabbli taħt leġislazzjoni Komunitarja oħra<br>ma' jkunux tant li kapaċi jirriżultaw f'nuqqas ta' ksib tal-għanjiet ambjentali speċifikati skont ir-regolament 5 għal ilmijiet tal-wiċċ assoċjati u lanqas tnaqqis sinifikanti tal-kwalità kimika jew ekoloġika ta' dawn il-korpi u lanqas f'kull ħsara sinifikanti għal ekosistemi terrestri li jiddependu direttament fuq korp tal-ilma ta' taħt l-art. |
| Konduttività | Bdil fil-konduttività ma jkunx indikattiv ta' salinità jew intrużjoni oħra ġol-korp tal-ilma ta' taħt l-art |

2.4. Monitoraġġ ta' status kimiku ta' ilma ta' taħt l-art

2.4.1. Netwerk ta' monitoraġġ ta' ilma ta' taħt l-art

In-netwerk ta' monitoraġġ ta' ilma ta' taħt l-art għandu jkun stabbilit skont il-kundizzjonijiet tar-regolament 7 u 8. In-netwerk ta' monitoraġġ għandu jkun immirat biex jipprovdi dehra totali koerenti u komprensiva ta' status kimiku ta' ilma ta' taħt l-art fi ħdan kull *catchment* ta' ilma biex isib il-preżenza fit-tul ta' żieda fil-pollutanti mqanqla antropoġenikament.

Fuq il-bażi tal-assessjar tal-karatterizzazzjoni u tal-impatt imwettqa skont ir-regolament 6 u l-Iskeda II, l-awtorità kompetenti għandha, għal perjodu li għalih japplika pjan ta' immaniġjar tal-*catchment* ta' ilma, tistabbilixxi programm ta' monitoraġġ tas-sorveljanza. Ir-riżultati ta' dan il-programm għandhom ikunu użati biex jistabbilixxu programm ta' monitoraġġ operazzjonali li għandu jkun applikat għall-kumplament tal-programm li jkun baqa'.

Stimi tal-livell ta' kunfidenza u preċiżjoni ta-riżultat provduti bil-programmi ta' monitoraġġ għandhom jingħataw fil-pjan.

2.4.2. Monitoraġġ tas-sorveljanza

Objettivi

Monitoraġġ tas-sorveljanza għandu jitwettaq sabiex:

- jissupplimeta u jagħmel legalment valida l-proċedura ta' assessjar tal-impatt
- jipprovdi informazzjoni għall-użu fl-assessjar tat-tendenzi fit-tul kemm bħala riżultat ta' bidliet fil-kundizzjonijiet naturali kif ukoll permezz ta' attività antropoġenika.

Għażla ta' siti ta' monitoraġġ

Siti biżżejjed ta' monitoraġġ għandhom jintgħażlu għal korpi identifikati bħala li huma f'riskju billi wieħed jimxi fuq l-eżerċizzi ta' karatterizzazzjoni li jsiru skont l-Iskeda II.

Għażla ta' parametri

Is-sett ta' parametri l-aktar importanti li ġejjin għandhom ikunu mmonitorjati fil-korpi ta' ilma ta' taħt l-art kollha magħżula:

- kontenut tal-ossiġnu
- valur pH
- konduttività
- nitrat
- ammonium

Korpi li jkunu identifikati skont l-Iskeda II bħala li huma f'riskju sinifikanti li jonqsu li jiksbu status tajjeb għandhom ikunu wkoll immonitorjati għal dawk il-parametri li huma indikattivi tal-impatt tal-pressjoni li dawn għamlu.

2.4.3. Monitoraġġ operazzjonali

Objettivi

Monitoraġġ operazzjonali għandu jsir fil-perjodi bejn programmi ta' monitoraġġ tas-sorveljanza sabiex:

- jistabbilixxi l-istatus kimiku tal-korpi jew gruppi ta' korpi kollha ta' ilma ta' taħt l-art li jkunu f'riskju,
- jistabbilixxi l-preżenza ta' tendenza ta' żieda fit-tul, imqanqla antropoġenikament fil-konċentrat ta' kull pollutant.

Għażla ta' sit ta' monitoraġġ

Monitoraġġ operazzjonali għandu jsir għal dawk il-korpi jew grppi ta' korpi ta' ilma ta' taħt l-art li fuq il-bażi kemm tal-assessjar tal-impatt imwettaq li jkun sar skont l-Iskeda II kif ukoll tal-monitoraġġ tas-sorveljanza, huma identifikati li jinsabu f'riskju li jonqsu li jilħqu l-objettivi tar-regolament 5. L-għażla tas-siti ta' monitoraġġ għandha wkoll tirrifletti assessjar ta' kif *data* ta' monitoraġġ rappreżentattiv minn dak is-sit hija tal-kwalità tal-korp jew korpi tal-ilma ta' taħt l-art rilevanti.

Frekwenza ta' monitoraġġ

Monitoraġġ operazzjonali għandu jsir għal perjodu bejn programmi ta' monitoraġġ tas-sorveljanza ta' spiss biżżejjed biex isib l-impatti ta' pressjonijiet rilevanti imma għall-inqas darba fis-sena.

2.4.4. Identifikazzjoni ta' tendenzi fil-pollutanti

L-awtorità kompetenti għandha tuża *data* kemm mill-monitoraġġ ta' sorveljanza kif ukoll minn dak operazzjonali fl-identifikazzjoni ta' tendenzi ta' żieda 'l fuq fit-tul imqanqla antropoġenikament f'konċentrati ta' pollutanti, u kif dawn ikunu mreġġa' lura. Is-sena bażi jew perijodu li matulhom għandha tkun ikkalkulata l-identifikazzjoni tat-tendenza, trid tkun identifikata. Il-kalkolu tat-tendenzi għandu jsir għal korpi jew, fejn xieraq, għal grupp ta' korpi ta' ilma ta' taħt l-art. L-irriversjar ta' tendenza għandu jkun muri fi statistika, u għandu jingħata l-livell ta' kunfidenza assoċjat mal-identifikazzjoni.

2.4.5. Interpretazzjoni u preżentazzjoni tal-istatus kimiku ta' ilma ta' taħt l-art

Fl-assessjar tal-istatus, ir-riżultat ta' punti ta' monitoraġġ individwali fi ħdan korp ta' ilma ta' taħt l-art għandu jkun aggregat għall-korp bħala korp sħiħ. Mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjonijiet konċernati, biex jinkiseb status tajjeb għal korp ta' ilma taħt l-art, għal dawk il-parametri kimiċi li għalihom l-i*standards* ta' kwalità ambjentali kienu stabbiliti f'leġislazzjoni:

- għandu jkun ikkalkulat il-valur medju tar-riżultat tal-monitoraġġ f'kull punt fil-korp jew grupp ta' korpi ta' ilma ta' taħt l-art, u
- dawk il-valuri medji għandhom ikunu wżati biex juru konformità mal-istatus kimiku ta' ilma ta' taħt l-art tajjeb.

Suġġett għall-punt 2.5, l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi mappa tal-istatus kimiku ta' ilma ta' taħt l-art, kodifikat bil-kulur kif indikat hawn taħt:

Tajjeb: Aħdar

Fqir: Aħmar

L-awtorità kompetenti għandha wkoll tindika b'tikka sewda fuq il-mappa, dawk il-korpi ta' ilma ta' taħt l-art li huma suġġetti għal tendenza ta' żieda 'l fuq sinifikanti u sostenuta fil-konċentrati ta' kwalunkwe pollutant li tirriżulta mill-impatt ta' attività umana. Irriversjar ta' tendenza għandu jkun indikat b'tikka blu fuq il-mappa.

Dawn il-mapep għandhom ikunu inklużi fil-pjan ta' immaniġġar tal-*catchment* tal-ilma.

2.5. Preżentazzjoni ta' status ta' ilma ta' taħt l-art

Fil-pjan ta' immaniġġar tal-*catchment* tal-ilma l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi mappa li turi kull korp ta' ilma ta' taħt l-art jew gruppi ta' korpi ta' ilma ta' taħt l-art kemm l-istatus kwantitattiv kif ukoll dak kimiku ta' dak il-korp jew ta' dak il-grupp ta' korpi, kodifikat bil-kulur skont il-kundizzjonijiet tal-punti 2.2.4 u

2.4.5. L-awtorità kompetenti tista' tagħżel li ma tipprovdix mapep separati skont il-punti 2.2.4 u 2.4.5, imma f'dak il-każ għandha wkoll tipprovdi indikazzjoni skont il-kundizzjonijiet tal-punt 2.4.5 fuq il-mappa mitluba f'dan il-punt, ta' dawk il-korpi li huma suġġetti għal tendenza ta' żieda 'l fuq sinifikanti u sostenuta fil-konċentrat ta' xi pollutant jew kwalunkwe treġġigħ lura ta' dik it-tendenza.

---

*Emendat: XVII.2024.61.*

## SKEDA VI

## LISTA TA' MIŻURI LI GĦANDHOM IKUNU INKLUŻI FIL-PROGRAMMI TA' MIŻURI

TAQSIMA A

Miżuri meħtieġa skont ir-regolamenti li ġejjin:

ir-Regolamenti dwar il-Maniġġar tal-Kwalità tal-Ilma Tajjeb għall-Għawm (L.S. 465.09);

ir-Regolamenti tal-1993 dwar il-Ħarsien tal-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ (A.L. 146 tal-1993);

ir-Regolamenti dwar Ilma Maħsub għall-Konsum mill-Bniedem (L.S. 449.57);

ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Inċidenti Kbar (L.S. 424.19);

ir-Regolamenti dwar l-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali (L.S. 549.46);

ir-Regolamenti dwar l-Użu ta' Ħama fl-Agrikoltura (L.S. 549.09);

ir-Regolamenti dwar it-Trattament ta' Ilma Urban Mormi (S.L. 549.22);

Id-Direttiva dwar it-Tqegħid fis-Suq ta' Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti (91/414/KEE);

ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Ilma mit-Tniġġis kaġunat b'Nitrati ġejjin mill-Biedja (L.S. 549.25);

ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Abitati Naturali (L.S. 549.44);

Regolamenti dwar Qafas għall-Emissjonijiet Industrijali (L.S. 549.76);

Id-Direttiva dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrat tat-Tniġġis (96/61/KE)).

TAQSIMA B

Din li ġejja hija lista mhux esklussiva ta' miżuri supplimentari fejn l-awtorità kompetenti fi ħdan kull distrett tal-*catchment* tax-xmara tista' tagħżel biex tadotta bħala parti mill-programm ta' miżuri meħtieġa skont ir-regolament 11(4):

(i) dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi dwar l-Enerġija u l-Ilma u l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent

(ii) strumenti amministrattivi

(iii) strumenti ekonomiċi jew fiskali

(iv) ftehim ambjentali negozjat

(v) kontrolli ta' emmissjonijiet

(vi) kodiċi ta' prattika tajba

(vii) rikreazzjoni u restawr ta' inħawi ta' art mistagħdra

(viii) kontrolli ta' atrazzjonijiet

(ix) miżuri ta' mmaniġġjar ta' domanda, *inter alia*, promozzjoni ta' produzzjoni agrikulturali adottata bħal uċuħ tar-raba li għandhom bżonn ilma baxx f'inħawi effettwati minn nuqqas ta' xita

(x) miżuri ta' effiċenza u użu mil-ġdid, *inter alia*, promozzjoni ta' teknoloġiji ta' effiċenza tal-ilma u tekniki ta' irrigazzjoni li jiffrankaw l-ilma

(xi) proġetti ta' kostruzzjoni

(xii) impjanti ta' desalinizzazzjoni

(xiii) proġetti ta' rijabilitazzjoni

(xiv) iċċarġjar artifiċjali mill-ġdid ta' akwiferi

(xv) proġetti edukattivi

(xvi) proġetti ta' riċerka, żvilupp u wiri

(xvii) miżuri oħra relevanti

---

## SKEDA VII

### PJANIJIET TA' IMMANIĠĠJAR TAL-*CATCHMENT* TAL-ILMA

A. Pjanijiet ta' immaniġġjar tal-*catchment* tal-ilma għandhom ikopru dawn l-elementi li ġejjin:

1. deskrizzjoni ġenerali tal-karatteristiċi tad-distrett tal-*catchment* tal-ilma mitluba fir-regolament 6 u fl-Iskeda II. Din għandha tinkludi:

1.1. għal ilmijiet tal-wiċċ:

- immappjar tal-lokalità u l-fruntieri tal-korpi tal-ilma;
- immappjar tal-ekoreġjuni u t-tip ta' ilma tal-wiċċ fil-ħdan il-*catchment* tal-ilma;
- identifikazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' referenza għat-tipi ta' korp ta' ilma tal-wiċċ;

1.2. għall-ilmijiet tal-art:

- immappjar tal-lokalità u l-fruntieri tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art;

2. sommarju ta' pressjonijiet sinifikanti u tal-impatt ta' attività umana fuq l-istatus tal-ilma tal-wiċċ u l-ilma ta' taħt l-art, inklużi:

- stima tal-inkwinament tas-sors tal-punt,
- stima tal-inkwinament tas-sors tad-diffużjoni, inkluż sommarju tal-użu tal- art,
- stima ta' status kwantitattiv tal-ilma li jinkludi l-astrazzjonijiet,
- analiżi ta' impatti oħra ta' attività umana fuq l-istatus tal-ilma;

3. identifikazzjoni u mmappjar ta erji protetti kif mitlub fir-regolament 7 u l-Iskeda IV;

4. mappa tan-netwerks ta' monitoraġġ stabbilita għall-iskop tar-regolament 9 u

l-Iskeda V, u preżentazzjoni f'forma ta' mappa tar-riżultati tal-programmi ta' monitoraġġ imwettqa taħt dawn id-dispożizzjonijiet għall-istatus ta':

4.1. ilma tal-wiċċ (ekoloġiku u kimiku);

4.2. ilma ta' taħt l-art (kimiku u kwantitattiv);

4.3 arei protetti;

5. lista tal-objettivi ambjentali stabbiliti fir-regolament 5 għal ilmijiet tal-wiċċ, ilmijiet tal-art u arei protetti, inklużi b'mod partikolari l-identifikazzjoni tad-drabi fejn ikun sar użu tar-regolament 5(4), (5),(6) u (7), u l-informazzjoni assoċjata meħtieġa skont dak ir-regolament;

6. sommarju tal-analiżi ekonomika tal-użu tal-ilma kif mitlub mir-regolament 6 u l-Iskeda III;

7. sommarju tal-programm jew programmi ta' miżuri adotatti skont ir-regolament 12, inklużi il-modi li fihom l-objettivi stabbiliti fir-regolament 5 huma b'hekk miksuba;

7.1. sommarju tal-miżuri meħtieġa biex tkun implimentata leġislazzjoni għall-protezzjoni tal-ilma;

7.2. rapport dwar il-passi prattiċi u miżuri meħuda biex ikun applikat il-prinċipju ta' rkupru ta' spejjeż tal-użu tal-ilma skont ir-regolament 10;

7.3. sommarju tal-miżuri meħuda biex ikunu sodisfati l-kundizzjonijiet tar-regolament 8;

7.4. sommarju tal-kontrolli dwar astrazzjoni u t-teħid legali tal-ilma, inklużi referenza għar-reġistri u indentifikazzjonijiet tal-każijiet fejn eżenzjonijiet ikunu saru taħt i-regolament12(3)(*e*);

7.5. sommarju tal-kontrolli adottati għall-ħruġ tas-sors tal-punt u attivitajiet oħra b'impatt fuq l-istatus tal-ilma skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 12(3)(*g*) u 12(3)(*i*);

7.6. identifikazzjoni tal-każijiet fejn tnixxija diretta għall-ilma ta' taħt l-art kienet awtorizzata skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 12(3)(*j*);

7.7. sommarju tal-miżuri meħuda dwar sustanzi ta' prijorità;

7.8. sommarju tal-miżuri meħuda biex jevitaw jew inaqqsu l-impatt ta' inċidenti ta' inkwinament aċċidentali;

7.9. sommarju tal-miżuri meħuda skont ir-regolament 12(5) għal korpi ta' ilma li m'hux probabbli li jiksbu l-objettivi stabbiliti fir-regolament 5;

7.10. dettalji tal-miżuri supplimentari identifikati bħala meħtieġa biex jissodisfaw l-objettivi ambjentali stabbiliti;

7.11. dettalji tal-miżuri meħuda biex tkun evitata żieda fl-inkwinament ta' ilmijiet marini skont ir-regolament 12(6);

8. reġistru ta' kwalunkwe programmi aktar dettaljati u pjanijiet ta' immaniġġjar għad-distrett tal-*catchment* tal-ilma li għandhom x'jaqsmu ma' *sub-catchments* partikolari, setturi, problemi jew tipi ta' ilma, flimkien ma' sommarju tal-kontenuti tagħhom;

9. sommarju tal-informazzjoni pubblika u tal-miżuri ta' konsultazzjoni meħuda, ir-riżultati tagħhom, u l-bidliet fil-pjan li jkunu saru bħala konsegwenza;

10. lista tal-awtoritajiet kompetenti skont l-Iskeda I;

11. il-punti ta' kuntatt u proċeduri għall-kisba tad-dokumentazzjoni tal-isfond u informazzjoni li għaliha hemm referenza fir-regolament 14(1), u b'mod partikolari

dettalji tal-miżuri ta' kontroll addottati skont ir-regolament 12(3)(*g*) u 12(3)(*i*) u tad-*data* tal-monitoraġġ attwali miġbura skont ir-regolament 9 u l-Iskeda V.

B. L-ewwel aġġornament tal-pjan ta' immaniġġjar tal-*catchment* tal-ilma u l-aġġornamenti l-oħra kollha sussegwenti għandhom ukoll jinkludu:

1. sommarju ta' xi bidliet jew aġġornamenti li jkunu saru minn żmien il-pubblikazzjoni tal-verżjoni preċedenti tal-pjan tal-immaniġġjar tal-*catchment* tal-ilma, inkluż sommarju tar-reviżjonijiet li jridu jwettqu skont ir-regolament 5(4), (5), (6), u (7);

2. assessjar tal-progress li jkun sar għall-kisba tal-objettivi ambjentali, inklużi preżentazzjoni tar-riżultati tal-monitoraġġ għall-perjodu tal-pjan preċedenti f'forma ta' mappa, u spjegazzjoni għal kwalunkwe objettiv ambjentali li ma jkunx intlaħaq;

3. sommarju ta', u spjegazzjoni għal kwalunkwe miżuri previsti fil-verżjoni ta' qabel tal-pjan ta' immaniġġjar tal-*catchment* tal-ilma li ma jkunux saru;

4. sommarju ta' kwalunkwe miżuri interim addizzjonali addottati skont ir-regolament 12(5) minn żmien il-pubblikazzjoni tal-verżjoni preċedenti tal-pjan ta' immaniġġjar tal-*catchment* tal-ilma;

5. deskrizzjoni ta' indikazzjoni ta' kwalunkwe żoni tat-taħlit, komunikazzjoni ta' miżuri fir-rigward ta' inkwinament transkonfinali u inventarju aġġornat tal-emmissjonijiet, rilaxx u telf.

---

## SKEDA VIII

## LISTA INDIKATTIVA TAL-POLLUTANTI PRINĊIPALI

1. Komposti u sustanzi organoħaloġeni li jistgħu jiffurmaw tali komposti fl-ambjent akwatiku.

2. Komposti organofosforiċi.

3. Komposti organotini.

4. Sustanzi u preparazzjonijiet jew prodotti mifrudin tagħhom, li nstab li jippossjedu proprjetà jew proprjetajiet karċinoġeniċi jew mutaġeniċi, jew proprjetajiet li jistgħu jaffetwaw il-funzjonijiet steroidoġeniċi, it-tirojdi, ir-riproduzzjoni jew funzjonijiet oħra relatati mal-endokrine fl-ambjent akwatiku.

5. Idrokarburi persistenti, u sustanzi tossiċi organiċi persistenti u bijoakkumulabbli

6. *Cyanides*.

7. Metalli u komposti tagħhom.

8. Arseniku u l-komposti tiegħu.

9. Bioċidi u prodotii għall-ħarsien tal-pjanti.

10. Materjali f'sospensjoni.

11. Sustanzi li jikkontribwixxu għall-ewtrofikazzjoni (b'mod partikolari nitrati u fosfati).

12. Sustanzi li għandhom influwenza sfavorevoli fuq il-bilanċ tal-ossiġenu (u jistgħu jitkejlu bl-użu ta' parametri bħalma huma l-BOD, is-COD, eċċ).

## SKEDA IX

## VALURI TAL-LIMITU TA' EMISSJONI U *STANDARDS* TA' KWALITÀ AMBJENTALI

Il-'valuri tal-limitu' stabbiliti fir-regolamenti li saru wara r-Regolamenti dwar it-Tniġġis Kaġunat bl-Iskargar ta' Ċerti Sustanzi Perikolużi fl-Ambjent tal-Ilma (L.S. 549.10) għandhom ikunu ikkunsidrati valuri tal-limitu ta' emissjoni u *standards* ta' kwalità ambjentali, rispettivament, għall-iskopijiet ta' dawn ir-regolamenti. Dawn huma stabbiliti fir-regolamenti li ġejjin

(i) ir-Regolamenti dwar Valuri tal-Limitu u Objettivi ta' Kwalità għal Tnixxija ta' Merkurju, minn Setturi Oħra barra mill-Industrija ta' Elettrolisi ta' Klor-Alkali (L.S. 549.13);

(ii) ir-Regolamenti tal-2001 dwar Valuri tal-Limitu u Objettivi ta' Kwalità għal Tnixxija ta' Kadmium (A.L. 221 tal-2001);

(iii) ir-Regolamenti dwar Valuri tal-Limitu u Objettivi ta' Kwalità għal Tnixxija ta' Merkurju mill-Industrija ta' Elettrolisi ta' Klor-Alakli (L.S. 549.14);

(iv) Regolamenti tal-2001 dwar Valuri tal-Limitu u Objettivi ta' Kwalità għal Hexachlorocyclohexane (A.L. 218 tal-2001); u

(v) Regolamenti tal-2001 dwar Valuri tal-Limitu u Objettivi ta' Kwalità għal Tnixxija ta' Ċerti Sustanzi Perikolużi fl-Ambjent Akwatiku (A.L. 227 tal-2001).

1. *Standards* ta' Kwalità Ambjentali:

1. L-awtorità kompetenti għandha tapplika l-EQS elenkati fit-Taqsima A tat-Tabella 1 inkluża hawn isfel, għal mases tal-ilma tal-wiċċ f'Malta u Għawdex, skont ir-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima B tat-Tabella 1 inkluża hawn isfel.

1a. L-awtorità kompetenti għandha timplimenta l-EQS elenkati fit-Taqsima A tat-Tabella 1 fir-rigward:

(i) tas-sustanzi bin-numri 2, 5, 15, 20, 22, 23, 28, fit-Taqsima A tat-Tabella 1, li l-EQS rivedut huwa stabbilit, b'effett mit-22 ta' Diċembru 2015, bl-għan li jintlaħaq status tajjeb kimiku tal-ilma tal-wiċċ fir-rigward ta' dawk is-sustanzi sat-22 ta' Diċembru 2021 permezz ta' programmi ta' miżuri inklużi fil-pjanijiet ta' immaniġġjar tal-ilma tal-2015 prodotti skont ir-regolament 12(5); u

(ii) tas-sustanzi ġodda identifikati bin-numri 34 sa 45 fit-Taqsima A tat-Tabella 1, b'effett mit-22 ta Diċembru 2018, bl-għan li jintlaħaq status tajjeb kimiku tal-ilma tal-wiċċ fir-rigward ta' dawk is-sustanzi sat-22 ta' Diċembru 2027 u jipprevjenu d-deterjorazzjoni fl-istatus kimiku tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ fir-rigward ta' dawk is-sustanzi. Għal dan il-għan l-awtorità kompetenti, għandha sat-22 ta' Diċmebru 2018, tistabbilixxi u tippreżenta lill-kummissjoni programm supplimentari ta' miżuri li jkopri dawn is-sustanzi. Programm finali ta' miżuri skont ir-regolament 12 għandu jkun stabbilit sat-22 ta' Diċembru 2021 u għandu jkun implimentat u jsir operazzjonali kompletament kemm jista' jkun malajr wara d-data u mhux aktar tard mit-22 ta' Diċembru 2024.

Ir-regolament 5(4) sa (9) għandu japplika *mutatis mutandis* għas-sustanzi elenkati fil-punti (i) u (ii) tal-ewwel subparagrafu.

2. Għas-sustanzi bin-numru 5, 15, 16, 17, 21, 28, 34, 35, 37, 43 u 44 fit-Taqsima A tat-Tabella 1, l-awtorità kompetenti għandha tapplika l-valuri tal-EQS fil-bijota mniżżlin fit-Taqsima A tat-Tabella 1 ta' dawn ir-regolamenti.

Għas-sustanzi oħra minbarra dawk msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtorità kompetenti għandha tapplika l-EQS tal-ilma elenkati fit-Taqsima A tat-Tabella 1 ta' din l-Iskeda.

3. L-awtorità kompetenti tista' tagħżel, fir-rigward ta' waħda mill-kategoriji tal-ilma tal-wiċċ jew aktar, li japplikaw EQS għal matriċi differenti minn dik speċifikata fil-paragrafu 2, jew, fejn rilevanti, għal *taxon* tal-bijota differenti minn dik speċifikata fil-Parti A ta' din l-Iskeda.

Jekk l-awtorità kompetenti tagħmel użu mill-għażla msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw l-EQS rilevanti stabbiliti fit-Taqsima A tat-Tabella 1 jew, jekk l-ebda wieħed ma jkun inkluż għall-matriċi jew it-*taxon* tal-bijota, jistabbilixxu EQS li joffri mill-inqas l-istess livell ta' protezzjoni bħall-EQS stabbilit fii-Taqsima A tat-Tabella ta' din l-Iskeda.

L-awtorità kompetenti tista' tuża l-għażla msemmija fl-ewwel subparagrafu biss fejn il-metodu ta' analiżi użat għall-matriċi jew it-*taxon* tal-bijota magħżula jissodisfa l-kriterji minimi ta' prestazzjoni stabbiliti fit-Taqsima B tal-Iskeda XI. Fejn dawk il-kriterji ma jiġu sodisfatti għal ebda matriċi, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-monitoraġġ jitwettaq bl-użu tal-aħjar tekniki disponibbli li ma jinvolvux spejjeż eċċessivi u li l-metodu ta' analiżi jaħdem tal-inqas tajjeb daqs dak disponibbli għall-matriċi speċifikata fil-paragrafu 2 ta' din l-Iskeda għas-sustanza rilevanti.

3a. Fejn riskju potenzjali għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu mill-iskopertura akuta jkun ġie identifikat bħala riżultat ta' konċentrazzjonijiet jew emissjonijiet ambjentali mkejla jew stmati jew emissjonijiet u fejn qed tiġi applikata EQS tal-bijota jew tas-sediment, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li monitoraġġ fl-ilma tal-wiċċ għandu jitwettaq ukoll u għandhom japplikaw l-MAC-EQS stipulat fit-Taqsima A tat-Tabella 1 ta' din l-Iskeda , fejn tali EQS ikunu ġew stabbiliti.

3b. Jekk, skont it-Taqsima Ċ tal-Iskeda XI, issir referenza għall-valur medju kkalkulat ta' kejl, meta jitwettaq bl-użu tal-aħjar teknika disponibbli li ma tinvolvix spejjeż eċċessivi, bħala 'anqas mil-limitu ta' kwantifikazzjoni', u l-'limitu ta' kwantifikazzjoni' anki ta' dik it-teknika jkun aktar mill-EQS, ir-riżultat għas-sustanza li tkun qed titkejjel ma għandux jitqies għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-istatus kimiku ġenerali ta' dik il-massa tal-ilma.

4. Għas-sustanzi li għalihom jiġi applikat EQS għas-sediment u, jew għall-bijota, l-awtorità kompeteni għandha tissorvelja s-sustanza fil-matriċi rilevanti mill-inqas darba f'sena, sakemm l-għarfien tekniku u l-ġudizzju tal-esperti ma jiġġustifikax intervall ieħor.

5. L-awtorità kompetenti għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja fil-pjanijiet aġġornati ta' mmaniġġjar tal-*catchment* tal-ilma, prodotti skont ir-regolament 13(5):

(*a*) tabella li tippreżenta l-limiti ta' kwantifikazzjoni tal-metodi ta' analiżi applikati, u l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni ta' dawk il-metodi relatata mal-kriterji ta' prestazzjoni minima stabbiliti fit-Taqsima B tal-Iskeda XI;

(*b*) għas-sustanzi li għalihom intużat l-alternattiva fil-paragrafu 3 ta' din l-Iskeda:

(i) ir-raġunijiet u l-bażi għall-użu ta' dik l-alternattiva,

(ii) fejn rilevanti, l-EQS alternattivi stabbiliti, evidenza li dawk l-

EQS joffru tal-inqas l-istess livell ta' protezzjoni bħall-EQS stabbiliti fit-Taqsima A tat-Tabella 1, inkluż id-*data* u l-metodoloġija użata għad-derivazzjoni tal-EQS, u l-kategoriji tal-ilma tal-wiċċ li japplikaw għalihom,

(iii) għal paragun mal-informazzjoni msemmija fil-punt (*a*) ta' dan il-paragrafu, il-limiti ta' kwantifikazzjoni tal-metodi tal-analiżi għall-matriċi jew il-matriċijiet speċifikati fit-Taqsima A tat-Tabella 1, inkluż l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni ta' dawk il-metodi fir-rigward tal-kriterji ta' prestazzjoni minima stabbiliti fit-Taqsima B tal-Iskeda XI;

(*ċ*) ġustifikazzjoni għall-frekwenza tal-monitoraġġ applikata f'konformità mal-paragrafu 4, jekk l-intervalli ta' monitoraġġ huma itwal minn sena.

5a. L-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri neċessarji biex tiżgura li l-pjanijiet aġġornati ta' mmaniġġjar tal-*catchment* tal-ilma prodotti skont ir-regolament 13(5) li fihom ir-riżultati u l-impatt tal-miżuri adottati biex jiġi evitat it-tniġġis tal-ilma tal-wiċċ, u r-rapport interim li jiddeskrivi l-progress fl-implimentazzjoni tal-programm ta' miżuri ppjanati, huma pprovduti permezz ta' portal ċentrali uniku li jkun aċċessibbli għall-pubbliku b'mod elettroniku skont ir-regolament 10(1) tar-Regolamenti dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent (L.S. 549.39).

2. L-Analiżi għall-Perjodu fit-Tul għal Sustanzi Prijoritarji

1. L-awtorità kompetenti għandha torganizza l-analiżi tat-tendenza għall-perjodu fit-tul ta' konċentrazzjonijiet ta' dawk is-sustanzi prijoritarji elenkati fit-Taqsima A tat-Tabella 1, li għandhom tendenza jakkumulaw fis-sediment u, jew fil-bijota, b'konsiderazzjoni partikolari mogħtija lis-sustanzi numru 2, 5, 6, 7, 12, 15, 16, 17, 18, 20, 21, 26, 28 u 30, abbażi tal-monitoraġġ tal-istatus tal-ilma mwettaq skont tar-regolament 8. L-awtorità kompetenti għandha tieħu miżuri mmirati biex tiżgura, soġġett għar-regolament 5, li tali konċentrazzjonijiet ma jiżdidux b'mod sinifikanti fis-sediment u, jew fil-bijota rilevanti.

2. L-awtorità kompetenti għandha tiddetermina l-frekwenza ta' monitoraġġ fis-sediment u, jew fil-bijota sabiex jipprovdu *data* suffiċjenti għal analiżi tat-tendenza affidabbli għall-perjodu fit-tul. Bħala linja gwida, il-monitoraġġ għandu jsir kull tliet snin, sakemm l-għarfien tekniku u l-ġudizzju espert ma jiġġustifikawx intervall ieħor.

3. L-awtorità kompetenti tista' tissorvelja s-sustanzi bin-numri 5, 21, 28, 30, 35, 37, 43 u 44 fit-Taqsima A tat-Tabella 1 b'mod inqas intensiv minn dak meħtieġ għas-sustanzi prijoritarji skont il-paragrafu 1(4) ta' din l-Iskeda u l-Iskeda V, hekk iżda li l-monitoraġġ ikun rappreżentattiv u tkun disponibbli linja bażi statistikament robusta rigward il-preżenza ta' dawk is-sustanzi fl-ambjent akkwatiku. Bħala linja gwida, f'konformità mas-subparagrafu 2(2) hawn fuq, il-monitoraġġ għandu jsir kull tliet snin, dment li l-għarfien tekniku u l-ġudizzju espert ma jiġġustifikawx intervall ieħor.

4. Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' din l-Iskeda għandhom jiġu żviluppati, sa fejn possibbli sat-22 ta' Diċembru 2014, linji gwida tekniċi dwar l-istrateġiji ta' monitoraġġ u l-metodi analitiċi għas-sustanzi, inkluż it-teħid ta' kampjuni u l-monitoraġġ tal-bijota, bħala parti mill-proċess ta' implimentazjoni ta' dawn ir-regolamenti.

B'mod partikolari l-linji ta' gwida għandjhom ikopru:

(i) il-monitoraġġ ta' sustanzi fil-bijota kif previst fil-paragrafi 2 u 3, fil-każ ta' sustanzi li għadhom kif ġew identifikati (bin-numri 34 sa 45 fit-

Taqsima A tat-Tabella 1) u sustanzi li għalihom huma stabbiliti EQS aktar stretti (bin-numri 2, 5, 15, 20, 22, 23 u 28 fit-Taqsima A tat-Tabella 1), metodi analitiċi konformi mal-kriterji ta' prestazzjoni minimi stabbiliti fit-Taqsima C tal-Iskeda XI tar-Regolamenti tal-2011 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qafas tal-Politika tal-Ilma (A.L. 194 tal-2011);

(ii) fil-każ ta' sustanzi li għalihom għadhom ma ġewx adottati linji gwida tekniċi sat-22 ta' Diċembru 2014, l-iskadenza tat-22 ta' Diċembru 2015 msemmija fil-punt (i) tal-paragrafu (1a) għandha tiġi estiża sat-22 ta' Diċembru 2018 u l-iskadenza tat-22 ta' Diċembru 2021 imsemmija f'dak il-punt għandha tiġi estiża sat-22 ta' Diċembru 2027.

3. Żoni tat-Taħlit:

1. Ħdejn il-punti ta' rilaxx, l-awtorità kompetenti tista' tidentifika żoni ta' taħlit fejn il-konċentrazzjonijiet ta' kontaminant wieħed jew aktar mis-sustanzi elenkati fit-Taqsima A tat-Tabella 1 jistgħu jeċċedu l-EQS rilevanti, u dejjem jekk huma ma jaffettwawx il-konformità tal-kumplament tal-massa tal-ilma tal-wiċċ ma' dawk l-i*standards*.

2. Jekk jiġu identifikati żoni ta' taħlit, dawn għandhom jiġu inklużi fil-pjanijiet ta' immaniġġar tal-*catchment* tal-ilma magħmula skont ir-regolament 13, u għandhom jinkludu deskrizzjoni ta':

(*a*) l-approċċi u l-metodoloġiji applikati biex jiġu definiti żoni bħal dawn;

(*b*) miżuri meħuda bil-għan li titnaqqas il-firxa taż-żoni tat-taħlit fil-futur, bħal dawk skont is-subregolament (3)(*k*) tar-regolament 12 ta' dawn ir-regolamenti jew permezz ta' reviżjoni tal-permessi msemmija Regolamenti dwar Qafas għall-Emissjonijiet Industrijali (L.S. 549.76) jew ta' regolamenti preċedenti msemmija skont is-subregolament tar-regolament 12(3)(*g*) ta' dawn ir-regolamenti.

3. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li meta jintagħżlu żoni ta' taħlit, il-firxa ta' kull żona tali hija:

(**a**) ristretta għall-viċinanza tal-punt ta' rilaxx;

(*b*) proporzjonata, b'konsiderazzjoni tal-konċentrazzjonijiet ta' kontaminanti fil-punt ta' rilaxx u tal-kondizzjonijiet dwar emissjonijiet ta' kontaminanti li jinsabu fir-regolamenti ta' qabel, bħal awtorizzazzjonijiet u, jew permessi, imsemmijin skont ir-regolament 12(3)(g) u kull liġi nazzjonali rilevanti oħra, skont l-applikazzjoni tal-aħjar tekniki disponibbli u tar-regolament 11, partikolarment wara li dawk ir-regolamenti ta' qabel jiġu riveduti.

4. Mekkaniżmu tal-lista tas-sorveljanza

1. L-awtorità kompetenti għandha tissorvelja kull sustanza li hija inkluża fil-'Lista ta' Sorveljanza' li hija stabbilita mill-Kummissjoni bħala mezz ta' informazzjoni ta' monitoraġġ immirata u ta' kwalità għolja dwar il-konċentrazzjoni tas-sustanzi fl-ambjent akkwatiku, b'attenzjoni fuq pollutanti u sustanzi emerġenti li għalihom id-*data* ta' monitoraġġ disponibbli mhijiex ta' kwalità biżżejjed għall-fini tal-valutazzjoni tar-riskju.

2. L-awtorità kompetenti għandha tissorvelja kull sustanza fil-lista ta' sorveljanza fi stazzjonijiet ta' monitoraġġ rappreżentattivi magħżula fuq mill-inqas perijodu ta' tnax-il xahar. Għall-ewwel lista ta' sorveljanza, il-perijodu ta' monitoraġġ għandu jibda sal-14 ta' Settembru 2015 jew fi żmien sitt xhur mill-istabbiliment tal-lista ta' sorveljanza, liema waħda minnhom tkun l-aktar tard. Għal

kull sustanza inkluża fuq il-listi sussegwenti, l-Istati Membri għandhom jibdew il-monitoraġġ fi żmien sitt xhur mill-inklużjoni tagħha fil-lista.

3. L-awtorità kompetenti għandha tagħżel mhux inqas minn stazzjon monitoraġġ waħda, kif ukoll stazzjon oħra jekk ikun hemm iżjed minn miljun abitant, u żżid l-għadd ta' stazzjonijiet daqs iż-żona ġeografika tagħha f'$km^2$ diviża b'60 000 (imqarreb għall-eqreb numru sħiħ), u żżid ukoll l-għadd ta' stazzjonijiet daqs il-popolazzjoni tagħha meta diviża b'ħames miljuni (imqarreb għall-eqreb numru sħiħ).

4. Fl-għażla tal-istazzjonijiet ta' monitoraġġ rappreżentattivi, il-frekwenza ta' monitoraġġ u l-ħin għal kull sustanza, l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra x-xejriet tal-użu u l-okkorrenza possibbli tas-sustanza. Il-frekwenza ta' monitoraġġ ma għandhiex tkun inqas minn darba fis-sena.

5. Fejn l-awtorità kompetenti tipprovdi *data* ta' monitoraġġ suffiċjenti, komparabbli, rappreżentattiva u reċenti għal sustanza partikolari mill-programmi jew studji ta' monitoraġġ eżistenti, tista' jiddeċiedi li ma twettaqx monitoraġġ addizzjonali taħt il-mekkaniżmu tal-lista ta' sorveljanza għal dik is-sustanza, dment ukoll li s-sustanza tkun ġiet sorveljata bl-użu ta' metodoloġija li tissodisfa r-rekwiżiti tal-linji gwida tekniċi żviluppati minn żmien għall-ieħor.

TABELLA 1

*Standards* ta' Kwalità Ambjentali għas-Sustanzi Prijoritarji u Ċerti Kontaminanti Oħrajn

TAQSIMA A: *STANDARDS* TAL-KWALITÀ AMBJENTALI (EQS)

AA: medja annwali (*annual average*).

MAC: konċentrazzjoni massima permissibbli

Unità: [µg/l] għall-kolonni (4) sa (7)

[µg/kg piż imxarrab] għall-kolonna (8)

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (8) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru. | Deskrizzjoni tas-sustanza | Numru CAS (1) | AA-EQS (2) Ilmijiet tal-wiċċ 'il ġewwa mill-kosta(3) | AA-EQS (2) Ilmijiet tal-wiċċ oħra | MAC-EQS (4) Ilmijiet tal-wiċċ 'il ġewwa mill-kosta(3) | MAC-EQS (4) Ilmijiet tal-wiċċ oħra | EQS Bijota (12) |
| (1) | Alaklor | 15972-60-8 | 0,3 | 0,3 | 0,7 | 0,7 | |
| (2) | Antraċina | 120-12-7 | 0,1 | 0,1 | 0,1 | 0,1 | |
| (3) | Atrażina | 1912-24-9 | 0,6 | 0,6 | 2,0 | 2,0 | |
| (4) | Benżen | 71-43-2 | 10 | 8 | 50 | 50 | |
| (5) | Eteri tad-difenil bromurati (5) | 32534-81-9 | | | 0,14 | 0,014 | 0,0085 |
| (6) | Kadmju u l-komposti tiegħu (skont il-klassijiet tal-alkalinità tal-ilma) (6) | 7440-43-9 | ≤ 0,08 (Klassi 1), 0,08 (Klassi 2), 0,09 (Klassi 3), 0,15 (Klassi 4), 0,25 (Klassi 5) | 0,2 | ≤ 0,45 (Klassi 1), 0,45 (Klassi 2), 0,6 (Klassi 3), 0,9 (Klassi 4), 1,5 (Klassi 5) | ≤ 0,45 (Klassi 1), 0,45 (Klassi 2), 0,6 (Klassi 3), 0,9 (Klassi 4), 1,5 (Klassi 5) | |
| (6a) | Tetraklorur tal-karbonju(7) | 56-23-5 | 12 | 12 | mhux applikabbli | mhux applikabbli | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| (7) | C10-13 Kloroalkani (8) | 85535-84-8 | 0,4 | 0,4 | 1,4 | 1,4 | |
| (8) | Klorfenvinfos | 470-90-6 | 0,1 | 0,1 | 0,3 | 0,3 | |
| (9) | Klorpirifos (Klorpirifos-etil) | 2921-88-2 | 0,03 | 0,03 | 0,1 | 0,1 | |
| (9a) | Pestiċidi miċ-ċiklodien:<br>Aldrin (7)<br>Dieldrin (7)<br>Endrin (7)<br>Isodrin (7) | <br>309-00-2<br>60-57-1<br>72-20-8<br>465-73-6 | $\sum = 0{,}01$ | $\sum = 0{,}005$ | mhux applikab-bli | mhux applikab-bli | |
| (9b) | Total DDT (7) (9) | mhux applikabbli | 0,025 | 0,025 | mhux applikab-bli | mhux applikab-bli | |
| | para-para-DDT (7) | 50-29-3 | 0,01 | 0,01 | mhux applikab-bli | mhux applikab-bli | |
| (10) | 1,2-dikloroetan | 107-06-2 | 10 | 10 | mhux applikab-bli | mhux applikab-bli | |
| (11) | Diklorometan | 75-09-2 | 20 | 20 | mhux applikab-bli | mhux applikab-bli | |
| (12) | Di(2–etileżil)ftalat (DEHP) | 117-81-7 | 1,3 | 1,3 | mhux applikab-bli | mhux applikab-bli | |
| (13) | Dijuron | 330-54-1 | 0,2 | 0,2 | 1,8 | 1,8 | |
| (14) | Endosulfan | 115-29-7 | 0,005 | 0,005 | 0,01 | 0,004 | |
| (15) | Fluworanten | 206-44-0 | 0,0063 | 0,0063 | 0,12 | 0,12 | 30 |
| (16) | Eżaklorobenżen | 118-74-1 | | | 0,05 | 0,05 | 10 |
| (17) | Eżaklorobutadin | 87-68-3 | | | 0,6 | 0,6 | 55 |
| (18) | Eżaklorokloe-żanan | 608-73-1 | 0,02 | 0,002 | 0,04 | 0,02 | |
| (19) | Isoproturon | 34123-59-6 | 0,3 | 0,3 | 1,0 | 1,0 | |
| (20) | Ċomb u l-komposti tiegħu | 7439-92-1 | 1,2 (13) | 1,3 | 14 | 14 | |
| (21) | Merkurju u l-komposti tiegħu | 7439-97-6 | | | 0,07 | 0,07 | 20 |
| (22) | Naftalina | 91-20-3 | 2 | 2 | 130 | 130 | |
| (23) | Nikil u l-komposti tiegħu | 7440-02-0 | 4 (13) | 8,6 | 34 | 34 | |
| (24) | Nonilfenoli (4-Nonilfenol) | 84852-15-3 | 0,3 | 0,3 | 2,0 | 2,0 | |
| (25) | Ottilfenoli ((4-(1,1′,3,3′-tetrametilbutil)-fenol) | 140-66-9 | 0,1 | 0,01 | mhux applikab-bli | mhux applikab-bli | |
| (26) | Pentaklorobenżen | 608-93-5 | 0,007 | 0,0007 | mhux applikab-bli | mhux applikab-bli | |
| (27) | Pentakloro-fenol | 87-86-5 | 0,4 | 0,4 | 1 | 1 | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| (28) | Idrokarburi poliaromatiċi (PAH) [11] | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikab-bli | mhux applikab-bli | mhux applikab-bli | |
| | (Benzo(a)piren) | 50-32-8 | 1,7 x $10^{-4}$ | 1,7 x $10^{-4}$ | 0,27 | 0,027 | 5 |
| | Benżo(b)fluworanten | 205-99-2 | ara n-nota 11 f'qiegħ il-paġna | ara n-nota 11 f'qiegħ il-paġna | 0,017 | 0,017 | ara n-nota 11 f'qiegħ il-paġna |
| | Benżo(k)fluworanten | 207-08-9 | ara n-nota 11 f'qiegħ il-paġna | ara n-nota 11 f'qiegħ il-paġna | 0,017 | 0,017 | ara n-nota 11 f'qiegħ il-paġna |
| | Benzo(g,h,i)-perilen | 191-24-2 | ara n-nota 11 f'qiegħ il-paġna | ara n-nota 11 f'qiegħ il-paġna | 8,2 x $10^{-3}$ | 8,2 x $10^{-4}$ | ara n-nota 11 f'qiegħ il-paġna |
| | Indeno(1,2,3-cd)-piren | 193-39-5 | ara n-nota 11 f'qiegħ il-paġna | ara n-nota 11 f'qiegħ il-paġna | mhux applikab-bli | mhux applikab-bli | ara n-nota 11 f'qiegħ il-paġna |
| (29) | Simażina | 122-34-9 | 1 | 1 | 4 | 4 | |
| (29a) | Tetrakloroetilen [7] | 127-18-4 | 10 | 10 | mhux applikab-bli | mhux applikab-bli | |
| (29b) | Trikloroetilen [7] | 79-01-6 | 10 | 10 | mhux applikab-bli | mhux applikab-bli | |
| (30) | Komposti tat-tributiltin (Katjoni tat-tributiltin) | 36643-28-4 | 0,0002 | 0,0002 | 0,0015 | 0,0015 | |
| (31) | Triklorobenżen | 12002-48-1 | 0,4 | 0,4 | mhux applikab-bli | mhux applikab-bli | |
| (32) | Triklorometan | 67-66-3 | 2,5 | 2,5 | mhux applikab-bli | mhux applikab-bli | |
| (33) | Trifluralin | 1582-09-8 | 0,03 | 0,03 | mhux applikab-bli | mhux applikab-bli | |
| (34) | Dikofol | 115-32-2 | 1,3x $10^{-3}$ | 3,2x $10^{-5}$ | mhux applikab-bli [10] | mhux applikab-bli [10] | 33 |
| (35) | Aċidu sulfoniku tal-perfluworoottan u d-derivattivi tiegħu (PFOS) | 1763-23-1 | 6,5 x $10^{-4}$ | 1,3 x $10^{-4}$ | 36 | 7,2 | 9,1 |
| (36) | Kinossifen | 124495-18-7 | 0,15 | 0,015 | 2,7 | 0,54 | |
| (37) | Diossini u komposti simili tad-diossini | Ara n-nota 10 f'qiegħ il-paġna fl-Iskeda X | | | mhux applikab-bli | mhux applikab-bli | Somma ta' PCDD+PCDF+PCB-DL 0,0065 µg,kg-1 TEQ [14] |
| (38) | Aklonifen | 74070-46-5 | 0,12 | 0,012 | 0,12 | 0,012 | |
| (39) | Bifenoks | 42576-02-3 | 0,012 | 0,0012 | 0,04 | 0,004 | |
| (40) | Ċibutrina | 28159-98-0 | 0,0025 | 0,0025 | 0,016 | 0,016 | |
| (41) | Ċipermetrina | 52315-07-8 | 8 x $10^{-5}$ | 8 x $10^{-6}$ | 6 x $10^{-4}$ | 6 x $10^{-5}$ | |
| (42) | Diklorvos | 62-73-7 | 6 x $10^{-4}$ | 6 x $10^{-5}$ | 7 x $10^{-4}$ | 7 x $10^{-5}$ | |
| (43) | Eżabromoċiklododekani(HBCDD) | Ara n-nota 12 f'qiegħ il-paġna fl-Iskeda X | 0,0016 | 0,0008 | 0,5 | 0,005 | 167 |
| (44) | Ettaklor u epossidu tal-ettaklor | 76-44-8/ 1024-57-3 | 2 x $10^{-7}$ | 1 x $10^{-8}$ | 1 x $10^{-8}$ | 3 x $10^{-4}$ | 6,7 x $10^{-3}$ |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| (45) | Terbutrin | 886-50-0 | 0,065 | 0,0065 | 0,34 | 0,034 | |

(1) CAS: Chemical Abstracts Service.

(2) Dan il-parametru huwa l-EQS espress bħala valur medju annwali (AA-EQS). Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, dan japplika għall-konċentrazzjoni totali tal-isomeri kollha.

(3) L-ilmijiet tal-wiċċ 'il ġewwa mill-kosta jkopru xmajjar u lagi u mases tal-ilma relatati li jkunu artifiċjali jew modifikati ħafna.

(4) Dan il-parametru huwa l-EQS espress bħala konċentrazzjoni massima permissibbli (MAC-EQS). Fejn l-MAC-EQS hija mmarkata bħala 'mhux applikabbli', il-valuri AA-EQS jitqiesu bħala protettivi kontra l-intensitajiet ta' tniġġis fuq perijodu qasir fir-rilaxxi kontinwi minħabba li dawn huma ferm aktar baxxi mill-valuri derivati abbażi tat-tossiċità akuta.

(5) Għall-grupp ta' sustanzi prijoritarji kopert mid-difenileteri brominati (Nru 5), l- EQS jirreferi għas-somma tal-konċentrazzjonijiet tan-numri konġeneri 28, 47, 99, 100, 153 u 154.

(6) Għall-Kadmju u l-komponenti tiegħu (Nru 6) il-valuri EQS ivarjaw skont l-ammont ta' ġebla fl-ilma kif speċifikat f'ħames kategoriji ta' klassi (il-Klassi 1: < 40 mg CaCO3/l, Klassi 2: 40 to < 50 mg CaCO3/l, Klassi 3: 50 sa < 100 mg CaCO3/l, Klassi 4: 100 sa < 200 mg CaCO3/l u Klassi 5: ≥ 200 mg CaCO3/l).

(7) Din is-sustanza mhijiex sustanza prijoritorja iżda waħda mis-sustanzi li jniġġsu l-oħrajn li għalihom l-EQS huma identiċi għal dawk stabbiliti fil-leġislazzjoni li kienet tapplika qabel it-13 ta' Jannar 2009.

(8) Ma huwa pprovdut ebda parametru indikattiv għal dan il-grupp ta' sustanzi. Il-parametru/i indikattiv(i) għandhom jiġu definiti permezz tal-metodu analitiku.

(9) It-total ta' DDT jikkonsisti mis-somma tal-isomeri 1,1,1 -trikloro2.2 bis (p-klorofenil) etan (Numru CAS 50293; numru UE 200-024-3); 1,1,1-trikloro-2 (o-klorofenil)-2-(p-klorofenil) etan (Numru CAS 789-02-6; Numru tal-UE 212-332-5); Numru UE 212-332-5); 1,1-dikloro-2,2 bis (p-klorofenil) etilen (Numru CAS 72-55-9; Numru UE 200-784-6); u 1,1-dikloro2,2 bis (p-klorofenil) etan (Numru CAS 72-54-8; Numru UE 200-783-0).

(10) Ma hemmx biżżejjed informazzjoni disponibbli biex jiġu stabbiliti l-MAC-EQS għal dawn is-sustanzi.

(11) Għall-grupp ta' sustanzi prijoritarji ta' idrokarburi poliaromatiċi (PAH) (Nru 28), l-EQS tal-bijota u l-AA-EQS korrispondenti fl-ilma jirreferu għall-konċentrazzjoni ta' benzo(a) piren, fuq liema tossiċità huma bbażati. Il-benzo(a) piren jista' jitqies bħala markatur għal PAHs oħrajn, għalhekk huwa biss il-benzo(a) piren li jeħtieġ li jiġi ssorveljat għal tqabbil mal-EQS tal-bijota jew l-AA-EQS korrispondenti fl-ilma.

(12) Dment li ma jkunx indikat mod ieħor, l-EQS tal-bijota jirreferu għall-ħut. Minflok, jistgħu jiġu ssorveljati t-taxon tal-bijota alternattiva, jew xi matriċi oħra, dment li l-EQS applikati jipprovdu livell ekwivalenti ta' protezzjoni. Għal sustanzi bin-numru 15 (Fluworanten) u 28 (PAHs), l-EQS tal-bijota tirreferi għall-krustaċji u l-molluski. Għall-fini tal-valutazzjoni tal-istatus kimiku, il-monitoraġġ tal-Fluworanten u l-PAHs fil-ħut mhuwiex adatt. Għas-sustanza bin-numru 37 (Diossini u komposti simili għad-diossini), l-EQS tal-bijota tirreferi għal ħut, krustaċji u molluski, f'konformità mat-taqsima 5.3 tal-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1259/2011 tat-2 ta' Diċembru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 fir-rigward ta' livelli massimi għad-diossini, PCBs simili għad-diossini u PCBs mhux simili għad-diossini fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 320, 3.12.2011, p. 18).

(13) Dawn l-EQS jirreferu għall-konċentrazzjonijiet bijodisponibbli tas-sustanzi.

(14) PCDD: dibenżo-p-diossini poliklorinati; PCDF: dibenżofurani poliklorinati; PCB-DL: bifenili poliklorinati simili għad-diossini; TEQ: ekwivalenti tossiċi skont il-Fatturi ta' Ekwivalenza Tossika tal-2005 tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.

## TAQSIMA B: APPLIKAZZJONI TAL-EQS STABBILITI FIL-PARTI A

1. Il-kolonni 4 u 5 tat-tabella: Għal kull massa ta' ilma tal-wiċċ partikolari, li japplika l-AA-EQS tfisser li, għal kull punt ta' monitoraġġ rappreżentattiv fil-massa tal-ilma, il-medja aritmetika tal-konċentrazzjonijiet imkejla fi żmenijiet differenti matul is-sena, ma taqbiżx l-i*standard*.

Il-kalkolu tal-medja aritmetika, l-metodu analitiku użat u, fejn ma jkunx hemm ebda metodu analitiku adegwat li jissodisfa l-kriterji minimi ta' prestazzjoni, l-metodu tal-applikazzjoni ta' EQS għandhom ikunu f'konformità ma' atti implimentattivi li jadottaw speċifikazzjonijiet tekniċi għall-monitoraġġ kimiku u għall-kwalità tar-riżultati analitiċi, skont dawn ir-regolamenti.

2. Il-kolonni 6 u 7 tat-tabella: Għal kull massa ta' ilma tal-wiċċ partikolari, li japplika l-MAC-EQS tfisser li l-konċentrazzjoni mkejla f'xi punt ta' monitoraġġ rappreżentattiv fil-massa tal-ilma, ma taqbiżx l-i*standard*.

Madankollu, f'konformità mat-taqsima 1.3.4 tal-Skeda V tar-Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta' Azjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma (A.L. 194 tal-2004), l-awtorità kompetenti tista' tintroduċi metodi ta' statistika, bħal kalkolu perċentwali, sabiex jiġi żgurat livell aċċettabbli ta' fiduċja u preċiżjoni għad-determinazzjoni ta' konformità mal-MAC-EQS. Jekk tagħmel hekk, dawn il-metodi ta' statistika għandhom ikunu konformi mar-regoli dettaljati stabbiliti skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2013/39/UE.

3. L-EQS tal-ilma stabbiliti f'din l-Skeda huma espressi bħala konċentrazzjonijiet totali fil-kampjun kollu tal-ilma. B'deroga mill-ewwel subparagrafu bl-eċċezzjoni tal-kadmju, ċ-ċomb, il-merkurju u n-nikil (minn hawn 'il quddiem "metalli). Fil-każ ta' metalli, l-EQS jirreferi għall-konċentrazzjoni maħlula, jiġifieri l-fażi maħlula ta' kampjun tal-ilma miksuba b'filtrazzjoni permezz ta' filter 0.45 µm jew kull pretrattament ekwivalenti.

L-awtorità kompetenti tista', meta tivvaluta r-riżultati ta' monitoraġġ mal-EQS, tieħu kosiderazzjoni ta':

(*a*) konċentrazzjonijiet naturali tal-isfond għall-metalli u t-taħlit tagħhom, jekk dawn jimpedixxu l-konformità mal-valur tal-EQS; u

(*b*) l-ebusija, il-pH jew parametri oħrajn tal-kwalità tal-ilma li jaffettwaw il-bijodisponibbiltà tal-metalli. Il-konċentrazzjonijiet bijodisponibbli jiġu determinati billi jintuża mudell bijodisponibbli.

---

## SKEDA X

## LISTA TA' SUSTANZI PRIJORITARJI FIL-QASAM TAL-POLITIKA DWAR L-ILMA

| Numru | Numru CAS (1) | Numru tal-UE (2) | Isem tas-sustanza prijoritarja (3) | Identifikat bħala sustanza perikoluża prijoritarja |
|---|---|---|---|---|
| (1) | 15972-60-8 | 240-110-8 | Alaklor | |
| (2) | 120-12-7 | 204-371-1 | Antraċina | X |
| (3) | 1912-24-9 | 217-617-8 | Atrażina | |
| (4) | 71-43-2 | 200-753-7 | Benżen | |
| (5) | 32534-81-9 | mhux applikabbli | Eteri tad-difenil bromurati | X (4) |
| (6) | 7440-43-9 | 231-152-8 | Kadmju u l-komposti tiegħu | X |
| (7) | 85535-84-8 | 287-476-5 | Kloroalkani, $C_{10-13}$ | X |
| (8) | 470-90-6 | 207-432-0 | Klorfenvinfos | |
| (9) | 2921-88-2 | 220-864-4 | Klorpirifos (Klorpirifosetil) | |
| (10) | 107-06-2 | 203-458-1 | 1,2-dikloroetan | |
| (11) | 75-09-2 | 200-838-9 | Diklorometan | |
| (12) | 117-81-7 | 204-211-0 | Di(2-etileżil)ftalat (DEHP) | X |
| (13) | 330-54-1 | 206-354-4 | Dijuron | |
| (14) | 115-29-7 | 204-079-4 | Endosulfan | X |
| (15) | 206-44-0 | 205-912-4 | Fluworanten | |
| (16) | 118-74-1 | 204-273-9 | Eżaklorobenżen | X |
| (17) | 87-68-3 | 201-765-5 | Eżaklorobutadjen | X |
| (18) | 608-73-1 | 210-158-9 | Eżakloroċikloeżan | X |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| (19) | 34123-59-6 | 251-835-4 | Isoproturon | |
| (20) | 7439-92-1 | 231-100-4 | Ċomb u l-komposti tiegħu | |
| (21) | 7439-97-6 | 231-106-7 | Merkurju u l-komposti tiegħu | X |
| (22) | 91-20-3 | 202-049-5 | Naftalina | |
| (23) | 7440-02-0 | 231-111-14 | Nikil u l-komposti tiegħu | |
| (24) | 25154-52-3 | 246-672-0 | Nonilfenoli | X (5) |
| (25) | 1806-26-4 | 217-302-5 | Ottilfenoli (8) | |
| (26) | 608-93-5 | 210-172-5 | Pentaklorobenżen | X |
| (27) | 87-86-5 | 231-152-8 | Pentaklorofenol | |
| (28) | mhux applikabbli | mhux applikabbli | Idrokarburi poliaromatiċi (PAH) (7) | X |
| (29) | 122-34-9 | 204-535-2 | Simażina | |
| (30) | mhux applikabbli | mhux applikabbli | Komposti tat-tributiltin | X |
| (31) | 12002-48-1 | 234-413-4 | Triklorobenżen | |
| (32) | 67-66-3 | 200-663-8 | Triklorometan (kloroform) | |
| (33) | 1582-09-8 | 216-428-8 | Trifluralin | X |
| (34) | 115-32-2 | 204-082-0 | Dikofol | X |
| (35) | 1763-23-1 | 217-179-8 | Aċidu sulfoniku tal-perfluworoottan u d-derivattivi tiegħu (PFOS) | X |
| (36) | 124495-18-7 | mhux applikabbli | Kinossifen | X |
| (37) | mhux applikabbli | mhux applikabbli | Diossini u komposti simili tad-diossini | X (9) |
| (38) | 74070-46-5 | 277-704-1 | Aklonifen | |
| (39) | 42576-02-3 | 255-894-7 | Bifenoks | |
| (40) | 28159-98-0 | 248-872-3 | Ċibutrina | |
| (41) | 52315-07-8 | 257-842-9 | Ċibermetrina (10) | |
| (42) | 62-73-7 | 200-547-7 | Diklorvos | |
| (43) | mhux applikabbli | mhux applikabbli | Eżabromoċiklododekani (HBCDD) | X (11) |
| (44) | 76-44-8/ 1024-57-3 | 200-962-3/ 213-831-0 | Ettaklor u epossidu tal-ettaklor | X |
| (45) | 886-50-0 | 212-950-5 | Terbutrin | |

(1) CAS: Chemical Abstracts Service.

(2) Numru tal-UE: Inventarju Ewropew tas-Sustanzi Kimiċi Kummerċjali Eżistenti (EINECS) jew Lista Ewropea ta' Sustanzi Kimiċi Notifikati (ELINCS).

(3) Fejn gruppi ta' sustanzi jkunu ġew magħżula, sakemm mhux innotati speċifikament, ir-rappreżentanti individwali tipiċi huma definiti fil-kuntest tal-istabbiliment ta' standards tal-kwalità ambjentali.

(4) Tetra, Penta, Eża u Ettabromodifeniletere biss (Numri CAS 40088-47-9, 32534-81-9, 36483-60-0, 68928-80-3, rispettivament).

(5) In-nonilfenol (CAS 25154-52-3, UE 246-672-0) inklużi l-isomeri 4-nonilfenol (CAS 104-40-5, UE 203-199-4) u 4-nonilfenol (ramifikat) (CAS 84852-15-3, UE 284-325-5).

(6) L-ottilfenol (CAS 1806-26-4, UE 217-302-5) inkluż l-isomeru 4-(1,1',3,3'-tetrametilbutil)-fenol (CAS 140-66-9, UE 205-426-2).

(7) Inkluż benżo(a)pirene (CAS 50-32-8, UE 200-028-5), benżo(b)fluworantene (CAS 205-99-2, UE 205-911-9), benżo(g,h,i)perilene (CAS 191-24-2, UE 205-883-8), benżo(k)fluworantene (CAS 207-08-9, UE 205-916-6), indeno(1,2,3-cd)pirene (CAS 193-39-5, UE 205-893-2) u minbarra l-antraċina, il-fluworantene u n-naftalina, li huma elenkati separatament.

(8) Inkluż il-katjonu tat-tributiltin (CAS 36643-28-4).

(9) Dan jirreferi għall-komposti li ġejjin:

7dibenżo-p-diossini poliklorinati (PCDDs): 2,3,7,8-T4CDD (CAS 1746-01-6), 1,2,3,7,8-P5CDD (CAS 40321-76-4), 1,2,3,4,7,8-H6CDD (CAS 39227-28-6), 1,2,3,6,7,8-H6CDD (CAS 57653-85-7), 1,2,3,7,8,9-H6CDD (CAS 19408-74-3), 1,2,3,4,6,7,8-H7CDD (CAS 35822-46-9), 1,2,3,4,6,7,8,9-

O8CDD (CAS 3268-87-9)

10 dibenżofurani poliklorinati (PCDFs): 2,3,7,8-T4CDF (CAS 51207-31-9), 1,2,3,7,8-P5CDF (CAS 57117-41-6), 2,3,4,7,8-P5CDF (CAS 57117-31-4), 1,2,3,4,7,8-H6CDF (CAS 70648-26-9), 1,2,3,6,7,8-H6CDF (CAS 57117-44-9), 1,2,3,7,8,9-H6CDF (CAS 72918-21-9), 2,3,4,6,7,8-H6CDF (CAS 60851-34-5), 1,2,3,4,6,7,8-H7CDF (CAS 67562-39-4), 1,2,3,4,7,8,9-H7CDF (CAS 55673-89-7), 1,2,3,4,6,7,8,9-O8CDF (CAS 39001-02-0)

12 bifenili poliklorinati simili għad-diossini (PCB-DL): 3,3',4,4'-T4CB (PCB 77, CAS 32598-13-3), 3,3',4',5-T4CB (PCB 81, CAS 70362-50-4), 2,3,3',4,4'-P5CB (PCB 105, CAS 32598-14-4), 2,3,4,4',5-P5CB (PCB 114, CAS 74472-37-0), 2,3',4,4',5-P5CB (PCB 118, CAS 31508-00-6), 2,3',4,4',5'-P5CB (PCB 123, CAS 65510-44-3), 3,3',4,4',5-P5CB (PCB 126, CAS 57465-28-8), 2,3,3',4,4',5-H6CB (PCB 156, CAS 38380-08-4), 2,3,3',4,4',5'-H6CB (PCB 157, CAS 69782-90-7), 2,3',4,4',5,5'-H6CB (PCB 167, CAS 52663-72-6), 3,3',4,4',5,5'-H6CB (PCB 169, CAS 32774-16-6), 2,3,3',4,4',5,5'-H7CB (PCB 189, CAS 39635-31-9).

(10) CAS 52315-07-8 jirreferi għal taħlita ta' ċipermetrina, alfa-ċipermetrina (CAS 67375-30-8), beta-ċipermetrina (CAS 65731-84-2), teta-ċipermetrina (CAS 71697-59-1) u zeta-ċipermetrina (52315-07-8).

(11) Dan jirreferi għal 1,3,5,7,9,11-Eżabromoċiklododekan (CAS 25637-99-4), 1,2,5,6,9,10-Eżabromoċiklododekan (CAS 3194-55-6), α-Eżabromoċiklododekan (CAS 134237-50-6), β-Eżabromoċiklododekan (CAS 134237-51-7) u γ- Eżabromoċiklododekan (CAS 134237-52-8).

---

## SKEDA XI

## SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI GĦALL-ANALIŻI U L-MONITORAĠĠ KIMIĊI TAL-ISTAT TAL-ILMA

A: Metodi ta' analiżi

L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-metodi kollha ta' analiżi, inklużi metodi fil-laboratorji, fil-post u fuq l-Internet, użati għall-finijiet ta' programmi ta' monitoraġġ kimiku mwettqa skont dawn ir-regolamenti huma vvalidati u ddokumentati skont l-istandard EN ISO/IEC-17025: 2005 jew standards oħra ekwivalenti aċċettati f'livell internazzjonali.

B: Kriterji minimi ta' prestazzjoni għal metodi ta' analiżi

1. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-kriterji minimi ta' prestazzjoni għall-metodi kollha ta' analiżi huma bbażati fuq inċertezza tal-kejl ta' 50% jew taħt il-50% (k = 2) stmata fil-livell ta' standards ambjentali rilevanti ta' kwalità u f'limitu ta' kwantifikazzjoni daqs jew anqas minn valur ta' 30% tal-istandards ambjentali rilevanti ta' kwalità.

2. Fin-nuqqas ta' *standard* ambjentali rilevanti ta' kwalità għal parametru partikolari, jew fin-nuqqas ta' metodu ta' analiżi li jissodisfa l-kriterji minimi ta' prestazzjoni ddefiniti fil-punt C(1), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-monitoraġġ jitwettaq bl-użu tal-aqwa tekniki disponibbli mingħajr ma jinvolvi spejjeż eċċessivi.

Ċ: Kalkolu ta' valuri medji

1. Fejn l-ammonti ta' valuri fiżikokimiċi jew kimiċi li għandhom jitkejlu f'kampjun partikolari jkunu taħt il-limitu ta' kwantifikazzjoni, ir-riżultati tal-kejl għandhom jiġu ffissati għal nofs il-valur tal-limitu ta' kwantifikazzjoni konċernat għall-kalkolu tal-valuri medji.

2. Fejn valur medju kkalkulat tar-riżultati tal-kejl imsemmija fil-paragrafu 1 ikun taħt il-limiti ta' kwantifikazzjoni, il-valur għandu jissemma bħala "anqas mil-limitu ta' kwantifikazzjoni".

3. Il-punt Ċ(1) ma għandux japplika għall-valuri li għandhom jitkejlu li huma somom totali ta' grupp partikolari ta' parametri fiżikokimiċi jew valuri kimiċi li

għandhom jitkejlu, inklużi l-metaboliti u l-prodotti ta' degradazzjoni u ta' reazzjoni rilevanti tagħhom. F'dawk il-każijiet, riżultati taħt il-limitu ta' kwantifikazzjoni tas-sustanzi individwali għandhom jiġu ffissati għal żero.

D: Assigurazzjoni ta' kwalità u kontroll

1. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li laboratorji jew partijiet b'kuntratt ma' laboratorji japplikaw prattiki ta' sistema ta' ġestjoni ta' kwalità skont l-EN ISO/IEC-17025 jew standards oħra ekwivalenti aċċettati f'livell internazzjonali.

2. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li laboratorji jew partijiet b'kuntratt ma' laboratorji jipprovaw il-kompetenzi tagħhom fl-analiżi ta' valuri fiżikokimiċi jew kimiċi rilevanti li għandhom jitkejlu billi:

(*a*) jipparteċipaw fi programmi ta' ttestjar ta' ħila li jkopru l-metodi ta' analiżi msemmija f'A : Metodu ta' Analiżi f'din l-Iskeda ta' valuri li għandhom jitkejlu f'livelli ta' konċentrazzjonijiet li jirrappreżentaw programmi ta' monitoraġġ kimiku mwettqa skont dawn ir-regolamenti; u

(*b*) janalizzaw materjali ta' referenza disponibbli li jirrapreżentaw il-kampjuni miġbura li fihom livelli xierqa ta' konċentrazzjonijiet relatati mal-istandards ta' kwalità ambjentali rilevanti msemmija f'punt B(1) ta' B: Kriterji minimi ta' prestazzjoni għal metodi ta' analiżi kif inkluż f'din l-Iskeda.

3. Il-programmi ta' ttestjar ta' ħila msemmija fil-punt D2(a) hawn fuq għandhom jiġu organizzati minn organizzazzjonijiet akkreditati jew organizzazzjonijiet rikonoxxuti internazzjonalment jew nazzjonalment li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-gwida 43-1 ISO/IEC jew ta' standards oħra ekwivalenti rikonoxxuti f'livell internazzjonali.

Ir-riżultati ta' parteċipazzjoni f'dawk il-programmi għandhom jiġu evalwati abbażi ta' sistemi ta' punti definiti fil-gwida 43-1 ISO/IEC jew fl-istandard ISO-13528 jew fi standards oħra ekwivalenti aċċettati f'livell internazzjonali.

E: Dħul fis-seħħ ta' din l-Iskeda

L-awtorità kompetenti għandha ssegwi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-metodi standardizzati għall-analiżi u l-immonitorjar ta' status tal-ilma, skont il-kundizzjonijiet f'din l-Iskeda XI, sa mhux aktar tard minn 7 snin mill-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.